ISSN 1977-0987

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

C 114

Edizzjoni bil-Malti

## Informazzjoni u Avviżi

Volum 56

20 ta' April 2013

Avviż Nru | Werrej | Paġna

IV *Informazzjoni*

INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

**Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea**

2013/C 114/01 L-Aħħar Pubblikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ĠU C 108, 13.4.2013 ..... 1

**Il-Qorti Ġenerali**

2013/C 114/02 Assenjazzjoni tal-Imħallfin lill-awli ..... 2

V *Avviżi*

PROĊEDURI TAL-QORTI

**Il-Qorti tal-Ġustizzja**

2013/C 114/03 Kawża C-460/09 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Frar 2013 — Inalca SpA — Industria Alimentari Carni u Cremonini SpA vs Il-Kummissjoni Ewropea (Appell — Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea — Konstatazzjoni ta' irregolaritajiet fil-ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni ta' laħam taċ-ċanga u tal-vitella lejn il-Ġordan — Investigazzjoni tal-OLAF — Komunikazzjoni tal-konklużjonijiet tal-OLAF lill-awtoritajiet nazzjonali — Kostituzzjoni ta' garanziji — Talba għal rimbors tal-ispejjeż relatati — Rabta kawżali — Appell inċidentali — Terminu ta' preskrizzjoni — Bidu tad-dekorrenza) ..... 5

MT

Prezz: 4 EUR

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

2013/C 114/04 Kawża C-473/10: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Frar 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Ungerija (Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Żvilupp ta' linji tal-ferrovija Komunitarji — Allokazzjoni tal-kapaċitajiet tal-infrastruttura ferrovjarja — Impożizzjoni ta' tariffa tal-infrastruttura ferrovjarja — Direttivi 91/440/KEE u 2001/14/KE — Traspożizzjoni inkompleta) . . . . . 5

2013/C 114/05 Kawża C-483/10: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Frar 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja (Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Żvilupp ta' ferroviji Komunitarji — Direttiva 2001/14/KE — Allokazzjoni tal-kapaċitajiet tal-infrastruttura ferrovjarja — Impożizzjoni tat-tariffi — Tariffi — Indipendenza tal-amministrazzjoni) . . . . . 6

2013/C 114/06 Kawża C-555/10: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Frar 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Awstrija ("Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Trasport — Żvilupp ta' linji tal-ferrovija Komunitarji — Direttiva 91/440/KEE — Artikolu 6(3) u Anness II — Direttiva 2001/14/KE — Artikoli 4(2) u 14(2) — Amministratur tal-infrastruttura — Indipendenza organizzattiva u deċiżjonali — Struttura ta' holding — Traspożizzjoni inkompleta") . . . . . 6

2013/C 114/07 Kawża C-556/10: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Frar 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Trasport — Żvilupp ta' linji tal-ferrovija Komunitarji — Direttiva 91/440/KEE — Artikolu 6(3) u Anness II — Direttiva 2001/14/KE — Artikoli 4(2) u 14(2) — Amministratur tal-infrastruttura — Indipendenza organizzattiva u deċiżjonali — Struttura ta' kumpannija holding — Direttiva 2001/14 — Artikoli 7(3) u 8(1) — Stabbiliment ta' tariffi fuq il-bażi ta' spejjeż diretti — Impożizzjoni ta' tariffi — Spejjeż diretti — Spejjeż totali — Direttiva 2001/14 — Artikolu 6(2) — Nuqqas ta' miżuri ta' inċentiv għat-tnaqqis tal-ispejjeż — Direttiva 91/440 — Artikolu 10(7) — Direttiva 2001/14 — Artikolu 30(4) — Korp regolatorju — Kompetenzi) . . . . . 7

2013/C 114/08 Kawża C-617/10: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Awla Manja) tas-26 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Haparanda tingsrätt — l-Isvezja) — Åklagaren vs Hans Åkerberg Fransson (Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Kamp ta' applikazzjoni — Artikolu 51 — Implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni — Trażżin ta' aġir li jikkawża ħsara fir-rigward ta' riżors proprju tal-Unjoni — Artikolu 50 — Prinċipju ta' ne bis in idem — Sistema nazzjonali li timplika żewġ proċeduri separati, amministrattivi u kriminali, sabiex jiġi ssanzjonat l-istess aġir imputabbli — Kompatibbiltà) . . . . . 7

2013/C 114/09 Kawża C-11/11: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-26 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesgerichtshof — il-Ġermanja) — Air France vs Heinz-Gerke Folkerts, Luz-Tereza Folkerts (Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Trasport bl-ajru — Regolament (KE) Nru 261/2004 — Artikoli 6 u 7 — Titjira b'konnessjoni(jiet) — Osservazzjoni ta' dewmien fil-wasla fid-destinazzjoni finali — Żmien ta' dewmien ugwali għal jew iktar minn tliet sigħat — Dritt tal-passiġġieri għal kumpens) . . . . . 8

2013/C 114/10 Kawża C-123/11: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba Awla) tal-21 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Korkein hallinto-oikeus — il-Finlandja) — A Oy (Libertà ta' stabbiliment — Artikolu 49 TFUE — Leġiżlazzjoni fiskali — Amalgamazzjoni ta' kumpannija parent stabbilita fi Stat Membru ma' sussidjarja stabbilita fi Stat Membru ieħor — Tnaqqis mill-kumpannija parent tat-telf tas-sussidjarja li jirriżulta mill-attivitajiet ta' din tal-aħħar — Esklużjoni għas-sussidjarji mhux residenti) 9

2013/C 114/11 Kawża C-168/11: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesfinanzhof — il-Ġermanja) — Manfred Beker, Christa Beker vs Finanzamt Heilbronn (Moviment liberu tal-kapital — Taxxa fuq id-dħul — Dħul minn kapital — Ftehim għall-prevenzjoni mit-taxxa doppja — Dividendi mqassma minn kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri u fi Stati terzi — Determinazzjoni tal-limitu massimu ta' imputazzjoni tat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn f'pajjiż barrani fuq it-taxxa fuq id-dħul nazzjonali — Nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-ispejjeż personali u relatati mal-istil ta' ħajja — Ġustifikazzjoni) . . . . . 9

| Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna |
|---|---|---|
| 2013/C 114/12 | Kawża C-243/11: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-21 ta’ Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari ta’ rechtbank van eerste aanleg te Brussel — il-Belġju) — RVS Levensverzekeringen NV vs L-Istat Belġjan (“Assigurazzjoni diretta fuq il-ħajja — Taxxa annwali fuq it-tranżazzjonijiet ta’ assigurazzjoni — Direttiva 2002/83/KE — Artikoli 1(1)(g) u 50 — Kunċett ta’ ‘L-Istat Membru ta’ l-impenn’ — Impriża ta’ assigurazzjoni stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi — Persuna assigurata li ffirmat kuntratt ta’ assigurazzjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi u ttrasferixxiet ir-residenza abitwali tagħha fil-Belġju wara l-konklużjoni tal-kuntratt — Libertà li jiġu provduti servizzi”) | 10 |
| 2013/C 114/13 | Kawża C-246/11 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-28 ta’ Frar 2013 — Ir-Repubblika Portugiża vs Il-Kummissjoni Ewropea (Appell — Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Regolament (KEE) Nru 2052/88 — Artikolu 13(3) — Regolament (KEE) Nru 4253/88 — Artikolu 21(1) — Sussidju globali ta’ sostenn għall-investiment lokali fil-Portugall — Tnaqqis tal-għajnuna finanzjarja) | 10 |
| 2013/C 114/14 | Kawża C-282/11: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-21 ta’ Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Superior de Justicia de Galicia — Spanja) — Concepción Salgado González vs Instituto Nacional de la Seguridad Social (INSS), Tesorería General de la Seguridad Social (TGSS) (Artikolu 48 TFUE — Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti — Regolamenti (KEE) Nru 1408/71 u (KE) Nru 883/2004 — Assigurazzjoni għax-xjuħija u għall-mewt — Proċeduri speċjali għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-assigurazzjoni għax-xjuħija — Kalkolu tal-benefiċċji) | 11 |
| 2013/C 114/15 | Kawża C-332/11: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-21 ta’ Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hof Van Cassatie (il-Belġju) — ProRail NV vs Xpedys NV, DB Schenker Rail Nederland NV, Nationale Maatschappij der Belgische Spoorwegen NV, FAG Kugelfischer GmbH (Regolament (KE) Nru 1206/2001 — Kooperazzjoni fil-qasam tal-kisba tal-provi f’materji ċivili jew kummerċjali — Eżekuzzjoni diretta tal-kumpilazzjoni ta’ xhieda — Ħatra ta’ espert — Inkarigu mwettaq parzjalment fit-territorju tal-Istat Membru tal-qorti tar-rinviju u parzjalment fit-territorju ta’ Stat Membru ieħor) | 11 |
| 2013/C 114/16 | Kawża C-399/11: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-26 ta’ Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Constitucional Madrid — Spanja) — Proċeduri kriminali kontra Stefano Melloni (Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f’materji kriminali — Mandat ta’ arrest Ewropew — Proċeduri ta’ konsenja bejn l-Istati Membri — Deċiżjonijiet mogħtija wara kawża li fiha l-persuna kkonċernata ma dehritx personalment — Eżekuzzjoni ta’ sentenza mogħtija in absentia — Possibbiltà ta’ reviżjoni tas-sentenza) | 12 |
| 2013/C 114/17 | Kawża C-425/11: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-28 ta’ Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Baden-Württemberg — il-Ġermanja) — Katja Ettwein vs Finanzamt Konstanz (Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, fuq il-moviment liberu tal-persuni — Ugwaljanza fit-trattament — Ħaddiema transkonfinali li jaħdmu għal rashom — Ċittadini ta’ Stat Membru tal-Unjoni — Dħul professjonali riċevut f’dan l-Istat Membru — Rilokazzjoni tal-post ta’ residenza fl-Isvizzera — Rifjut ta’ vantaġġ fiskali f’dan l-Istat Membru minħabba trasferiment tar-residenza) | 13 |
| 2013/C 114/18 | Kawża C-427/11: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-28 ta’ Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-High Court of Ireland — l-Irlanda) — Margaret Kenny et vs Minister for Justice, Equality and Law Reform et (Artikolu 141 KE — Direttiva 75/117/KEE — Ugwaljanza fir-rigward tar-remunerazzjonijiet bejn ħaddiema rġiel u ħaddiema nisa — Diskriminazzjoni indiretta — Ġustifikazzjoni oġġettiva — Kundizzjonijiet) | 13 |
| 2013/C 114/19 | Kawża C-472/11: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-21 ta’ Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Fővárosi Törvényszék (li kienet Fővárosi Bíróság) — Banif Plus Bank Zrt. vs Csaba Csipai, Viktória Csipai (Direttiva 93/13/KEE — Klawżoli inġusti f’kuntratti mal-konsumaturi — Eżami ex officio, mill-qorti nazzjonali, tan-natura inġusta ta’ klawżola — Obbligu, għall-qorti nazzjonali li tkun ikkonstatat ex officio n-natura inġusta ta’ klawżola, li tistieden lill-partijiet sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom qabel ma tislet il-konsegwenzi ta’ din il-konstatazzjoni — Klawżoli kuntrattwali li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-eżami tan-natura inġusta) | 14 |

MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

2013/C 114/20 Kawża C-544/11: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-28 ta’ Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Rheinland-Pfalz — il-Ġermanja) — Helga Petersen, Peter Petersen vsFinanzamt Ludwigshafen (“Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Moviment liberu tal-ħaddiema — Leġiżlazzjoni ta’ Stat Membru li tippermetti l-eżenzjoni tat-taxxa fuq id-dħul miksub minn xogħol magħmul fi Stat ieħor fil-kuntest ta’ għajnuna għall-iżvilupp — Kundizzjonijiet — Stabbiliment tal-persuna li timpjega fit-territorju nazzjonali — Rifjut meta l-persuna li timpjega hija stabbilita fi Stat Membru ieħor”) .......... 15

2013/C 114/21 Kawża C-561/11: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-21 ta’ Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de lo Mercantil de Alicante — Spanja) — Fédération Cynologique Internationale vs Federación Canina Internacional de Perros de Pura Raza (Trade marks Komunitarji — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 9(1) — Kunċett ta’ “terzi” — Proprjetarju ta’ trade mark Komunitarja sussegwenti) .......... 15

2013/C 114/22 Kawża C-619/11: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-21 ta’ Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal du travail de Bruxelles — Belġju) — Patricia Dumont de Chassart vs Office national d’allocations familiales pour travailleurs salariés (ONAFTS) (Sigurtà soċjali — Regolament (KEE) Nru 1408/71 — Artikoli 72, 78(2)(b), u 79(1)(a) — Benefiċċji tal-familja għall-orfni — Aggregazzjoni ta’ perijodi ta’ assigurazzjoni u ta’ impjieg — Perijodi mwettqa mill-ġenitur sopravissut fi Stat Membru ieħor — Assenza ta’ teħid inkunsiderazzjoni) .......... 16

2013/C 114/23 Kawża C-655/11 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-21 ta’ Frar 2013 — Seven for all mankind LLC vs Seven SpA — L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (Appell — Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta’ oppożizzjoni — Trade mark verbali preċedenti — Element “SEVEN” — Xebh tas-sinjali — Probabbiltà ta’ konfużjoni — Raġuni relattiva għal rifjut) 16

2013/C 114/24 Kawża C-1/12: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-28 ta’ Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal da Relação de Lisbona — il-Portugall) — Ordem dos Técnicos Oficiais de Contas vs Autoridade da Concorrência (Ordni ta’ accountants — Regolament dwar is-sistema ta’ taħriġ obbligatorju tal-accountants — Artikolu 101 TFUE — Assoċjazzjoni ta’ impriżi — Restrizzjoni tal-kompetizzjoni — Ġustifikazzjonijiet — Artikolu 106(2) TFUE) .......... 17

2013/C 114/25 Kawża C-18/12: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-21 ta’ Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Nejvyšší správní soud — ir-Repubblika Ċeka) — Město Žamberk vs Finanční ředitelství vs Hradci Králové, li saret Odvolací finanční ředitelství (Tassazzjoni — VAT — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 132(1)(m) — Eżenzjoni — Provvisti ta’ servizzi li għandhom rabta stretta mal-prattika tal-isport jew tal-edukazzjoni fiżika — Prattika ta’ attivitajiet sportivi mhux organizzata u mhux sistematika — Park akwatiku muniċipali) .......... 18

2013/C 114/26 Kawża C-46/12: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-21 ta’ Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Ankenævnet for Uddannelsesstøtten (id-Danimarka) — LN vs Styrelsen for Videregående Uddannelser og Uddannelsesstøtte (“Ċittadinanza tal-Unjoni — Moviment liberu tal-ħaddiema — Prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament — Artikolu 45(2) TFUE — Regolament (KEE) Nru 1612/68 — Artikolu 7(2) — Direttiva 2004/38/KE — Artikolu 24(1) u (2) — Deroga mill-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament fir-rigward tal-għajnuna għall-manteniment tal-istudji taħt forma ta’ boroż ta’ studju jew ta’ self — Ċittadin tal-Unjoni li jistudja fi Stat Membru ospitanti — Attività mħallsa qabel u wara l-bidu tal-istudji — Għan prinċipali tal-persuna interessata fil-mument tad-dħul tagħha fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti — Impatt fuq il-kwalifika tagħha bħala ħaddiem u fuq id-dritt tagħha għal borża ta’ studju”) .......... 18

2013/C 114/27 Kawża C-68/12: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tas-7 ta’ Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Najvyšší súd Slovenskej republiky (is-Slovakkja) — Protimonopolný úrad Slovenskej republiky vs Slovenská sporiteľňa, a.s. (“Kunċett ta’ akkordju — Ftehim konkluż bejn diversi banek — Impriża kompetitriċi li topera fis-suq inkwistjoni b’mod allegatament illegali — Effett — Assenza”) .......... 19

MT

| | | |
|---|---|---|
| 2013/C 114/28 | Kawża C-79/12: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-21 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-Curtea de Apel Alba Iulia — ir-Rumanija) — SC Mora IPR SRL vs Direcția Generală a Finanțelor Publice Sibiu, Direcția Județeană pentru Accize și Operațiuni Vamale Sibiu (Tassazzjoni — VAT — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 211 — Ħlas differit tal-VAT fuq l-importazzjoni) | 20 |
| 2013/C 114/29 | Kawża C-104/12: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesfinanzhof — il-Ġermanja) — Finanzamt Köln-Nord vs Wolfram Becker (Sitt Direttiva tal-VAT — Artikolu 17(2)(a) — Dritt għat-tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Neċessità tal-eżistenza ta' rabta diretta u immedjata bejn tranżazzjoni tal-input u tranżazzjoni tal-output — Kriterju li jistabbilixxi din ir-rabta — Servizzi ta' avukat ipprovduti fil-kuntest ta' proċeduri kriminali għall-korruzzjoni mibdija f'kapaċità personali kontra l-amministratur u s-soċju prinċipali ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata) | 20 |
| 2013/C 114/30 | Kawża C-111/12: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-21 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato — l-Italja) — Ministero per i beni e le attività culturali et vs Ordine degli Ingegneri di Verona e Provincia et (Direttiva 85/384/KEE — Rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki formali fil-qasam tal-arkitettura — Artikoli 10 u 11(g) — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrikonoxxi l-ekwivalenza tal-kwalifiki ta' perit u ta' inġinier ċivili, iżda li tirriżerva lill-periti x-xogħol fuq binjiet ikklassifikati bħala patrimonju artistiku — Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament — Sitwazzjoni purament interna ta' Stat Membru) | 21 |
| 2013/C 114/31 | Kawża C-246/12 P: Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Frar 2013 — Ellinika Nafpigeia AE vs Il-Kummissjoni Ewropea (Appell — Għajnuna mill-Istat — Kostruzzjoni tal-bastimenti — Deċiżjoni li tiddikjara miżuri ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni — Protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà nazzjonali — Kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq intern) | 21 |
| 2013/C 114/32 | Kawża C-235/12 P: Appell ippreżentat fl-14 ta' Mejju 2012 minn H-Holding AG mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fit-2 ta' Marzu 2012, fil-Kawża T-594/11, H-Holding AG vs Il-Kummissjoni Ewropea | 22 |
| 2013/C 114/33 | Kawża C-563/12: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kúria (l-Ungerija) fil-5 ta' Diċembru 2012 — BDV Hungary Trading Kft. (fi stralċ) vs Nemzeti Adó — és Vámhivatal Közép-magyarországi Regionális Adó Főigazgatósága | 22 |
| 2013/C 114/34 | Kawża C-614/12: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Debreceni Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fil-31 ta' Diċembru 2012 — József Dutka vs Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal | 23 |
| 2013/C 114/35 | Kawża C-5/13: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Szombathelyi Törvényszék (l-Ungerija) fit-3 ta' Jannar 2013 — Kovács vs Vas Megyei Rendőr-főkapitányság | 23 |
| 2013/C 114/36 | Kawża C-15/13: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hanseatische Oberlandesgericht Hamburg (il-Ġermanja) fl-10 ta' Jannar 2013 — Datenlotsen Informationssysteme GmbH vs Technische Universität Hamburg-Harburg | 23 |
| 2013/C 114/37 | Kawża C-21/13: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fil-15 ta' Jannar 2013 — Simon, Evers, & Co GmbH vs Hauptzollamt Hamburg-Hafen | 24 |
| 2013/C 114/38 | Kawża C-67/13 P: Appell ippreżentat fit-8 ta' Frar 2013 minn Groupement des cartes bancaires (CB) mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fid-29 ta' Novembru 2012 fil-Kawża T-491/07, CB vs Il-Kummissjoni | 24 |


MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

| Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna |
|---|---|---|
| 2013/C 114/39 | Kawża C-68/13: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Rüsselsheim (il-Ġermanja) fit-8 ta Frar 2013 — Markus Weiss vs Condor Flugdienst GmbH | 25 |
| 2013/C 114/40 | Kawża C-79/13: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour du travail de Bruxelles (il-Belġju) fil-15 ta’ Frar 2013 — Agence fédérale pour l’accueil des demandeurs d’asile vs Selver Saciri et | 26 |
| 2013/C 114/41 | Kawża C-81/13: Rikors ippreżentat fil-15 ta’ Frar 2013 — Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta’ Fuq vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea | 26 |
| 2013/C 114/42 | Kawża C-83/13: Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Arbetsdomstolen (l-Isvezja) fid-19 ta’ Frar 2013 — Fonnship A/S, Svenska Transportarbetarförbundet vs Fonnship A/S, Svenska Transportarbetarförbundet, Facket för Service och Kommunikation (SEKO) | 27 |
| 2013/C 114/43 | Kawża C-90/13 P: Appell ippreżentat fit-22 ta’ Frar 2013 minn 1. garantovaná a.s. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fit-12 ta’ Diċembru 2012 fil-Kawża T-392/09 — 1. garantovaná a.s. vs Il-Kummissjoni Ewropea | 28 |
| 2013/C 114/44 | Kawża C-93/13 P: Appell ippreżentat fil-25 ta’ Frar 2013 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba’ Awla) fit-13 ta’ Diċembru 2012 fil-Kawża T-103/08, Versalis SpA, li kienet Polimeri Europa SpA, Eni SpA vs Il-Kummissjoni Ewropea | 28 |
| 2013/C 114/45 | Kawża C-100/13: Rikors ippreżentat fis-27 ta’ Frar 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja | 29 |


## Il-Qorti Ġenerali


| | | |
|---|---|---|
| 2013/C 114/46 | Kawża T-93/10: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta’ Marzu 2013 — Bilbaína de Alquitranes et vs ECHA (“REACH — Identifikazzjoni taż-żift tal-qatran tal-faħam b’temperatura għolja bħala sustanza ta’ tħassib serju ħafna — Rikors għal annullament — Att li jista’ jiġi kkontestat — Att regolamentari li ma jinkludix miżuri ta’ eżekuzzjoni — Inċidenza diretta — Ammissibbiltà — Ugwaljanza fit-trattament — Proporzjonalità”) | 30 |
| 2013/C 114/47 | Kawża T-94/10: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta’ Marzu 2013 — Rütgers Germany et vs ECHA (“REACH — Identifikazzjoni taż-żejt tal-antraċen bħala sustanza ta’ tħassib serju ħafna — Rikors għal annullament — Att li jista’ jiġi kkontestat — Att regolamentari li ma jinkludix miżuri ta’ eżekuzzjoni — Inċidenza diretta — Ammissibbiltà — Ugwaljanza fit-trattament — Proporzjonalità”) | 30 |
| 2013/C 114/48 | Kawża T-95/10: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta’ Marzu 2013 — Cindu Chemicals et vs ECHA (“REACH — Identifikazzjoni taż-żejt tal-antraċen, b’ammont baxx ta’ antraċen bħala sustanza ta’ tħassib serju ħafna — Rikors għal annullament — Att li jista’ jiġi kkontestat — Att regolamentari li ma jinkludix miżuri ta’ eżekuzzjoni — Inċidenza diretta — Ammissibbiltà — Ugwaljanza fit-trattament — Proporzjonalità”) | 31 |
| 2013/C 114/49 | Kawża T-96/10: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta’ Marzu 2013 — Rütgers Germany et vs ECHA (“REACH — Identifikazzjoni taż-żejt tal-antraċen (pasta tal-antraċen) bħala sustanza ta’ tħassib serju ħafna — Rikors għal annullament — Att li jista’ jiġi kkontestat — Att regolamentari li ma jinkludix miżuri ta’ eżekuzzjoni — Inċidenza diretta — Ammissibbiltà — Ugwaljanza fit-trattament — Proporzjonalità”) | 31 |

| Avviż Nru | Werrej (ikompli) | Paġna |
|---|---|---|
| 2013/C 114/50 | Kawża T-498/10: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2013 — Mayer Naman vs UASI — Daniel e Mayer (David Mayer) ("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja figurattiva David Mayer — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti DANIEL & MAYER MADE IN ITALY — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 35(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Talba tal-prova tal-użu ġenwin imressqa għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell — Tardività — Artikolu 57(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009") | 32 |
| 2013/C 114/51 | Kawża T-539/10: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2013 — Acino vs Il-Kummissjoni ("Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem — Sospensjoni tat-tqegħid fis-suq u rtirar ta' ċerti lottijiet ta' prodotti mediċinali li fihom l-ingredjent attiv Clopidogrel — Modifika tal-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq — Projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali — Regolament (KE) Nru 726/2004 u Direttiva 2001/83/KE — Proporzjonalità — Obbligu ta' motivazzjoni") | 32 |
| 2013/C 114/52 | Kawża T-186/11: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2013 — Schönberger vs Il-Parlament ("Rikors għal annullament — Dritt ta' petizzjoni — Petizzjoni indirizzata lill-Parlament Ewropew — Petizzjoni ddikjarata ammissibbli — Deċiżjoni li tagħlaq il-proċedura ta' petizzjoni — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà") | 33 |
| 2013/C 114/53 | Kawża T-247/11: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2013 — FairWild Foundation vs UASI — Wild (FAIRWILD) ("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Komunità Ewropea — Trade mark verbali FAIRWILD — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti WILD — Raġuni assoluta għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009") | 33 |
| 2013/C 114/54 | Kawża T-370/11: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2013 — Polonja vs Il-Kummissjoni ("Ambjent — Direttiva 2003/87/KE — Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra — Regoli tranżitorji li jikkonċernaw l-allokazzjoni armonizzata ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas mill-2013 — Punti ta' riferiment li għandhom jiġu applikati għall-kalkolu tal-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet — Ugwaljanza fit-trattament — Proporzjonalità") | 34 |
| 2013/C 114/55 | Kawża T-39/12 P: Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2013 — Di Tullio vs Il-Kummissjoni ("Appell — Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Leave għal servizz nazzjonali — L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg — Effetti ratione temporis ta' sentenza") | 34 |
| 2013/C 114/56 | Kawża T-591/10: Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Frar 2013 — Castiglioni vs Il-Kummissjoni ("Rikors għal annullament — Rikors għad-danni — Kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Kostruzzjoni, ristrutturar u manutenzjoni ta' bini u ta' infrastruttura fis-sit ta' Ispra taċ-Ċentru Komuni ta' Riċerka — Kriterji ta' selezzjoni — Ċaħda tal-offerta ta' offerent u deċiżjoni li l-kuntratt jingħata lil offerent ieħor — Motivi ġodda — Rikors parzjalment manifestament nieqes minn kull bażi legali u parzjalment manifestament inammissibbli") | 34 |
| 2013/C 114/57 | Kawża T-57/13: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2013 — Club Hotel Loutraki et vs Il-Kummissjoni | 35 |
| 2013/C 114/58 | Kawża T-58/13: Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2013 — Club Hotel Loutraki et vs Il-Kummissjoni | 36 |
| 2013/C 114/59 | Kawża T-59/13 P: Appell ippreżentat fit-30 ta' Jannar 2013 minn BT mid-digriet mogħti fit-3 ta' Diċembru 2012 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-45/12, BT vs Il-Kummissjoni | 37 |
| 2013/C 114/60 | Kawża T-73/13: Rikors ippreżentat fil-11 ta' Frar 2013 — InterMune UK et. vs EMA | 38 |


MT

*(Ikompli fil-paġna li jmiss)*

| | | |
|---|---|---|
| 2013/C 114/61 | Kawża T-93/13: Rikors ippreżentat fil-15 ta' Frar 2013 — Ir-Renju Unit vs BĊE | 38 |
| 2013/C 114/62 | Kawża T-94/13 P: Appell ippreżentat fis-17 ta' Frar 2013 minn Ioannis Ntouvas mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-11 ta' Diċembru 2012 fil-Kawża F-107/11 — Ntouvas vs ECDC | 39 |
| 2013/C 114/63 | Kawża T-104/13: Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2013 — Toshiba vs Il-Kummissjoni | 41 |
| 2013/C 114/64 | Kawża T-108/13: Rikors ippreżentat fit-23 ta' Frar 2013 — VTZ et vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea | 42 |
| 2013/C 114/65 | Kawża T-114/13 P: Appell ippreżentat fit-22 ta' Frar 2013 minn Maria Concetta Cerafogli mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fit-12 ta' Diċembru 2012 fil-Kawża F-43/10, Cerafogli vs BĊE | 42 |
| 2013/C 114/66 | Kawża T-115/13: Rikors ippreżentat fit-22 ta' Frar 2013 — Dennekamp vs Parlament | 43 |
| 2013/C 114/67 | Kawża T-125/13: Rikors ippreżentat fl-4 ta' Marzu 2013 — L-Italja vs Il-Kummissjoni | 44 |


**It-Tribunal għas-Servizz Pubbliku**


| | | |
|---|---|---|
| 2013/C 114/68 | Kawża F-124/10: Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-26 ta' Frar 2013 — Labiri vs KESE (Servizz pubbliku — Dmir ta' assistenza — Artikolu 12a tal-Istatut — Fastidju psikoloġiku — Investigazzjoni amministrattiva) | 46 |
| 2013/C 114/69 | Kawża F-74/11: Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-26 ta' Frar 2013 — Bojc Golob vs Il-Kummissjoni (Servizz pubbliku — Membru tal-persunal bil-kuntratt — Kuntratt għal żmien indeterminat — Rexissjoni) | 46 |
| 2013/C 114/70 | Kawża F-113/11: Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Frar 2013 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni (Servizz pubbliku — Artikolu 34(1) u (6) tar-Regoli tal-Proċedura — Rikors ippreżentat permezz ta' faks fit-terminu għall-preżentata ta' rikors — Firma bil-miktub tal-avukat differenti minn dik li tidher fuq l-oriġinal tar-rikors mibgħut bil-posta — Tardività tar-rikors — Inammissibbiltà manifesta) | 46 |
| 2013/C 114/71 | Kawża F-7/13: Rikors ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2013 — ZZ vs Il-Kummissjoni | 47 |
| 2013/C 114/72 | Kawża F-18/13: Rikors ippreżentat fid-19 ta' Frar 2013 — ZZ vs Il-Kummissjoni | 47 |
| 2013/C 114/73 | Kawża F-20/13: Rikors ippreżentat fis-26 ta' Frar 2013 — ZZ vs Il-Kummissjoni | 48 |
| 2013/C 114/74 | Kawża F-16/12: Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-27 ta' Frar 2013 — Kimman vs Il-Kummissjoni | 48 |
| 2013/C 114/75 | Kawża F-47/12: Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-28 ta' Frar 2013 — M vs EMA | 48 |


MT

IV

*(Informazzjoni)*

# INFORMAZZJONI MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA TAL-UNJONI EWROPEA

(2013/C 114/01)

**L-Aħħar Pubblikazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea***

ĠU C 108, 13.4.2013

**Pubblikazzjonijiet preċedenti**

ĠU C 101, 6.4.2013

ĠU C 86, 23.3.2013

ĠU C 79, 16.3.2013

ĠU C 71, 9.3.2013

ĠU C 63, 2.3.2013

ĠU C 55, 23.2.2013

Dawn it-testi huma disponibbli fuq:

EUR-Lex: http://eur-lex.europa.eu

# IL-QORTI ĠENERALI

## Assenjazzjoni tal-Imħallfin lill-awli

(2013/C 114/02)

Fit-18 ta' Marzu 2013, il-Laqgħa Plenarja tal-Qorti Ġenerali ddeċidiet, sussegwentement għad-dħul fil-kariga tal-Imħallef C. Wetter, li temenda d-deċiżjonijiet tal-Qorti Ġenerali tal-20 ta' Settembru 2010 ([1]), tas-26 ta' Ottubru 2010 ([2]), tad-29 ta' Novembru 2010 ([3]), tal-20 ta' Settembru 2011 ([4]), tal-25 ta' Novembru 2011 ([5]), tas-16 ta' Mejju 2012 ([6]), tas-17 ta' Settembru 2012 ([7]), tad-9 ta' Ottubru 2012 ([8]) u tad-29 ta' Novembru 2012 ([9]) dwar l-assenjazzjoni tal-Imħallfin lill-awli.

Għall-perijodu bejn it-18 ta' Marzu 2013 sal-31 ta' Awwissu 2013, l-Imħallfin huma assenjati lill-awli kif ġej:

*L-Ewwel Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:*

J. Azizi, President tal-Awla, I. Labucka, S. Frimodt Nielsen, D. Gratsias, M. Kancheva u E. Buttigieg, Imħallfin.

*L-Ewwel Awla, komposta minn tliet Imħallfin:*

J. Azizi, President tal-Awla;

a) S. Frimodt Nielsen M. Kancheva, Imħallfin;
b) S. Frimodt Nielsen u E. Buttigieg, Imħallfin;
c) M. Kancheva u E. Buttigieg, Imħallfin.

*It-Tieni Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:*

N. J. Forwood, President tal-Awla, F. Dehousse, I. Wiszniewska-Białecka, M. Prek u J. Schwarcz, Imħallfin.

*It-Tieni Awla, komposta minn tliet Imħallfin:*

N. J. Forwood, President tal-Awla;
F. Dehousse, Imħallef;
J. Schwarcz, Imħallef.

*It-Tielet Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:*

O. Czúcz, President tal-Awla, I. Labucka, S. Frimodt Nielsen, D. Gratsias, K. Kancheva u E. Buttigieg, Imħallfin.

*It-Tielet Awla, komposta minn tliet Imħallfin:*

O. Czúcz, President tal-Awla;
I. Labucka, Imħallef;
D. Gratsias, Imħallef.

(1) ĠU C 288, 23.10.2010, p. 2
(2) ĠU C 317, 20.11.2010, p. 5
(3) ĠU C 346, 18.12.2010, p. 2
(4) ĠU C 305, 15.10.2011, p. 2
(5) ĠU C 370, 17.12.2011, p. 5
(6) ĠU C 174, 16.06.2012. p. 2
(7) ĠU C 311, 13.10.2012, p. 2
(8) ĠU C 343, 10.11.2012, p. 2
(9) ĠU C 9, 12.01.2013, p. 3

*Ir-Raba' Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:*

I. Pelikánová, President tal-Awla, V. Vadapalas, K. Jürimäe, K. O'Higgins u M. van der Woude, Imħallfin.

*Ir-Raba' Awla, komposta minn tliet Imħallfin:*

I. Pelikánová, President tal-Awla;
K. Jürimäe, Imħallef;
M. van der Woude, Imħallef.

*Il-Ħames Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:*

S. Papasavvas, President tal-Awla, V. Vadapalas, K. Jürimäe, K. O'Higgins u M. van der Woude, Imħallfin.

*Il-Ħames Awla, komposta minn tliet Imħallfin:*

S. Papasavvas, President tal-Awla;
V. Vadapalas, Imħallef;
K. O'Higgins, Imħallef.

*Is-Sitt Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:*

H. Kanninen, President tal-Awla, M. E. Martins Ribeiro, S. Soldevila Fragoso, A. Popescu, G. Berardis u C. Wetter, Imħallfin.

*Is-Sitt Awla, komposta minn tliet Imħallfin:*

H. Kanninen, President tal-Awla;

a) S. Soldevila Fragoso u G. Berardis, Imħallfin;
b) S. Soldevila Fragoso u C. Wetter, Imħallfin;
c) G. Berardis u C. Wetter, Imħallfin.

*Is-Seba' Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:*

A. Dittrich, President tal-Awla, F. Dehousse, I. Wiszniewska-Białecka, M. Prek u J. Schwarcz, Imħallfin.

*Is-Seba' Awla, komposta minn tliet Imħallfin:*

A. Dittrich, President tal-Awla;
I. Wiszniewska-Białecka, Imħallef;
M. Prek, Imħallef.

*It-Tmien Awla Estiża, komposta minn ħames Imħallfin:*

L. Truchot, President tal-Awla, M. E. Martins Ribeiro, S. Soldevila Fragoso, A. Popescu, G. Berardis u C. Wetter, Imħallfin.

*It-Tmien Awla, komposta minn tliet Imħallfin:*

L. Truchot, President tal-Awla;
M. E. Martins Ribeiro, Imħallef;
A. Popescu, Imħallef.

Għall-perijodu bejn it-18 ta' Marzu 2013 sal-31 ta' Awwissu 2013:

— fl-Ewwel Awla Estiża, l-Imħallfin li flimkien mal-President tal-Awla jikkomponu l-kulleġġ ġudikanti estiż għandhom ikunu ż-żewġ Imħallfin l-oħra tal-Ewwel Awla kif inizjalment adita, ir-raba' Mħallef ta' din l-awla u Mħallef tat-Tielet Awla komposta minn tliet Imħallfin. Dan tal-aħħar, li ma għandux ikun il-President tal-Awla, għandu jintgħażel skont l-ordni prevista fl-Artikolu 6 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali;

— fit-Tielet Awla Estiża, l-Imħallfin li flimkien mal-President tal-Awla jikkomponu l-kulleġġ ġudikanti estiż għandhom ikunu ż-żewġ Imħallfin l-oħra tat-Tielet Awla kif inizjalment adita u żewġ Imħallfin tal-Ewwel Awla, kulleġġ ġudikanti kompost minn erba' Mħallfin. Dawn l-aħħar żewġ Imħallfin, li ebda wieħed minnhom ma għandu jkun il-President tal-Awla, għandhom jintgħażlu skont l-ordni prevista fl-Artikolu 6 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali;

— fis-Sitt Awla Estiża, l-Imħallfin li flimkien mal-President tal-Awla jikkomponu l-kulleġġ ġudikanti estiż għandhom ikunu ż-żewġ Imħallfin l-oħra tas-Sitt Awla kif inizjalment adita, ir-raba' Mħallef ta' din l-awla u Mħallef tat-Tmien Awla komposta minn tliet Imħallfin. Dan tal-aħħar, li ma għandux ikun il-President tal-Awla, għandu jintgħażel skont l-ordni prevista fl-Artikolu 6 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali;

— fit-Tmien Awla Estiża, l-Imħallfin li flimkien mal-President tal-Awla jikkomponu l-kulleġġ ġudikanti estiż għandhom ikunu ż-żewġ Imħallfin l-oħra tat-Tmien Awla kif inizjalment adita u żewġ Imħallfin tas-Sitt Awla, kulleġġ ġudikanti kompost minn erba' Mħallfin. Dawn l-aħħar żewġ Imħallfin, li ebda wieħed minnhom ma għandu jkun il-President tal-Awla, għandhom jintgħażlu skont l-ordni prevista fl-Artikolu 6 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali;

— fl-Ewwel Awla komposta minn tliet Imħallfin, il-kulleġġ ġudikanti għandu jkun kompost mill-President tal-Awla flimkien mal-Imħallfin imsemmija suċċessivament fil-punti (a), (b) jew (c), skont il-kulleġġ ġudikanti li jkun jagħmel parti minnu l-Imħallef Relatur. Għall-kawżi li fihom il-President tal-Awla jkun l-Imħallef Relatur, il-kulleġġ ġudikanti għandu jkun kompost mill-President tal-Awla flimkien mal-Imħallfin ta' kull wieħed minn dawn il-kulleġġi ġudikanti fuq bażi alternattiva fl-ordni tar-reġistrazzjoni tal-kawżi, bla ħsara għall-konnessjoni tal-kawżi.

— fis-Sitt Awla komposta minn tliet Imħallfin, il-kulleġġ ġudikanti għandu jkun kompost mill-President tal-Awla flimkien mal-Imħallfin imsemmija suċċessivament fil-punti (a), (b) jew (c), skont il-kulleġġ ġudikanti li jkun jagħmel parti minnu l-Imħallef Relatur. Għall-kawżi li fihom il-President tal-Awla jkun l-Imħallef Relatur, il-kulleġġ ġudikanti għandu jkun kompost mill-President tal-Awla flimkien mal-Imħallfin ta' kull wieħed minn dawn il-kulleġġi ġudikanti fuq bażi alternattiva fl-ordni tar-reġistrazzjoni tal-kawżi, bla ħsara għall-konnessjoni tal-kawżi.

V

*(Avviżi)*

# PROĊEDURI TAL-QORTI

# IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Frar 2013 — Inalca SpA — Industria Alimentari Carni u Cremonini SpA vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-460/09 P)** [1]

***(Appell — Responsabbiltà mhux kuntrattwali tal-Unjoni Ewropea — Konstatazzjoni ta' irregolaritajiet fil-ħlasijiet lura fuq l-esportazzjoni ta' laħam taċ-ċanga u tal-vitella lejn il-Ġordan — Investigazzjoni tal-OLAF — Komunikazzjoni tal-konklużjonijiet tal-OLAF lill-awtoritajiet nazzjonali — Kostituzzjoni ta' garanziji — Talba għal rimbors tal-ispejjeż relatati — Rabta kawżali — Appell inċidentali — Terminu ta' preskrizzjoni — Bidu tad-dekorrenza)***

(2013/C 114/03)

*Lingwa tal-proċedura: it-Taljan*

**Partijiet**

*Appellanti:* Inalca SpA — Industria Alimentari Carni u Cremonini SpA (rappreżentanti: F. Sciaudone u C. D'Andria, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci u P. Rossi, aġenti)

**Suġġett**

Appell mid-digriet tal-Qorti tal-Prim'Istanza (li saret il-Qorti Ġenerali) (Is-Sitt Awla) tal-4 ta' Settembru 2009, Inalca u Cremonini vs Il-Kummissjoni (T-174/06), li permezz tiegħu l-Qorti tal-Prim'Istanza ċaħdet rikors għal responsabbiltà mhux kuntrattwali intiż għall-ksib ta' kumpens għad-dannu allegatament subit mir-rikorrenti wara li ntbagħtu lill-awtoritajiet Taljani konklużjonijiet, li jinvolvu lir-rikorrenti, ta' investigazzjoni magħmula mill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) sabiex tiġi vverifikata l-leġittimità ta' ċerti rifużjonijiet fuq l-esportazzjoni ta' laħam taċ-ċanga u tal-vitella lejn il-Ġordan.

**Dispożittiv**

(1) *L-appell prinċipali u l-appell inċidentali huma miċħuda.*

(2) *Inalca SpA — Industria Alimentari Carni u Cremonini SpA huma kkundannati għall-ispejjeż relattivi għall-appell prinċipali.*

(3) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż relattivi għall-appell inċidentali.*

---

[1] ĠU C 24, 30.01.2010.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Frar 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Ungerija**

**(Kawża C-473/10)** [1]

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Żvilupp ta' linji tal-ferrovija Komunitarji — Allokazzjoni tal-kapaċitajiet tal-infrastruttura ferrovjarja — Impożizzjoni ta' tariffa tal-infrastruttura ferrovjarja — Direttivi 91/440/KEE u 2001/14/KE — Traspożizzjoni inkompleta)***

(2013/C 114/04)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Støvlbæk, B. Simon u A. Sipos, aġenti)

*Konvenuta:* L-Ungerija (rappreżentanti: M. Fehér, K. Szíjjártó u G. Koós, aġenti)

*Partijiet intervenjenti insostenn tal-parti rikorrenti:* Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek, T. Müller u J. Očková, aġenti), Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: M. Szpunar, B. Majczyna u M. Laszuk, aġenti)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas milli jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mal-Artikolu 6(3) u mal-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar

l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 341), kif ukoll mal-Artikoli 4(2), 6(1) u (2), 7(3), 11 u 14(2) tad-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001, dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji u ċertifikazzjoni tas-sigurtà (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 404)

## Dispożittiv

(1) *Billi ma adottatx, fit-terminu previst, il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi neċessarji kollha, sabiex tikkonforma ruħha mal-Artikoli 6(1) u (2) kif ukoll 7(3) tad-Direttiva 2001/14, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001, dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji u ċertifikazzjoni tas-sigurtà, kif emendata bid-Direttiva 2007/48/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2007, l-Ungerija naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont dawn id-dispożizzjonijiet.*

(2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

(3) *Il-Kummissjoni Ewropea u l-Ungerija għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

(4) *Ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika tal-Polonja għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

---

([1]) ĠU C 328, 04.12.2010.

---

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Frar 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Renju ta' Spanja

**(Kawża C-483/10)** ([1])

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Żvilupp ta' ferroviji Komunitarji — Direttiva 2001/14/KE — Allokazzjoni tal-kapaċitajiet tal-infrastruttura ferrovjarja — Impożizzjoni tat-tariffi — Tariffi — Indipendenza tal-amministrazzjoni)***

(2013/C 114/05)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: H. Støvlbæk u R. Vidal Puig, aġenti)

*Konvenut:* Ir-Renju tas-Spanja (rappreżentanti: S. Centeno Huerta u B. Plaza Cruz, aġenti)

*Partijiet intervenjenti insostenn tal-konvenut:* Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek, J. Očková u T. Müller, aġenti), ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: G. de Bergues u M. Perrot, aġenti)

## Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Ksur tal-Artikolu 10(7) tad-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 341), u tal-Artikoli 4(1), 11, 13(2), 14(1) u 30(1) tad-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001, dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal ferroviji u ċertifikazzjoni tas-sigurtà (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 404) — Tariffi — Indipendenza tal-amministrazzjoni

## Dispożittiv

(1) *Billi ma adottax miżuri leġiżlattivi, regolamentari u amministrattivi neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mal-Artikoli 4(1), 11, 13(2) u 14(1) tad-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001, dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji, kif emendata bid-Direttiva 2007/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-23 ta' Ottubru 2007, ir-Renju ta' Spanja naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt dawn id-dispożizzjonijiet.*

(2) *Ir-Renju ta' Spanja huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

(3) *Ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Franċiża għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

---

([1]) ĠU C 328, 04.12.2010.

---

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Frar 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Awstrija

**(Kawża C-555/10)** ([1])

***("Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Trasport — Żvilupp ta' linji tal-ferrovija Komunitarji — Direttiva 91/440/KEE — Artikolu 6(3) u Anness II — Direttiva 2001/14/KE — Artikoli 4(2) u 14(2) — Amministratur tal-infrastruttura — Indipendenza organizzattiva u deċiżjonali — Struttura ta' holding — Traspożizzjoni inkompleta")***

(2013/C 114/06)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea [rappreżentanti: G. Braun, B. Simon, R. Vidal Puig u H. Støvlbæk, aġenti]

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Awstrija [rappreżentanti: C. Pesendorfer u U. Zechner, aġenti]

*Parti intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Ir-Repubblika Taljana [rappreżentanti: G. Palmieri, aġent u S. Fiorentino, Avvocato dello Stato]

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst il-miżuri kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mal-Artikolu 6(3) u mal-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 341), kif ukoll mal-Artikoli 4(2) u 14(2) tad-Direttiva 2001/14/KE tal Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001, dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji u ċertifikazzjoni tas-sigurtà (ĠU Edizzjoni Speċjali bil Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 404)

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(3) *Ir-Repubblika Taljana għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

---

([1]) ĠU C 30, 29.01.2011

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Frar 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja**

**(Kawża C-556/10)** ([1])

***(Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Trasport — Żvilupp ta' linji tal-ferrovija Komunitarji — Direttiva 91/440/KEE — Artikolu 6(3) u Anness II — Direttiva 2001/14/KE — Artikoli 4(2) u 14(2) — Amministratur tal-infrastruttura — Indipendenza organizzattiva u deċiżjonali — Struttura ta' kumpannija holding — Direttiva 2001/14 — Artikoli 7(3) u 8(1) — Stabbiliment ta' tariffi fuq il-bażi ta' spejjeż diretti — Impożizzjoni ta' tariffi — Spejjeż diretti — Spejjeż totali — Direttiva 2001/14 — Artikolu 6(2) — Nuqqas ta' miżuri ta' inċentiv għat-tnaqqis tal-ispejjeż — Direttiva 91/440 — Artikolu 10(7) — Direttiva 2001/14 — Artikolu 30(4) — Korp regolatorju — Kompetenzi)***

(2013/C 114/07)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Braun u H. Støvlbæk, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja (rappreżentanti: T. Henze, J. Möller, N. Graf Vitzthum, aġenti u R. Van der Hout, avukati)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Ir-Repubblika Ċeka (rappreżentanti: M. Smolek, J. Očková u T. Müller, aġenti), Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri, aġent u S. Fiorentino, avvocato dello Stato)

**Suġġett**

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Nuqqas li jadotta, fit-terminu previst, id-dispożizzjonijiet kollha neċessarji sabiex jikkonforma ruħu mal-Artikolu 6(3) u mal-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 91/440/KEE, tad-29 ta' Lulju 1991, dwar l-iżvilupp tal-linji tal-ferrovija tal-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 1, p. 341), kif ukoll mal-Artikoli 2, 6(2), 7(3), 8(1), 14(2) u 30(4) tad-Direttiva 2001/14/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-26 ta' Frar 2001, dwar l-allokazzjoni ta' kapaċità ta' infrastruttura tal-ferroviji u t-tqegħid ta' piżijiet għall-użu ta' infrastruttura tal-ferroviji u ċertifikazzjoni tas-sigurtà (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 5, p. 404)

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

(3) *Ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Taljana għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.*

---

([1]) ĠU C 38, 05.02.2011.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Awla Manja) tas-26 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' Haparanda tingsrätt — l-Isvezja) — Åklagaren vs Hans Åkerberg Fransson**

**(Kawża C-617/10)** ([1])

***(Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Kamp ta' applikazzjoni — Artikolu 51 — Implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni — Trażżin ta' aġir li jikkawża ħsara fir-rigward ta' riżors proprju tal-Unjoni — Artikolu 50 — Prinċipju ta' ne bis in idem — Sistema nazzjonali li timplika żewġ proċeduri separati, amministrattivi u kriminali, sabiex jiġi ssanzjonat l-istess aġir imputabbli — Kompatibbiltà)***

(2013/C 114/08)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż*

**Qorti tar-rinviju**

Haparanda tingsrätt

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Åklagaren

*Konvenut:* Hans Åkerberg Fransson

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Haparanda tingsrätt — Interpretazzjoni tal-Artikoli 6 TUE u 50 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Ġurisprudenza nazzjonali li teżiġi bażi ċara fil-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jew fil-ġurisprudenza tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem sabiex taċċetta li ma tapplikax dispożizzjonijiet nazzjonali li jistgħu jkunu kuntrarji għall-prinċipju ta' *ne bis in idem* — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li aġir kuntrarju għad-dritt fiskali jista' jiġi ppenalizzat, minn naħa, fuq il-livell amministrattiv permezz ta' żieda fit-taxxa u, min-naħa l-oħra, fuq il-livell kriminali permezz ta' sentenza ta' priġunerija — Kompatibbiltà mal-prinċipju ta' *ne bis in idem* ta' sistema nazzjonali li timplika żewġ proċeduri separati sabiex jiġi ppenalizzat l-istess aġir illegali

**Dispożittiv**

(1) *Il-prinċipju ta' ne bis in idem sanċit fl-Artikolu 50 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea ma jipprekludix lil Stat Membru milli jimponi suċċessivament, għall-istess fatti ta' nuqqas ta' osservanza tal-obbligi dikjarattivi fil-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud, sanzjoni fiskali u sanzjoni kriminali sakemm l-ewwel sanzjoni ma tkunx ta' natura kriminali, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti nazzjonali;*

(2) *Id-dritt tal-Unjoni ma jirregolax ir-relazzjoni bejn il-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, u l-ordinamenti ġuridiċi tal-Istati Membri u lanqas ma jiddetermina l-konsegwenzi li għandhom jinsiltu mill-qorti nazzjonali f'każ ta' kunflitt bejn id-drittijiet żgurati minn din il-konvenzjoni u regola ta' dritt nazzjonali;*

(3) *Id-dritt tal-Unjoni jipprekludi prassi ġudizzjarja li tissuġġetta l-obbligu, tal-qorti nazzjonali, li ma tapplikax kull dispożizzjoni li tilledi xi dritt fundamentali żgurat mill-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea għall-kundizzjoni li l-imsemmija leżjoni tkun tirriżulta b'mod ċar mit-test ta' dik il-Karta jew mill-ġurisprudenza marbuta magħha, peress li din tirrifjuta lill-qorti nazzjonali s-setgħa li tevalwa b'mod sħiħ, u fejn ikun xieraq, bil-kooperazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-kompatibbiltà tal-imsemmija dispożizzjoni ma' dik l-istess Karta.*

(1) ĠU C 72, 05.03.2011.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-26 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesgerichtshof — il-Ġermanja) — Air France vs Heinz-Gerke Folkerts, Luz-Tereza Folkerts**

**(Kawża C-11/11)** [1]

***(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Trasport bl-ajru — Regolament (KE) Nru 261/2004 — Artikoli 6 u 7 — Titjira b'konnessjoni(jiet) — Osservazzjoni ta' dewmien fil-wasla fid-destinazzjoni finali — Żmien ta' dewmien ugwali għal jew iktar minn tliet sigħat — Dritt tal-passiġġieri għal kumpens)***

(2013/C 114/09)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesgerichtshof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Air France

*Konvenuti:* Heinz-Gerke Folkerts, Luz-Tereza Folkerts

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Bundesgerichtshof — Interpretazzjoni tal-Artikoli 6 u 7 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10) — Titjira interkontinentali komposta minn diversi partijiet — Sitwazzjoni fejn it-titjira tasal fid-destinazzjoni finali b'dewmien ta' għaxar sigħat, minkejja li d-dewmien fit-tluq tat-titjira jinsab fil-limiti imposti mill-Artikolu 6(1) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 — Dritt eventwali għal kumpens

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91, għandu jiġi interpretat fis-sens li kumpens huwa dovut, fuq il-bażi tal-imsemmi Artikolu, lill-passiġġier ta' titjira b'konnessjoni li kellu dewmien fit-tluq iqsar mil-limiti stabbiliti fl-Artikolu 6(1) tal-imsemmi regolament, iżda li wasal fid-destinazzjoni finali tiegħu b'dewmien ugwali għal jew iktar minn tliet sigħat mill-ħin tal-wasla skedat, minħabba li l-imsemmi kumpens ma huwiex suġġett għall-eżistenza ta' dewmien fit-tluq u, konsegwentement, għall-osservanza tal-kundizzjonijiet iddikjarati fl-imsemmi Artikolu 6.*

(1) ĠU C 95, 26.03.2011

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba Awla) tal-21 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Korkein hallinto-oikeus — il-Finlandja) — A Oy**

**(Kawża C-123/11)** [1]

***(Libertà ta' stabbiliment — Artikolu 49 TFUE — Leġiżlazzjoni fiskali — Amalgamazzjoni ta' kumpannija parent stabbilita fi Stat Membru ma' sussidjarja stabbilita fi Stat Membru ieħor — Tnaqqis mill-kumpannija parent tat-telf tas-sussidjarja li jirriżulta mill-attivitajiet ta' din tal-aħħar — Esklużjoni għas-sussidjarji mhux residenti)***

(2013/C 114/10)

*Lingwa tal-kawża: il-Finlandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Korkein hallinto-oikeus

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* A Oy

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Korkein hallinto-oikeus — Interpretazzjoni tal-Artikoli 49 TFUE u 54 TFUE — Libertà ta' stabbiliment — Leġiżlazzjoni fiskali nazzjonali — Amalgamazzjoni ma' kumpannija parent stabbilita fi Stat Membru ta' sussidjarja li temmet l-attività tagħha fi Stat Membru ieħor — Tnaqqis għall-kumpannija li assorbiet kumpannija oħra, fl-Istat Membru li fih hija stabbilita, tat-telf ikkonsolidat tal-kumpannija assorbita li jirriżulta mill-attivitatijiet ta' din tal-aħħar fl-Istat Membru l-ieħor

**Dispożittiv**

(1) *L-Artikoli 49 TFUE u 54 TFUE ma jipprekludux, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi l-possibbiltà għal kumpannija parent li tamalgama ma' sussidjarja stabbilita fi Stat Membru ieħor, u li temmet l-attività tagħha, tnaqqas mid-dħul taxxabbli tagħha t-telf subit minn din is-sussidjarja fis-snin preċedenti għall-amalgamazzjoni, filwaqt li din il-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħti din il-possibbiltà meta l-amalgamazzjoni ssir ma' sussidjarja residenti. Tali leġiżlazzjoni nazzjonali hija madankollu inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni jekk hija ma toffrix lill-kumpannija parent il-possibbiltà li turi li s-sussidjarja tagħha mhux residenti eżawriet il-possibbiltajiet ta' teħid inkunsiderazzjoni ta' dan it-telf u li ma jeżistux possibbiltajiet li dan jista' jittieħed inkunsiderazzjoni fl-Istat ta' residenza tagħha fis-snin futuri jew minnha stess, jew minn terz.*

(2) *Ir-regoli ta' kalkolu tat-telf tas-sussidjarja mhux residenti għall-finijiet tal-assunzjoni tagħhom mill-kumpannija parent residenti, f'operazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ma għandhomx jikkostitwixxu inugwaljanza fit-trattament mar-regoli ta' kalkolu applikabbli kieku din l-amalgamazzjoni kienet saret ma' sussidjarja residenti.*

---

[1] ĠU C 145, 14.05.2011.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesfinanzhof — il-Ġermanja) — Manfred Beker, Christa Beker vs Finanzamt Heilbronn**

**(Kawża C-168/11)** [1]

***(Moviment liberu tal-kapital — Taxxa fuq id-dħul — Dħul minn kapital — Ftehim għall-prevenzjoni mit-taxxa doppja — Dividendi mqassma minn kumpanniji stabbiliti fi Stati Membri u fi Stati terzi — Determinazzjoni tal-limitu massimu ta' imputazzjoni tat-taxxa mħallsa f'ras il-għajn f'pajjiż barrani fuq it-taxxa fuq id-dħul nazzjonali — Nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-ispejjeż personali u relatati mal-istil ta' ħajja — Ġustifikazzjoni)***

(2013/C 114/11)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesfinanzhof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Manfred Beker, Christa Beker

*Konvenut:* Finanzamt Heilbronn

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Bundesfinanzhof — Interpretazzjoni tal-Artikolu 56 KE — Leġiżlazzjoni nazzjonali fil-qasam tat-taxxa fuq id-dħul ta' persuni fiżiċi li tippermetti t-tnaqqis tat-taxxi mħallsa f'pajjiż ieħor biss mill-parti tat-taxxa nazzjonali fuq id-dħul relattiva għad-dħul mill-pajjiż l-ieħor — Metodu għad-determinazzjoni ta' din il-parti mit-taxxa nazzjonali fuq id-dħul li jwassal għall-attribuzzjoni proporzjonali tal-ispejjeż u imposti eċċezzjonali li jistgħu jitnaqqsu wkoll għad-dħul barrani, u li jwassal għalhekk għal tnaqqis korrispondenti fil-limitu ta' tnaqqis tat-taxxi mħallsa f'pajjiż ieħor

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 63 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li abbażi tagħha, fil-kuntest ta' sistema intiża sabiex tillimita t-taxxa doppja, meta persuni suġġetti għat-taxxa b'mod illimitat iħallsu fuq dħul b'oriġini barranija, fl-Istat tal-oriġini tad-dħul imsemmi, taxxa ekwivalenti għat-taxxa fuq id-dħul miġbura mill-imsemmi Stat Membru, l-imputazzjoni tal-imsemmija taxxa barranija fuq l-ammont tat-taxxa fuq id-dħul f'dan l-Istat Membru ssir billi l-ammont tat-taxxa dovuta abbażi ta' dħul taxxabbli fl-istess Stat Membru, inkluż id-dħul b'oriġini barranija, jiġi mmoltiplikat bir-relazzjoni eżistenti bejn l-imsemmi dħul b'oriġini barranija u s-somma tad-dħul, fejn din l-aħħar somma ma tiħux inkunsiderazzjoni l-ispejjeż speċjali u l-infiq straordinarju bħala spejjeż relattivi għall-istil ta' ħajja jew għas-sitwazzjoni personali jew tal-familja.*

(1) ĠU C 211, 16.07.2011.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari ta' rechtbank van eerste aanleg te Brussel — il-Belġju) — RVS Levensverzekeringen NV vs L-Istat Belġjan**

**(Kawża C-243/11)** (1)

***("Assigurazzjoni diretta fuq il-ħajja — Taxxa annwali fuq it-tranżazzjonijiet ta' assigurazzjoni — Direttiva 2002/83/KE — Artikoli 1(1)(g) u 50 — Kunċett ta' 'L-Istat Membru ta' l-impenn' — Impriża ta' assigurazzjoni stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi — Persuna assigurata li ffirmat kuntratt ta' assigurazzjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi u ttrasferixxiet ir-residenza abitwali tagħha fil-Belġju wara l-konklużjoni tal-kuntratt — Libertà li jiġu provduti servizzi")***

(2013/C 114/12)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Rechtbank van eerste aanleg te Brussel

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* RVS Levensverzekeringen NV

*Konvenuta:* L-Istat Belġjan

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Rechtbank van eerste aanleg te Brussel — Interpretazzjoni tal-Artikolu 50 tad-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Novembru 2002, li tikkonċerna l-assigurazzjoni fuq il-ħajja (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 6, p. 3) — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tissuġġetta t-tranżazzjonijiet ta' assigurazzjoni għal taxxa annwali fil-każ ta' riskju li jinsab fil-Belġju, jew għar-residenza abitwali tal-persuna fiżika li qed tiġi assigurata, jew għall-istabbiliment tal-persuna ġuridika li qed tiġi assigurata — Impriża tal-assigurazzjoni stabbilita fil-Pajjiżi l-Baxxi, mingħajr ebda preżenza fil-Belġju, bl-eċċezzjoni ta' wieħed mill-assigurati tagħha, espatrijat fil-Belġju wara l-konklużjoni tal-kuntratt — Post ta' tassazzjoni — Artikoli 49 u 56 TFUE — Restrizzjonijiet

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 50 tad-Direttiva 2002/83/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Novembru 2002, li tikkonċerna l-assigurazzjoni fuq il-ħajja, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lil Stat Membru milli jiġbor taxxa diretta fuq il-primjums ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja mħallsa minn persuni assigurati fiżiċi li għandhom ir-residenza abitwali tagħhom f'dan l-Istat Membru, meta l-kuntratti ta' assigurazzjoni kkonċernati kienu ġew iffirmati fi Stat Membru ieħor li fih l-imsemmija persuni assigurati kellhom, fid-data tal-iffirmar, ir-residenza abitwali tagħhom.*

(1) ĠU C 252, 27.08.2011

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-28 ta' Frar 2013 — Ir-Repubblika Portugiża vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-246/11 P)** (1)

***(Appell — Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) — Regolament (KEE) Nru 2052/88 — Artikolu 13(3) — Regolament (KEE) Nru 4253/88 — Artikolu 21(1) — Sussidju globali ta' sostenn għall-investiment lokali fil-Portugall — Tnaqqis tal-għajnuna finanzjarja)***

(2013/C 114/13)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Ir-Repubblika Portugiża (rappreżentanti: L. Inez Fernandes, S. Rodrigues u A. Gattini, aġenti)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: L. Flynn, A. Steiblytė u P. Guerra e Andrade, aġenti)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (It-Tmien Awla) tat-3 ta' Marzu 2011, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni (T-387/07), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali ċaħdet it-talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 3772, tal-31 ta' Lulju 2007, dwar it-tnaqqis tal-għajnuna mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) li tikkonċerna s-sussidju globali ta' għajnuna għall-investiment lokali fil-Portugall abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(95) 1769, tat-28 ta' Lulju 1995.

**Dispożittiv**

(1) *Is-sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea tat-3 ta' Marzu 2011, Il-Portugall vs Il-Kummissjoni (T-387/07), hija annullata.*

(2) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 3772, tal-31 ta' Lulju 2007, dwar it-tnaqqis tal-għajnuna mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR), li tikkonċerna s-sussidju globali ta' għajnuna għall-investiment lokali fil-Portugall abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(95) 1769, tat-28 ta' Lulju 1995, hija annullata.*

(3) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż marbuta kemm mal-proċedura fl-ewwel istanza kif ukoll ma' dik fl-appell.*

---

([1]) ĠU C 219, 23.07.2011

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Superior de Justicia de Galicia — Spanja) — Concepción Salgado González vs Instituto Nacional de la Seguridad Social (INSS), Tesorería General de la Seguridad Social (TGSS)**

**(Kawża C-282/11)** ([1])

***(Artikolu 48 TFUE — Sigurtà soċjali tal-ħaddiema migranti — Regolamenti (KEE) Nru 1408/71 u (KE) Nru 883/2004 — Assigurazzjoni għax-xjuħija u għall-mewt — Proċeduri speċjali għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-assigurazzjoni għax-xjuħija — Kalkolu tal-benefiċċji)***

(2013/C 114/14)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Superior de Justicia de Galicia

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Concepción Salgado González

*Konvenuti:* Instituto Nacional de la Seguridad Social (INSS), Tesorería General de la Seguridad Social (TGSS)

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunal Superior de Justicia de Galicia — Interpretazzjoni tal-Artikolu 48 TFUE, tal-Artikolu 3 u tal-Anness VI(D)(4) (attwalment l-ittra G) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35) u tal-Artikolu 87(5) u tal-Anness XI(2)(a) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72) — Assigurazzjoni għax-xjuħija u għall-mewt — Proċeduri speċjali għall-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni nazzjonali dwar l-assigurazzjoni għax-xjuħija — Kalkolu tal-benefiċċji — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi l-benefiċċju abbażi ta' bażi ta' kontribuzzjoni medja matul perijodu ta' riferiment ta' ħmistax-il sena.

**Dispożittiv**

*L-Artikoli 48 TFUE, 3, 46(2)(a) u 47(1)(g) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71 tal-Kunsill, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-sigurtà soċjali għall-persuni impjegati, u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità, fil-verżjoni tiegħu emendata u aġġornata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996, kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 629/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' April 2006, kif ukoll il-punt 4 tat-Titolu H tal-Anness VI tiegħu għandhom jiġu interpretati fis-sens li dawn jipprekludu leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li permezz tagħha l-ammont teoretiku tal-pensjoni tax-xjuħija tal-ħaddiem li jaħdem għal rasu, migrant jew le, huwa kkalkolat dejjem mill-bażijiet ta' kontribuzzjonijiet ta' dan il-ħaddiem fuq perijodu ta' riferiment stabbilit li jippreċedi l-ħlas tal-aħħar kontribuzzjoni tiegħu f'dan l-Istat, li għalihom huwa applikat diviżur stabbilit, mingħajr la t-tul ta' dan il-perijodu u lanqas dan id-diviżur ma jistgħu jiġu adattati sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni l-fatt li l-ħaddiem ikkonċernat ikun eżerċita d-dritt tiegħu għall-moviment liberu.*

---

([1]) ĠU C 269, 10.09.2011

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Hof Van Cassatie (il-Belġju) — ProRail NV vs Xpedys NV, DB Schenker Rail Nederland NV, Nationale Maatschappij der Belgische Spoorwegen NV, FAG Kugelfischer GmbH**

**(Kawża C-332/11)** ([1])

***(Regolament (KE) Nru 1206/2001 — Kooperazzjoni fil-qasam tal-kisba tal-provi f'materji ċivili jew kummerċjali — Eżekuzzjoni diretta tal-kumpilazzjoni ta' xhieda — Ħatra ta' espert — Inkarigu mwettaq parzjalment fit-territorju tal-Istat Membru tal-qorti tar-rinviju u parzjalment fit-territorju ta' Stat Membru ieħor)***

(2013/C 114/15)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

**Qorti tar-rinviju**

Hof Van Cassatie

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* ProRail NV

*Konvenuti:* Xpedys NV, DB Schenker Rail Nederland NV, Nationale Maatschappij der Belgische Spoorwegen NV, FAG Kugelfischer GmbH

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Hof van Cassatie van België — Interpretazzjoni tal-Artikoli 1 u 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001, tat-28 ta' Mejju 2001, dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 121) u tal-Artikolu 33(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat 22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali ("Brussell I") (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42) — Eżekuzzjoni diretta tal-kumpilazzjoni tax-xhieda mill qorti li tagħmel it-talba — Ħatra ta' espert u l-għoti lil dan, mill-qrati ta' Stat Membru, ta' missjoni li għandha titwettaq parzjalment fuq it-territorju tal-qrati inkwistjoni u parzjalment fuq it-territorju ta' Stat Membru ieħor — Applikazzjoni obbligatorja jew le tal-mekkaniżmu previst fl-Artikolu 17 tar-Regolament Nru 1206/2001

**Dispożittiv**

*L-Artikoli 1(1)(b) u 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1206/2001, tat-28 ta' Mejju 2001, dwar kooperazzjoni bejn il-qrati tal-Istati Membri fil-kumpilazzjoni ta' xhieda f'materji ċivili jew kummerċjali għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-qorti ta' Stat Membru li tixtieq li kumpilazzjoni ta' xhieda fdata lil espert titwettaq fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, ma hijiex neċessarjament obbligata tuża l-mezz ta' kisba tal-provi previst minn dawn id-dispożizzjonijiet sabiex tkun tista' tordna din il-kumpilazzjoni.*

[1] ĠU C 269, 10.09.2011

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Awla Manja) tas-26 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal Constitucional Madrid — Spanja) — Proċeduri kriminali kontra Stefano Melloni**

**(Kawża C-399/11)** [1]

***(Kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali — Mandat ta' arrest Ewropew — Proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri — Deċiżjonijiet mogħtija wara kawża li fiha l-persuna kkonċernata ma dehritx personalment — Eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija in absentia — Possibbiltà ta' reviżjoni tas-sentenza)***

(2013/C 114/16)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal Constitucional Madrid

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Proċeduri kriminali kontra:* Stefano Melloni

*Il-parti l-oħra:* Ministerio Fiscal

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunal Constitucional Madrid — Interpretazzjoni tal-Artikolu 4a tad-Deċiżjoni Kwadru [Qafas] tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, dwar il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l Istati Membri (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 34), kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009, li temenda d Deċiżjonijiet Kwadru [Qafas] 2002/584/ĠAI, 2005/214/ĠAI, 2006/783/ĠAI, 2008/909/ĠAI u 2008/947/ĠAI, u b'hekk issaħħaħ id-drittijiet proċedurali ta' persuni, li trawwem l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku fir-rigward ta' deċiżjonijiet mogħtija fl-assenza tal-persuna konċernata fil kawża (ĠU L 81, p. 24) u tal-Artikoli 47, 48 u 53 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea — Deċiżjonijiet mogħtija fi tmiem proċeduri fejn il persuna kkonċernata ma dehritx personalment — Eżekuzzjoni ta' piena mogħtija *in absentia* — Possibbiltà ta' stħarriġ ta' deċiżjoni

**Dispożittiv**

(1) *L-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2002/584/ĠAI, tat-13 ta' Ġunju 2002, fuq il-mandat ta' arrest Ewropew u l-proċeduri ta' konsenja bejn l-Istati Membri, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/299/ĠAI, tas-26 ta' Frar 2009, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi lill-awtorità ġudizzjarja ta' eżekuzzjoni li, fl-ipoteżijiet indikati f'din id-dispożizzjoni, tissuġġetta l-eżekuzzjoni ta' mandat ta' arrest Ewropew maħruġ għall-finijiet tal-eżekuzzjoni ta' piena għall-kundizzjoni li l-kundanna mogħtija in absentia tkun tista' tiġi riveduta fl-Istat Membru emittenti.*

(2) *L-Artikolu 4a(1) tad-Deċiżjoni Qafas 2002/584, kif emendata bid-Deċiżjoni Qafas 2009/299, huwa kompatibbli mar-rekwiżiti li joħorġu mill-Artikoli 47 u 48(2) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.*

(3) *L-Artikolu 53 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jippermettix lil Stat Membru li jissuġġetta l-konsenja ta' persuna kkundannata in absentia għall-kundizzjoni li l-kundanna tkun tista' tiġi riveduta fl-Istat Membru emittenti, sabiex jiġi evitat il-ksur tad-dritt għal smigħ xieraq u tad-drittijiet tad-difiża ggarantiti mill-kostituzzjoni tiegħu.*

[1] ĠU C 290, 01.10.2011.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-28 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Baden-Württemberg — il-Ġermanja) — Katja Ettwein vs Finanzamt Konstanz**

**(Kawża C-425/11)** [1]

***(Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, fuq il-moviment liberu tal-persuni — Ugwaljanza fit-trattament — Ħaddiema transkonfinali li jaħdmu għal rashom — Ċittadini ta' Stat Membru tal-Unjoni — Dħul professjonali riċevut f'dan l-Istat Membru — Rilokazzjoni tal-post ta' residenza fl-Isvizzera — Rifjut ta' vantaġġ fiskali f'dan l-Istat Membru minħabba trasferiment tar-residenza)***

(2013/C 114/17)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Baden-Württemberg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Katja Ettwein

*Konvenuta:* Finanzamt Konstanz

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Finanzgericht Baden-Württemberg — Interpretazzjoni tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal persuni, tal-21 ta' Ġunju 1999, approvat f'isem il-Komunità bid-Deċiżjoni tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, tal-4 ta' April 2002 (ĠU L 114, p. 6), u, b'mod partikolari, tal-Artikoli 1, 2, 11, 16 u 21 tiegħu kif ukoll tal-Artikoli 9, 13 u 15 tal-Anness I tiegħu — Tassazzjoni diretta ta' ħaddiema transkonfinali — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tippermetti t-tassazzjoni konġunta tal-konjuġi (Ehegattensplitting) fil-każ li dawn huma residenti fi Stat Membru tal-Unjoni jew fiż-Żona Ekonomika Ewropea u li teskludi dan fil-każ ta' residenza fil-Konfederazzjoni Svizzera

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 1(a) tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u l-Konfederazzjoni Svizzera, min-naħa l-oħra, dwar il-moviment liberu tal-persuni, iffirmat fil-Lussemburgu fil-21 ta' Ġunju 1999, kif ukoll l-Artikoli 9(2), 13(1), u 15(2) tal-Anness I ta' dan il-ftehim għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tirrifjuta l-benefiċċju tat-tassazzjoni konġunta fl-applikazzjoni tal-metodu magħruf bħala tal-"isplitting", previst minn din il-leġiżlazzjoni, lill-konjuġi ċittadini ta' dan l-Istat u suġġetti f'dan l-istess Stat għat-taxxa fuq id-dħul taht id-dħul taxxabbli tagħhom kollu, għall-unika raġuni li r-residenza tagħhom tinsab fit-territorju tal-Konfederazzjoni Svizzera.*

[1] ĠU C 331, 12.11.2011

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-28 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-High Court of Ireland — l-Irlanda) — Margaret Kenny et vs Minister for Justice, Equality and Law Reform et**

**(Kawża C-427/11)** [1]

***(Artikolu 141 KE — Direttiva 75/117/KEE — Ugwaljanza fir-rigward tar-remunerazzjonijiet bejn ħaddiema rġiel u ħaddiema nisa — Diskriminazzjoni indiretta — Ġustifikazzjoni oġġettiva — Kundizzjonijiet)***

(2013/C 114/18)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Qorti tar-rinviju**

High Court of Ireland

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Margaret Kenny, Patricia Quinn, Nuala Condon, Eileen Norton, Ursula Ennis, Loretta Barrett, Joan Healy, Kathleen Coyne, Sharon Fitzpatrick, Breda Fitzpatrick, Sandra Hennelly, Marian Troy, Antoinette Fitzpatrick, Helena Gatley

*Konvenuti:* Minister for Justice, Equality u Law Reform, Minister for Finance, Commissioner of An Garda Síochána

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — High Court of Ireland — Interpretazzjoni tal-Artikolu 157 TFUE u tad-Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE, tal-10 ta' Frar 1975, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 179) [issostitwita bid-Direttiva 2006/54/KE] — Kunċett ta' ġustifikazzjoni oġġettiva fil-kuntest ta' diskriminazzjoni indiretta apparenti bejn ħaddiema rġiel u nisa fi ħdan is-servizz pubbliku — Kriterji

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 141 KE u d-Direttiva tal-Kunsill 75/117/KEE, tal-10 ta' Frar 1975, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mal-applikazzjoni tal-prinċipju ta' paga ndaqs għall-irġiel u għan-nisa, għandhom jiġu interpretati fis-sens li:*

— *ħaddiema jagħmlu l-istess xogħol jew xogħol li għalih huwa attribwit valur ugwali jekk, fid-dawl tal-fatturi kollha, bħan-natura tax-xogħol, il-kundizzjonijiet ta' taħriġ u l-kundizzjonijiet tax-xogħol, huma jistgħu jiġu kkunsidrati bħala li jinsabu f'sitwazzjoni komparabbli, fatt li huwa l-qorti nazzjonali li għandha tevalwa;*

— *fil-kuntest ta' diskriminazzjoni indiretta fis-salarju, hija l-persuna li timpjega li għandha tipprovdi ġustifikazzjoni oġġettiva li tirrigwarda d-differenza fir-remunerazzjoni kkonstatata bejn il-ħaddiema li jħossuhom ddiskriminati u l-persuni ta' referenza;*

— *il-ġustifikazzjoni mill-persuna li timpjega tad-differenza fir-remunerazzjoni li tirrileva diskriminazzjoni prima facie fuq bażi ta' sess għandha tirrelata mal-persuni ta' referenza li, minħabba l-fatt li s-sitwazzjoni ta' dawn il-persuni hija kkaratterizzata mill-istatistiċi validi li tirrigwarda numru suffiċjenti ta' persuni, li ma humiex l-espressjoni ta' fenomenu purament fortuwitu jew fuq żmien qasir u li, b'mod ġenerali, jidhru sinjifikattivi, ittieħdu inkunsiderazzjoni mill-qorti nazzjonali sabiex tiġi kkonstatata l-imsemmija differenza, u*

— *l-interess għal relazzjonijiet industrijali tajbin jista' jittieħed inkunsiderazzjoni mill-qorti nazzjonali fost elementi oħra li jippermettulha li tevalwa jekk id-differenzi bejn ir-remunerazzjonijiet ta' żewġ gruppi ta' ħaddiema humiex dovuti għal fatturi oġġettivi u li ma humiex relatati ma' kwalunkwe diskriminazzjoni fuq bażi ta' sess u kif ukoll konformi mal-prinċipju ta' proporzjonalità.*

(1) ĠU C 311, 22.10.2011.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Fővárosi Törvényszék (li kienet Fővárosi Bíróság) — Banif Plus Bank Zrt. vs Csaba Csipai, Viktória Csipai**

**(Kawża C-472/11)** [1]

***(Direttiva 93/13/KEE — Klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumaturi — Eżami ex officio, mill-qorti nazzjonali, tan-natura inġusta ta' klawżola — Obbligu, għall-qorti nazzjonali li tkun ikkonstatat ex officio n-natura inġusta ta' klawżola, li tistieden lill-partijiet sabiex jippreżentaw l-osservazzjonijiet tagħhom qabel ma tislet il-konsegwenzi ta' din il-konstatazzjoni — Klawżoli kuntrattwali li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fl-eżami tan-natura inġusta)***

(2013/C 114/19)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Fővárosi Törvényszék (li kienet Fővárosi Bíróság)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Banif Plus Bank Zrt.

*Konvenuta:* Csaba Csipai, Viktória Csipai

**Suġġett**

Talba għal domanda preliminari — Fővárosi Bíróság — Interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 15, Vol. 2, p. 288) — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi li qorti nazzjonali hija limitata fl-eżami tan-natura inġusta tal-kuntratti msejħin ta' adeżjoni fejn il-partijiet ma jitolbuhiex espressament biex tikkonstata din in-natura inġusta — Diskrezzjoni tal-qorti nazzjonali, li tkun ikkonstatat in-natura inġusta ta' kundizzjoni kuntrattwali ġenerali li tkun f'kuntratt suġġett għall-evalwazzjoni tagħha, fin-nuqqas ta' talba speċifika f'dan is-sens, li tistieden lill-partijiet fil-kawża li jippreżentaw dikjarazzjoni fir-rigward tal-imsemmija klawżola kuntrattwali sabiex tkun tista' teżamina l-kwistjoni tan-nullità tal-kuntratt għal din ir-raġuni

**Dispożittiv**

(1) *L-Artikoli 6(1) u 7(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE, tal-5 ta' April 1993, dwar klawżoli inġusti f'kuntratti mal-konsumatur, għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-qorti nazzjonali li tkun ikkonstatat ex officio n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali ma hijiex obbligata, sabiex tkun tista' tislet il-konsegwenzi ta' din il-konstatazzjoni, li tistenna li l-konsumatur, informat dwar id-drittijiet tiegħu, jippreżenta dikjarazzjoni fejn jitlob li din il-klawżola tiġi annullata. Madankollu, bħala regola ġenerali, skont il-prinċipju tal-kontradittorju, il-qorti li tkun ikkonstatat ex officio n-natura inġusta ta' klawżola kuntrattwali hija obbligata tinforma b'dan lill-partijiet fil-kawża u għandha tagħtihom il-possibbiltà jiddiskutuha b'mod kontradittorju skont il-formalitajiet previsti f'dan ir-rigward mir-regoli proċedurali nazzjonali.*

(2) *Il-qorti nazzjonali għandha, sabiex tevalwa n-natura eventwalment inġusta tal-klawżola kuntrattwali li tkun il-bażi tat-talba li jkollha quddiemha, tieħu inkunsiderazzjoni l-klawżoli l-oħra kollha tal-kuntratt.*

(1) ĠU C 370, 17.12.2012.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tat-28 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Finanzgericht Rheinland-Pfalz — il-Ġermanja) — Helga Petersen, Peter Petersen vsFinanzamt Ludwigshafen**

**(Kawża C-544/11)** [1]

***("Libertà li jiġu pprovduti servizzi — Moviment liberu tal-ħaddiema — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tippermetti l-eżenzjoni tat-taxxa fuq id-dħul miksub minn xogħol magħmul fi Stat ieħor fil-kuntest ta' għajnuna għall-iżvilupp — Kundizzjonijiet — Stabbiliment tal-persuna li timpjega fit-territorju nazzjonali — Rifjut meta l-persuna li timpjega hija stabbilita fi Stat Membru ieħor")***

(2013/C 114/20)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Rheinland-Pfalz

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Helga Petersen, Peter Petersen

*Konvenut:* Finanzamt Ludwigshafen

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Finanzgericht Rheinland-Pfalz — Interpretazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE — Restrizzjonijiet għal-libertà li jiġu pprovduti servizzi fi ħdan l-Unjoni — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tippermetti l-eżenzjoni mit-taxxa fuq id-dħul miksub minn xogħol li sar barra mill-pajjiż fil-kuntest tal-għajnuna għall-iżvilupp — Limitazzjoni ta' din l-eżenzjoni għall-każijiet fejn il-persuna li timpjega tkun stabbilita fit-territorju nazzjonali

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 45 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru li tistabbilixxi li d-dħul miksub abbażi ta' attivitajiet bħala persuna impjegata minn persuna taxxabbli residenti ta' dak l-Istat Membru u ssuġġettat b'mod illimitat huwa eżentat mit-taxxa fuq id-dħul meta l-persuna li timpjega tkun stabbilita fl-imsemmi Stat Membru, iżda li ma huwiex hekk eżentat jekk il-persuna li timpjega tkun stabbilita fi Stat Membru ieħor.*

[1] ĠU C 25, 28.01.2012.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Juzgado de lo Mercantil de Alicante — Spanja) — Fédération Cynologique Internationale vs Federación Canina Internacional de Perros de Pura Raza**

**(Kawża C-561/11)** [1]

***(Trade marks Komunitarji — Regolament (KE) Nru 207/2009 — Artikolu 9(1) — Kunċett ta' "terzi" — Proprjetarju ta' trade mark Komunitarja sussegwenti)***

(2013/C 114/21)

*Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol*

**Qorti tar-rinviju**

Juzgado de lo Mercantil de Alicante

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Fédération Cynologique Internationale

*Konvenuta:* Federación Canina Internacional de Perros de Pura Raza

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Juzgado de lo Mercantil de Alicante — Interpretazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja (Verżjoni kodifikata) (ĠU L 78, p.) — Ksur jew theddida ta' ksur ta' trade mark Komunitarja — Dritt esklużiv mogħti mit-trade mark Komunitarja — Kunċett ta' terzi

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 9(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 207/2009, tas-26 ta' Frar 2009, dwar it-trade mark Komunitarja, għandu jiġi interpretat fis-sens li d-dritt esklużiv tal-proprjetarju ta' trade mark Komunitarja li jipprekludi lil kull terz milli jużа fil-ħajja tan-negozju sinjali identiċi jew simili għat-trade mark tiegħu jestendi għat-terz li huwa l-proprjetarju ta' trade mark Komunitarja sussegwenti, mingħajr ma jkun neċessarju li l-invalidità ta' din l-aħħar trade mark tiġi ddikjarata minn qabel.*

[1] ĠU C 25, 28.01.2012.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-21 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal du travail de Bruxelles — Belġju) — Patricia Dumont de Chassart vs Office national d'allocations familiales pour travailleurs salariés (ONAFTS)**

**(Kawża C-619/11)** [1]

***(Sigurtà soċjali — Regolament (KEE) Nru 1408/71 — Artikoli 72, 78(2)(b), u 79(1)(a) — Benefiċċji tal-familja għall-orfni — Aggregazzjoni ta' perijodi ta' assigurazzjoni u ta' impjieg — Perijodi mwettqa mill-ġenitur sopravissut fi Stat Membru ieħor — Assenza ta' teħid inkunsiderazzjoni)***

(2013/C 114/22)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunal du travail de Bruxelles

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Patricia Dumont de Chassart

*Konvenut:* Office national d'allocations familiales pour travailleurs salariés (ONAFTS)

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunal du travail de Bruxelles — Interpretazzjoni tal-Artikoli 17 KE, 39 KE u 43 KE, kif ukoll tal-Artikoli 72 u 79(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-iskemi tas-siġurtà soċjali għall-persuni impjegati u l-familja tagħhom li jiċċaqilqu ġewwa l-Komunità (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 1, p. 35) — Allowences għall-orfni bi spejjeż għall-Istat ta' residenza — Legalità, fid-dawl tal-prinċipji ta' trattament ugwali u ta' nondiskriminazzjoni, ta' dispożizzjoni Komunitarja li tissuġġetta l-akkwist tad-dritt għall-allowances għall-ċerti perijodi ta' assigurazzjoni mill-ġenitur li jkun miet, bl-esklużjoni tal-ġenitur superstitu — Leġiżlazzjoni nazzjonali iktar favorevoli, li tippermetti wkoll lill-ġenitur superstitu li jibbenefika minn regoli ta' assimilazzjoni ta' perijodi ta' assigurazzjoni — Trattament inqas favorevoli ta' ħaddiema, ġenituri superstiti, li jkunu eżerċitaw id-dritt tagħhom għall-moviment liberu — Diskriminazzjoni

**Dispożittiv**

*L-Artikoli 72, 78(2)(b) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 79(1)(a) tar-Regolament Nru 1408/71 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1408/71, tal-14 ta' Ġunju 1971, dwar l-applikazzjoni tal-skemi tas-Sigurtà Soċjali għal persuni impjegati, għal persuni li jaħdmu għal rashom u għal membri tal-familji tagħhom li jiċċaqilqu fi ħdan il-Komunità fil-verżjoni emendata tiegħu u aġġornata bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 118/97, tat-2 ta' Diċembru 1996 kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1399/1999 tad-29 ta' April 1999 għandhom jiġu interpretati fis-sens li, meta leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru tipprovdi li kemm il-ġenitur mejjet kif ukoll dak sopravissut, meta jikkwalifikaw bħala ħaddiema, jistgħu jagħtu dritt għal benefiċċji tal-orfni, dawn id-dispożizzjonijiet jeżiġu li l-perijodi ta' assigurazzjoni u ta' impjieg imwettqa mill-ġenitur sopravissut fi Stat Membru ieħor għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni għall-aggregazzjoni tal-perijodi neċessarji għall-akkwiżizzjoni tad-dritt għall-benefiċċji fl-ewwel minn dawn l-Istati Membri. Mhux rilevanti f'dan ir-rigward jekk il-ġenitur sopravissut ma jistax jinvoka ebda perijodu ta' assigurazzjoni jew ta' impjieg f'dan l-Istat Membru matul il-perijodu ta' riferiment stabbilit minn din il-leġiżlazzjoni nazzjonali għall-akkwiżizzjoni ta' dan id-dritt.*

[1] ĠU C 49, 18.02.2012.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tal-21 ta' Frar 2013 — Seven for all mankind LLC vs Seven SpA — L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)**

**(Kawża C-655/11 P)** [1]

***(Appell — Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Trade mark verbali preċedenti — Element "SEVEN" — Xebh tas-sinjali — Probabbiltà ta' konfużjoni — Raġuni relattiva għal rifjut)***

(2013/C 114/23)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Seven for all mankind LLC (rappreżentanti: A. Gautier-Sauvagnac u B. Guimberteau, avukati)

*Parti oħra fil-proċedura:* Seven SpA (rappreżentant: L. Trevisan, avukat), L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: J. Crespo Carrillo, agent)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla), tas-6 ta' Ottubru 2011, SEVEN vs UASI — SEVEN FOR ALL MANKIND (SEVEN FOR ALL MANKIND) (T-176/10), li permezz tagħha l-Qorti Ġenerali annullat id-Deċiżjoni R 1514/2008-2 tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (UASI), tat-28 ta' Jannar 2010, li tiċħad l-appell mid-deċiżjoni li tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni li tirrifjuta parzjalment l-oppożizzjoni magħmula mill-proprjetarju tat-trade marks figurattivi Komunitarji u internazzjonali li jinkludu l-element verbali "Seven", għal prodotti fil-klassijiet 3, 9, 12,

14, 45, 16, 18, 20, 25 u 28, kontra r-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali "SEVEN FOR ALL MANKIND" għal prodotti fil-klassijiet 14 u 18 — Interpretazzjoni u applikazzjoni tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru°207/2009 — Fatturi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni fil-kuntest tal-eżami tax-xebh tas-sinjali

## Dispożittiv

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Seven for all mankind LLC hija kkundannata sabiex tbati, minbarra l-ispejjeż tagħha stess, l-ispejjeż sostnuti minn Seven SpA.*

(3) *L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI) għandu jbati l-ispejjeż tiegħu.*

[1] ĠU C 65, 03.03.2012.

---

## Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tat-Tribunal da Relação de Lisbona — il-Portugall) — Ordem dos Técnicos Oficiais de Contas vs Autoridade da Concorrência

**(Kawża C-1/12)** [1]

***(Ordni ta' accountants — Regolament dwar is-sistema ta' taħriġ obbligatorju tal-accountants — Artikolu 101 TFUE — Assoċjazzjoni ta' impriżi — Restrizzjoni tal-kompetizzjoni — Ġustifikazzjonijiet — Artikolu 106(2) TFUE)***

(2013/C 114/24)

*Lingwa tal-kawża: il-Portugiż*

### Qorti tar-rinviju

Tribunal da Relação de Lisbona

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Ordem dos Técnicos Oficiais de Contas

*Konvenuta:* Autoridade da Concorrência

### Suġġett

Talba għal deċiżjoni preliminari — Tribunal da Relação de Lisboa — Interpretazzjoni tal-Artikoli 56, 57, 58, 59, 60, 61, 62, 101 u 102 TFUE — Kunċett ta' assoċjazzjoni ta' impriżi — Ordni tal-accountants — Ħolqien ta' sistema ta' taħriġ professjonali obbligatorju għall-membri tal-Ordni — Taħriġ ipprovdut esklużivament mill-Ordni — Libertà ta' stabbiliment u ta' provvista ta' servizzi.

### Dispożittiv

(1) *Regolament bħar-Regolament dwar il-Kisba ta' Krediti ta' Taħriġ (Regulamento da Formação de Créditos), adottat minn ordni professjonali bħall-Ordem dos Técnicos Oficiais de Contas (ordni ta' accountants), għandu jitqies bħala deċiżjoni meħuda minn assoċjazzjoni ta' impriżi, fis-sens tal-Artikolu 101(1) TFUE.*

*Il-fatt li ordni professjonali, bħall-Ordem dos Técnicos Oficiais de Contas, huwa legalment obbligat li jimplementa sistema ta' taħriġ intiża għall-membri tiegħu ma jistax iwassal biex ir-regoli stabbiliti minn dan l-ordni professjonali ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE, sa fejn l-imsemmija regoli huma attribwiti esklużivament lil dan tal-aħħar.*

*Il-fatt li dawn ir-regoli ma għandhomx influwenza dirett fuq l-attività ekonomika tal-membri tal-imsemmi ordni professjonali ma jaffettwax l-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE, peress li l-ksur attribwit lill-imsemmi ordni professjonali jikkonċerna suq li fih dan tal-aħħar jeżerċita huwa stess attività ekonomika.*

(2) *Regolament li jimplementa sistema ta' taħriġ obbligatorju għall-accountants sabiex tiġi ggarantita l-kwalità tas-servizzi offruti minn dawn tal-aħħar, bħar-regolament dwar il-kisba ta' krediti ta' taħriġ, adottat minn ordni professjonali bħall-Ordem dos Técnicos Oficiais de Contas, jikkostitwixxi restrizzjoni tal-kompetizzjoni pprojbita mill-Artikolu 101 TFUE, sa fejn jelimina, fatt li għandu jiġi vverifikat mill-qorti tar-rinviju, il-kompetizzjoni fuq parti sostanzjali tas-suq rilevanti, favur dan l-ordni professjonali, u li jimponi, fuq l-parti l-oħra f'dan is-suq, kundizzjonijiet diskriminatorji għad-detriment tal-kompetituri tal-imsemmi ordni professjonali.*

[1] ĠU C 89, 24.03.2012

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-21 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Nejvyšší správní soud — ir-Repubblika Ċeka) — Město Žamberk vs Finanční ředitelství vs Hradci Králové, li saret Odvolací finanční ředitelství**

**(Kawża C-18/12)** [1]

***(Tassazzjoni — VAT — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 132(1)(m) — Eżenzjoni — Provvisti ta' servizzi li għandhom rabta stretta mal-prattika tal-isport jew tal-edukazzjoni fiżika — Prattika ta' attivitajiet sportivi mhux organizzata u mhux sistematika — Park akwatiku muniċipali)***

(2013/C 114/25)

*Lingwa tal-kawża: iċ-Ċek*

**Qorti tar-rinviju**

Nejvyšší správní soud

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Město Žamberk

*Konvenut:* Finanční ředitelství v Hradci Králové, li saret Odvolací finanční ředitelství

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Nejvyšší správní soud — Interpretazzjoni tal-Artikolu 132(1)(m) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Eżenzjonijiet — Provvista ta' servizzi li għandhom rabta mill-qrib mal-ipprattikar tal-isport jew tal-edukazzjoni fiżika — Prattika eventwali u irregolari ta' attivitajiet sportivi ta' rikreazzjoni f'sit għall-għawm (park akwatiku) amministrat mill-belt u li għandu kumpless għal dawn l-attivitajiet

**Dispożittiv**

(1) *L-Artikolu 132(1)(m) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li attivitajiet sportivi mhux organizzati, li ma humiex sistematiċi u li ma għandhomx bħala għan il-parteċipazzjoni f'kompetizzjonijiet sportivi, jistgħu jiġu kklassifikati bħala prattika tal-isport fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.*

(2) *L-Artikolu 132(1)(m) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-aċċess għal park akwatiku li jipprovdi lill-viżitaturi mhux biss installazzjonijiet li jippermettu l-eżerċizzju ta' attivitajiet sportivi, iżda wkoll tipi oħra ta' attivitajiet ta' serħan u ta' rikreazzjoni, jista' jikkostitwixxi provvista ta' servizzi li għandhom rabta stretta mal-prattika tal-isport. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina jekk, fid-dawl tal-elementi ta' interpretazzjoni pprovduti mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea f'din is-sentenza u f'dak taċ-ċirkustanzi partikolari tal-kwistjoni fil-kawża prinċipali, dan huwiex il-każ f'din il-kawża.*

[1] ĠU C 98, 31.03.2012.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tal-21 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Ankenævnet for Uddannelsesstøtten (id-Danimarka) — LN vs Styrelsen for Videregående Uddannelser og Uddannelsesstøtte**

**(Kawża C-46/12)** [1]

***("Ċittadinanza tal-Unjoni — Moviment liberu tal-ħaddiema — Prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament — Artikolu 45(2) TFUE — Regolament (KEE) Nru 1612/68 — Artikolu 7(2) — Direttiva 2004/38/KE — Artikolu 24(1) u (2) — Deroga mill-prinċipju tal-ugwaljanza fit-trattament fir-rigward tal-għajnuna għall-manteniment tal-istudji taħt forma ta' boroż ta' studju jew ta' self — Ċittadin tal-Unjoni li jistudja fi Stat Membru ospitanti — Attività mħallsa qabel u wara l-bidu tal-istudji — Għan prinċipali tal-persuna interessata fil-mument tad-dħul tagħha fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti — Impatt fuq il-kwalifika tagħha bħala ħaddiem u fuq id-dritt tagħha għal borża ta' studju")***

(2013/C 114/26)

*Lingwa tal-kawża: id-Daniż*

**Qorti tar-rinviju**

Ankenævnet for Uddannelsesstøtten (id-Danimarka)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* LN

*Konvenuta:* Styrelsen for Videregående Uddannelser og Uddannelsesstøtte

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Ankenævnet for Uddannelsesstøtten — Interpretazzjoni tal-Artikolu 7(1)(c), moqri flimkien mal-Artikolu 24(2) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46) — Trattament ugwali taċ-ċittadini tal-Unjoni — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi l-possibbiltà għaċ-ċittadini tal-Unjoni

li jibbenefikaw minn għajnuna ta' manteniment għall-istudji fil-każ li jkunu impjegati jew ħaddiema li jaħdmu għal rashom f'dan l-Istat Membru — Rifjut tal-applikazzjoni għal borża ta' studju mressqa minn ċittadin tal-Unjoni li kien jaħdem fl-Istat Membru ospitanti meta l-għan tad-dħul tiegħu f'dan l-Istat Membru kien li jkompli prinċipalment l-istudji tiegħu

**Dispożittiv**

*L-Artikoli 7(1)(c) u 24(2) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju tal-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tħassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE għandhom jiġu interpretati fis-sens li ċittadin tal-Unjoni li jsegwi l-istudji fi Stat Membru ospitanti u fl-istess ħin jeżerċita hemmhekk attività mħallsa reali u effettiva ta' natura li tagħtih il-kwalità ta' "ħaddiem" skont l-Artikolu 45 TFUE ma jistax jiġi miċħud l-għajnuna għall-manteniment tal-istudji mogħtija liċ-ċittadini ta' dan l-Istat Membru. Hija l-qorti tar-rinviju li għandha twettaq il-verifiki tal-fatti meħtieġa sabiex jiġi evalwat jekk l-attivitajiet imħallsa tar-rikorrent fil-kawża prinċipali humiex suffiċjenti sabiex tiġi kkonferita lilu din il-kwalità. Il-fatt li l-persuna interessata daħlet fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti bl-intenzjoni prinċipali li tkompli l-istudji tagħha hemmhekk ma huwiex rilevanti biex jiġi ddeterminat jekk għandhiex il-kwalità ta' "ħaddiem" skont l-Artikolu 45 TFUE u, għalhekk, jekk għandhiex dritt għal din l-għajnuna taħt l-istess kundizzjonijiet bħal ċittadin tal-Istat Membru ospitanti b'mod konformi mal-Artikolu 7(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68, tal-15 ta' Ottubru 1968, dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità.*

[1] ĠU C 109, 14.04.2012.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Għaxar Awla) tas-7 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tan-Najvyšší súd Slovenskej republiky (is-Slovakkja) — Protimonopolný úrad Slovenskej republiky vs Slovenská sporiteľňa, a.s.**

**(Kawża C-68/12)** [1]

***("Kunċett ta' akkordju — Ftehim konkluż bejn diversi banek — Impriża kompetitriċi li topera fis-suq inkwistjoni b'mod allegatament illegali — Effett — Assenza")***

(2013/C 114/27)

*Lingwa tal-kawża: is-Slovakk*

**Qorti tar-rinviju**

Najvyšší súd Slovenskej republiky

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Protimonopolný úrad Slovenskej republiky

*Konvenuti:* Slovenská sporiteľňa, a.s.

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Najvyšší súd Slovenskej republiky — Interpretazzjoni tal-Artikolu 101(1) u (3) tat-Trattat FUE — Kunċett ta' akkordju — Ftehim konkluż bejn diversi banek intiż li jxolji u li ma jġeddidx ftehim ta' kontijiet kurrenti ma' impriża kompetitriċi stabbilita fit-territorju ta' Stat Membru ieħor — Effett fuq il-klassifikazzjoni bħala akkordju illegali tal-fatt, li ma ġiex evokat fil-mument tal-konklużjoni tal-ftehim, li l-impriża kompetitriċi kienet topera fis-suq inkwistjoni b'mod illegali

**Dispożittiv**

(1) *L-Artikolu 101 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-fatt li impriża milquta minn akkordju li għandu bħala skop ir-restrizzjoni tal-kompetizzjoni kienet topera fis-suq inkwistjoni b'mod allegatament illegali matul il-konklużjoni ta' dan l-akkordju huwa irrilevanti għall-kwistjoni jekk l-akkordju inkwistjoni jikkostitwixxix ksur ta' din id-dispożizzjoni*

(2) *L-Artikolu 101(1) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li l-konstatazzjoni tal-eżistenza ta' ftehim li jirrestrinġi l-kompetizzjoni ma teħtieġx il-prova ta' aġir personali tar-rappreżentant awtorizzat ta' impriża jew ta' ftehim partikolari li permezz tiegħu dan ir-rappreżentant awtorizza, taħt forma ta' mandat, l-aġir tal-impjegat tiegħu li ppartecipa f'laqgħa antikompetittiva*

(3) *L-Artikolu 101(3) TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jista' japplika għal ftehim prekluż mill-Artikolu 101(1) TFUE biss meta l-kumpannija li tinvoka din id-dispożizzjoni tkun ressqet il-prova li kienu sodisfatti l-erba' kundizzjonijiet kumulattivi stabbiliti fih.*

[1] ĠU C 165, 09.06.2012.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) tal-21 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari mill-Curtea de Apel Alba Iulia — ir-Rumanija) — SC Mora IPR SRL vs Direcția Generală a Finanțelor Publice Sibiu, Direcția Județeană pentru Accize și Operațiuni Vamale Sibiu**

**(Kawża C-79/12)** [1]

***(Tassazzjoni — VAT — Direttiva 2006/112/KE — Artikolu 211 — Ħlas differit tal-VAT fuq l-importazzjoni)***

(2013/C 114/28)

*Lingwa tal-kawża: ir-Rumen*

**Qorti tar-rinviju**

Curtea de Apel Alba Iulia

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* SC Mora IPR SRL

*Konvenuti:* Direcția Generală a Finanțelor Publice Sibiu u Direcția Județeană pentru Accize și Operațiuni Vamale Sibiu

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Curtea de Apel Alba Iulia — Interpretazzjoni tal-Artikolu 211 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, p. 1) — Interpretazzjoni tal-Artikoli 26(2), 28, 30 u 107 TFUE — Dritt tal-Istati Membri li jawtorizzaw id-differiment tal-ħlas tal-VAT fuq l-importazzjoni — Ammissibbiltà ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li timponi kundizzjoni ta' ksib ta' ċertifikat ta' differiment tal-ħlas, li ma hijiex prevista mid-direttiva — Emendi leġiżlattivi suċċessivi li jeżentaw mill-ħlas tal-VAT fuq l-importazzjoni lil ċerti persuni taxxabbli biss — Diskriminazzjoni — Ksur tal-projbizzjoni ta' dazji doganali fuq l-importazzjoni

**Dispożittiv**

*L-Artikolu 211 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix l-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni ta' Stat Membru, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tissuġġetta l-ħlas differit tat-taxxa fuq il-valur miżjud dovut għall-beni importati għall-kisba ta' ċertifikat li ma huwiex rikjest mit-termini ta' din id-direttiva, sa fejn il-kundizzjonijiet għall-kisba ta' tali ċertifikat josservaw il-prinċipju ta' newtralità fiskali, liema fatt għandu jiġi vverifikat mill-qorti ta' rinviju.*

[1] ĠU C 126, 28.4.2012

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Bundesfinanzhof — il-Ġermanja) — Finanzamt Köln-Nord vs Wolfram Becker**

**(Kawża C-104/12)** [1]

***(Sitt Direttiva tal-VAT — Artikolu 17(2)(a) — Dritt għat-tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Neċessità tal-eżistenza ta' rabta diretta u immedjata bejn tranżazzjoni tal-input u tranżazzjoni tal-output — Kriterju li jistabbilixxi din ir-rabta — Servizzi ta' avukat ipprovduti fil-kuntest ta' proċeduri kriminali għall-korruzzjoni mibdija f'kapaċità personali kontra l-amministratur u s-soċju prinċipali ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata)***

(2013/C 114/29)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Bundesfinanzhof

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Finanzamt Köln-Nord

*Konvenuta:* Wolfram Becker

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Bundesfinanzhof — Interpretazzjoni tal-Artikoli 17(2)(a) u 22(3)(b) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23) — Tnissil u portata tad-dritt għal tnaqqis — Neċessità ta' rabta diretta u immedjata bejn l-attività ekonomika tal-persuna taxxabbi u provvista ta' servizz — Servizzi ta' avukat ipprovduti fil-kuntest ta' proċeduri kriminali għall-korruzzjoni kontra l-amministratur u s-soċju prinċipali ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata

**Dispożittiv**

*L-eżistenza ta' rabta diretta u immedjata bejn tranżazzjoni partikolari u l-attività fl-intier tagħha tal-persuna taxxabbli sabiex jiġi ddeterminat jekk il-beni u s-servizzi kinux ġew użati minnha "għall-iskopijiet fuq it-transazzjoni taxxabbli tiegħu [tagħha]", skont l-Artikolu 17(2)(a) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima, hekk kif emendata mid-Direttiva tal-Kunsill 2001/115/KE, tal-20 ta' Diċembru 2001, tiddependi fuq il-kontenut oġġettiv tal-oġġett jew tas-servizz akkwistat minn din il-persuna taxxabbli.*

*F'dan il-każ, il-provvisti ta' servizzi ta' avukat, li l-għan tagħhom huwa li jiġu evitati sanzjonijiet kriminali kontra persuni fiżiċi, amministraturi ta' impriża taxxabbli, ma jagħtux lil din l-impriża d-dritt li tnaqqas bħala taxxa tal-input il-VAT dovuta fuq is-servizzi pprovduti.*

(1) ĠU C 138, 12.05.2012.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Il-Ħames Awla) tal-21 ta' Frar 2013 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Consiglio di Stato — l-Italja) — Ministero per i beni e le attività culturali et vs Ordine degli Ingegneri di Verona e Provincia et**

**(Kawża C-111/12)** (1)

***(Direttiva 85/384/KEE — Rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki formali fil-qasam tal-arkitettura — Artikoli 10 u 11(g) — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tirrikonoxxi l-ekwivalenza tal-kwalifiki ta' perit u ta' inġinier ċivili, iżda li tirriżerva lill-periti x-xogħol fuq binjiet ikklassifikati bħala patrimonju artistiku — Prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament — Sitwazzjoni purament interna ta' Stat Membru)***

(2013/C 114/30)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Consiglio di Stato

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Ministero per i beni e le attività culturali, Ordine degli Ingegneri della Provincia di Venezia, Ordine degli Ingegneri della Provincia di Padova, Ordine degli Ingegneri della Provincia di Treviso, Ordine degli Ingegneri della Provincia di Vicenza, Ordine degli Ingegneri di Verona e Provincia, Ordine degli Ingegneri della Provincia di Rovigo, Ordine degli Ingegneri della Provincia di Belluno

*Konvenuti:* Ordine degli Ingegneri di Verona e Provincia, Consiglio Nazionale degli Ingegneri, Consiglio Nazionale degli Architetti, Pianificatori, Paesaggisti e Conservatori, Ordine degli Architetti Pianificatori Paesaggisti e Conservatori della Provincia di Verona, Alessandro Mosconi, Comune di S. Martino Buon Albergo (VR), Istituzione di Ricovero e di Educazione di Venezia (IRE), Ordine degli Architetti della Provincia di Venezia

**Suġġett**

Talba għal deċiżjoni preliminari — Consiglio di Stato — Interpretazzjoni tal-Artikoli 10 u 11 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/384/KE, tal-10 ta' Ġunju 1985, dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, taċ-ċertifikati u ta' xhieda oħra ta' kwalifiki formali fl-arkitettura, inklużi miżuri biex jiffaċilitaw l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 1 p. 118) — Rikonoxximent reċiproku tat-titoli fl-arkitettura — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tirriżerva lill-periti x-xogħol fuq binjiet ikklassifikati bħala patrimonju artistiku — Verifika, każ b'każ, tal-abbiltà tat-titulari ta' diplomi fl-arkitettura u l-inġinierija miksuba minn Stati Membri oħrajn sabiex jagħmlu dawn ix-xogħlijiet

**Dispożittiv**

*L-Artikoli 10 u 11 tad-Direttiva tal-Kunsill 85/384/KEE, tal-10 ta' Ġunju 1985, dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi, taċ-ċertifikati u ta' xhieda oħra ta' kwalifiki formali fl-arkitettura, inklużi miżuri biex jiffaċilitaw l-eżerċizzju effettiv tad-dritt ta' stabbiliment u tal-libertà li jiġu pprovduti servizzi, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li persuni, li għandhom kwalifika formali mogħtija minn Stat Membru, minbarra l-Istat Membru ospitanti, li tagħtihom aċċess għal attivitajiet fil-qasam tal-arkitettura u li tissemma espressament fl-imsemmi Artikolu 11, ma jistgħux jeżerċitaw, f'dan l-aħħar Stat, attivitajiet li jirrigwardaw bini ta' interess artistiku sakemm ma jurux, jekk ikun il-każ fil-kuntest ta' verifika speċifika tal-kapaċità professjonali, li għandhom il-kwalifiki partikolari fil-qasam tal-patrimonju kulturali.*

(1) ĠU C 151, 26.05.2012.

---

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tat-28 ta' Frar 2013 — Ellinika Nafpigeia AE vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-246/12 P)** (1)

***(Appell — Għajnuna mill-Istat — Kostruzzjoni tal-bastimenti — Deċiżjoni li tiddikjara miżuri ta' għajnuna inkompatibbli mas-suq komuni — Protezzjoni tal-interessi essenzjali tas-sigurtà nazzjonali — Kundizzjonijiet ta' kompetizzjoni fis-suq intern)***

(2013/C 114/31)

*Lingwa tal-proċedura: il-Grieg*

**Partijiet**

*Appellanti:* Ellinika Nafpigeia AE (rappreżentanti: I. Drosos u V. Karagiannis, dikigóroi)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: C. Urraca Caviedes u M. Konstantinidis, aġenti)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tal-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) tal-15 ta' Marzu 2012, Ellinika Nafpigeia vs Il-Kummissjoni (T-391/08) li tiċħad rikors intiż għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2008) 3118 finali, tat-2 ta' Lulju 2008, li tiddikjara inkompatibbli mas-suq komuni l-għajnuna mogħtija mill-awtoritajiet Griegi favur Ellinika Nafpigeia (Hellenic Shipyards "HSY"), fil-kuntest tal-emendi fuq il-pjan ta' investiment inizjali dwar ir-ristrutturazzjoni ta' din it-tarzna [għajnuna mill-Istat C 16/2004 (ex NN29/2004, CP 71/2002 u CP 133/2005)].

**Dispożittiv**

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Ellinika Nafpigeia AE hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

[1] ĠU C 200, 07.07.2012.

---

**Appell ippreżentat fl-14 ta' Mejju 2012 minn H-Holding AG mid-digriet mogħti mill-Qorti Ġenerali (Is-Sitt Awla) fit-2 ta' Marzu 2012, fil-Kawża T-594/11, H-Holding AG vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-235/12 P)**

(2013/C 114/32)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Appellanti:* H-Holding AG (rappreżentant: R. Závodný, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

Permezz tad-digriet tat-28 ta' Frar 2013, il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (Is-Seba' Awla) ċaħdet l-appell u kkundannat lill-appellanti għall-ispejjeż tagħha.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Kúria (l-Ungerija) fil-5 ta' Diċembru 2012 — BDV Hungary Trading Kft. (fi stralċ) vs Nemzeti Adó — és Vámhivatal Közép-magyarországi Regionális Adó Főigazgatósága**

**(Kawża C-563/12)**

(2013/C 114/33)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

**Qorti tar-rinviju**

Kúria (l-Ungerija)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* BDV Hungary Trading Kft. (fi stralċ)

*Konvenuta:* Nemzeti Adó- és Vámhivatal Közép-magyarországi Regionális Adó Főigazgatósága

**Domandi preliminari**

(1) L-Artikolu 15 tad-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima ([1]) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva tal-VAT l-antika") u l-Artikolu 146 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([2]) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva tal-VAT il-ġdida") għandhom jiġu interpretati fis-sens li t-trasport barra mit-territorju tal-Komunità ta' prodotti ddestinati għall-esportazzjoni għandu jseħħ f'terminu stabbilit sabiex it-tranżazzjoni tkun tista' tiġi kkwalifikata bħala bejgħ fuq l-esportazzjoni eżentat?

(2) Il-kundizzjonijiet ta' kunsinna, il-*bona* u *mala fide*, id-diliġenza, jew in-nuqqas eventwali tal-bejjiegħ, tax-xerrej jew tat-trasportatur, is-sena fiskali jew il-fatt li l-prodotti kienu effettivament ġew ittrasportati wara t-terminu stabbilit iżda madankollu qabel l-iskadenza tat-terminu ta' preskrizzjoni applikabbli għall-istabbiliment tat-taxxa, għandhom jew ma għandhomx effett fuq ir-risposta li għandha tingħata għad-domanda 1?

(3) Il-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li timponi kundizzjonijiet supplimentari fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva u li tagħmel l-istabbiliment tal-eżenzjoni fuq l-esportazzjoni suġġett għal numru ta' kundizzjonijiet oġġettivi li ma jinsabux fid-direttiva, hija konformi mal-prinċipji ta' newtralità fiskali, ta' ċertezza legali u ta' proporzjonalità?

(4) L-Artikolu 15 tad-Direttiva tal-VAT l-antika u l-Artikoli 131 u 273 tad-Direttiva tal-VAT il-ġdida għandhom jiġu interpretati fis-sens li sabiex jiġu evitati l-frodi, l-evażjoni u l-abbużi fil-qasam fiskali u sabiex jiġi żgurat il-ġbir preċiż tat-taxxa, l-Istat Membru jista' jorbot l-eżenzjoni fuq l-esportazzjoni ta' prodotti ma' kundizzjonijiet bħal dawk li jinsabu fl-Artikolu 11(1) tal-Liġi LXXIV tal-1992 dwar il-VAT jew fl-Artikolu 98(1) tal-Liġi CXXVII tal-2007 dwar il-VAT?

(5) Il-fatt li f'każ ta' nuqqas ta' osservanza tal-kundizzjonijiet li ma jinsabux fl-Artikoli 15 u 156 tad-direttivi l-amministrazzjoni fiskali tikkwalifika mill-ġdid l-esportazzjoni ta'

prodotti eżentata u timponi fuq il-persuna taxxabbli l-ħlas tat-taxxa huwa kompatibbli mal-prinċipji fundamentali tad-dritt tal-Unjoni u tad-dispożizzjonijiet tad-direttiva, u jekk iva, taħt liema ċirkustanzi?

(1) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23.
(2) ĠU L 347, p. 1.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Debreceni Munkaügyi Bíróság (l-Ungerija) fil-31 ta' Diċembru 2012 — József Dutka vs Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal

**(Kawża C-614/12)**

(2013/C 114/34)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

### Qorti tar-rinviju

Debreceni Munkaügyi Bíróság

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* József Dutka

*Konvenut:* Mezőgazdasági és Vidékfejlesztési Hivatal

### Domandi preliminari

(1) Fid-dawl tal-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u tal-Artikolu 30 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ikun hemm jew le implementazzjoni tad-dritt tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 51(1) tal-imsemmija karta meta d-dritt nazzjonali jkun jipprevedi terminazzjoni awtomatika jew permezz ta' att unilaterali tar-relazzjoni ġuridika ta' xogħol jew ta' servizz?

(2) F'każ li tingħata risposta pożittiva għall-ewwel domanda, l-Artikolu 30 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea għandu jiġi interpretat fis-sens li huwa jipprovdi għal projbizzjoni ta' kull tkeċċija mhux iġġustifikata jew għal projbizzjoni li timplika li r-raġunijiet tal-miżura jkunu jirriżultaw b'mod ċar mill-att li jkollu l-għan li jittermina r-relazzjoni ġuridika, b'tali mod li l-ħaddiem ikun jista' jaċċerta ruħu min-natura reali u gravi tagħhom?

(3) F'tali każ għalhekk, l-obbligu ta' motivazzjoni previst mill-Artikolu 30 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jippreklui dispożizzjoni nazzjonali li tiżgura l-possibbiltà tal-Istat Membru inkwistjoni li jneħħi l-ħaddiem mill-funzjonijiet tiegħu (ikeċċih), mingħajr ġustifikazzjoni, eslużivament fir-relazzjonijiet ġuridiċi li fihom l-Istat jaġixxi fil-kwalità tiegħu ta' persuna li timpjega tramite korpi amministrattivi tal-Istat?

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Szombathelyi Törvényszék (l-Ungerija) fit-3 ta' Jannar 2013 — Kovács vs Vas Megyei Rendőr-főkapitányság

**(Kawża C-5/13)**

(2013/C 114/35)

*Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż*

### Qorti tar-rinviju

Szombathelyi Törvényszék

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Ferenc Tibor Kovács

*Konvenut:* Vas Megyei Rendőr-főkapitányság

### Domanda preliminari

Ir-regola tal-projbizzjoni tad-diskriminazzjonijiet u dik tal-moviment liberu tal-persuni, kif ukoll id-dritt għal smigħ xieraq, għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu leġiżlazzjoni ta' dritt nazzjonali li, bħall-Artikolu 25/B tal-Liġi Nru I tal-1988, dwar iċ-ċirkolazzjoni fit-toroq, tipprovdi li fit-toroq fl-Ungerija jistgħu jiċċirkolaw il-vetturi li għandhom awtorizzazzjoni u pjanċi amministrattivi Ungeriżi, u li l-preżenza tal-kundizzjonijiet li jippermettu deroga minn din ir-regola tista' tiġi stabbilita biss fl-okkażjoni ta' kontroll?

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hanseatische Oberlandesgericht Hamburg (il-Ġermanja) fl-10 ta' Jannar 2013 — Datenlotsen Informationssysteme GmbH vs Technische Universität Hamburg-Harburg

**(Kawża C-15/13)**

(2013/C 114/36)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Qorti tar-rinviju

Hanseatisches Oberlandesgericht Hamburg

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Datenlotsen Informationssysteme GmbH.

*Konvenuta:* Technische Universität Hamburg-Harburg.

*Intervenjenti*: Hochschul-Informations-System GmbH

**Domandi preliminari**

(1) Għandu jiġi kkunsidrat bħala "kuntratt pubbliku" fis-sens tal-Artikolu 1(2)(a) tad-Direttiva 2004/18/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, fuq kordinazzjoni ta' proċeduri għall-għoti ta' kuntratti għal xogħlijiet pubbliċi, kuntratti għal provvisti pubbliċi u kuntratti għal servizzi pubbliċi [kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet, għal provvisti u għal servizzi] ([1]), kuntratt fejn, għalkemm l-entità kontraenti ma twettaqx fuq il-kuntrattur kontroll simili għal dak eżerċitat fuq id-dipartimenti tagħha stess, kemm l-entità kontraenti kif ukoll il-kuntrattur huma kkontrollati mill-istess organu, li jikkostitwtixxi awtorità kontraenti pubblika fis-sens tad-Direttiva 2004/18 u l-entità kontraenti u l-kuntrattur essenzjalment jeżerċitaw l-attività tagħhom għall-organu komuni tagħhom (tranżazzjoni interna orizzontali)?

Fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għall-ewwel domanda:

(2) Il-kontroll simili għal dak li l-entità kontraenti teżerċita fuq id-dipartimenti tagħha stess għandu jiġi estiż għall-attività kollha tal-kuntrattur jew huwa biżżejjed jekk dan ikun limitat għall-qasam tal-provvista?

([1]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 6, Vol. 7, p. 132.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Finanzgericht Hamburg (il-Ġermanja) fil-15 ta' Jannar 2013 — Simon, Evers, & Co GmbH vs Hauptzollamt Hamburg-Hafen**

**(Kawża C-21/13)**

(2013/C 114/37)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Finanzgericht Hamburg

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Simon, Evers, & Co GmbH

*Konvenut:* Hauptzollamt Hamburg-Hafen

**Domanda preliminari**

Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 499/2009, tal-11 ta' Ġunju 2009, li testendi d-dazju definittiv anti-dumping impost bir-Regolament (KE) Nru 1174/2005 fuq l-importazzjonijiet tal-pallet trucks tal-idejn u l-partijiet essenzjali tagħhom li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-importazzjonijiet tal-istess prodott ikkunsinnati mit-Tajlandja, kemm jekk ikun iddikjarat li oriġinaw mit-Tajlandja kif ukoll jekk le ([1]), huwa invalidu minħabba li l-Kummissjoni, billi naqset milli tosserva l-kundizzjonijiet dwar id-determinazzjoni tal-evażjoni tal-miżuri antidumping, hekk kif jirriżultaw mill-Artikolu 13 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96, tat-22 ta' Diċembru 1995, dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' dumping minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ([2]), ikkonkludiet li hemm evażjoni għas-sempliċi raġuni li l-volum tal-esportazzjonijiet korrispondenti mit-Tajlandja żdied b'mod kunsiderevoli wara l-introduzzjoni tal-miżuri, filwaqt li l-Kummissjoni ma għamlet l-ebda konstatazzjoni oħra konkreta fl-assenza ta' kooperazzjoni mill-esportaturi Tajlandiżi?

([1]) ĠU L 151, p. 1.
([2]) ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 11, Vol. 10, p. 45.

**Appell ippreżentat fit-8 ta' Frar 2013 minn Groupement des cartes bancaires (CB) mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fid-29 ta' Novembru 2012 fil-Kawża T-491/07, CB vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża C-67/13 P)**

(2013/C 114/38)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Groupement des cartes bancaires (CB) (rappreżentanti: F. Pradelles, avukat, J. Ruiz Calzado, avukat)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea, BNP Paribas, BPCE, li qabel kienet Caisse Nationale des Caisses d'Epargne et de Prévoyance (CNCEP), Société générale

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali, tad-29 ta' Novembru 2012, mogħtija fil-Kawża T-491/07, CB vs Il-Kummissjoni;

— tirrinvija l-kawża quddiem il-Qorti Ġenerali sabiex hija terġa' tiddeċiedi, ħlief jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li għandha biżżejjed informazzjoni sabiex tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5060 finali, tas-17 ta' Ottubru 2007, dwar proċedura skont l-Artikolu 81 [KE] (COMP/D1/38606 — Groupement des cartes bancaires "CB");

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż ta' din il-proċedura, inkluż l-ispejjeż sostnuti mill-appellanti quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u l-Qorti Ġenerali.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka tliet aggravji.

Fl-ewwel lok, l-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi fl-applikazzjoni tal-kunċett ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni dovuta għall-għan.

Il-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE f'dak li jirrigwarda l-kontenut tal-miżuri ta' Groupement des cartes bancaires "CB" (iktar 'il quddiem "Groupement"). B'mod iktar preċiż, il-Qorti Ġenerali b'mod partikolari interpretat b'mod żbaljat il-ġurisprudenza dwar il-kunċett ta' prattika restrittiva tal-kompetizzjoni dovuta għall-għan billi kkunsidrat li l-miżuri msemmija iktar 'il fuq kienu jikkostitwixxu restrizzjoni dovuta għall-għan, minkejja li dawn fihom infushom ma kinux suffiċjentement ta' dannu għall-kompetizzjoni. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi oħra billi kkunsidrat l-"oriġini" tal-adozzjoni tal-miżuri. Fil-fatt, hija interpretat b'mod żbaljat il-ġurisprudenza dwar il-kunċett ta' deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi, inkwantu espressjoni tarrieda ta' Groupement, u żnaturat il-provi mqiegħda għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tikkonstata intenzjoni antikompetittiva ta' Groupement fl-adozzjoni tal-miżuri mqiegħda inkwistjoni.

Il-Qorti Ġenerali wettqet ukoll żbalji ta' liġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE f'dak li jirrigwarda l-għanijiet tal-miżuri ta' Groupement. B'mod iktar preċiż, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat il-ġurisprudenza billi kkunsidrat li l-ġlieda kontra l-parasitiżmu, għan leġittimu msemmi mill-miżuri adottati minn Groupement u rrikonoxxut mill-Qorti Ġenerali, seta' jiġi kkunsidrat biss fl-istadju tal-Artikolu 101(3) TFUE minflok tal-Artikolu 101(1) TFUE.

Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) TFUE f'dak li jirrigwarda l-kuntest korrett tal-miżuri ta' Groupement. B'mod iktar preċiż, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat il-ġurisprudenza dwar it-teħid inkunsiderazzjoni tal-kuntest ġuridiku, billi wettqet żball dwar l-obbligu tagħha li tieħu inkunsiderazzjoni l-esperjenza stabbilita. Hija b'mod partikolari interpretat b'mod żbaljat is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja C-209/07, Beef Industry Development u Barry Brothers, tal-20 ta' Novembru 2008, billi riedet tqarreb din is-sentenza mal-kawża inkwistjoni anki jekk iż-żewġ sitwazzjonijiet huma fundamentalment differenti. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali wettqet bosta żbalji ta' liġi fit-teħid inkunsiderazzjoni tal-kuntest ekonomiku u tal-funzjonament doppju tas-suq f'din it-tilwima. Fl-aħħar nett, il-Qorti Ġenerali injorat il-ġurisprudenza dwar in-natura u l-portata tal-istħarriġ tagħha tal-evalwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi, billi naqset milli twettaq l-istħarriġ *a minima* impost fuqha.

Fit-tieni lok, l-appellanti tqis li l-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi fl-applikazzjoni tal-kunċett ta' restrizzjoni tal-kompetizzjoni dovuta għall-effett. Il-Qorti Ġenerali wettqet żbalji ta' liġi fl-eżami tagħha tal-effetti tal-miżuri ta' Groupement. Fil-fatt, billi naqset milli twieġeb għall-motivi mqajma mill-appellanti dwar l-effetti allegatament antikompetittivi tal-miżuri, hija naqset milli tosserva l-obbligu ta' motivazzjoni tagħha.

Fit-tielet lok, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipji ta' proporzjonalità u ta' ċertezza legali billi ma annullatx l-ordni li tinsab fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2007) 5060 finali. Il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità huwa kkaratterizzat miż-żamma tal-ordni imposta mill-Kummissjoni anki jekk din mhux biss ma kinitx meħtieġa sabiex jintemm l-allegat ksur ikkonstatat, iżda kienet ukoll disproporzjonata meta mqabbla mal-għan imfittex. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali kisret il-prinċipju ta' ċertezza legali billi ma annullatx l-ordni msemmija iktar 'il fuq, anki jekk kliemha huwa ġenerali u ambigwu, u ħalliet lil Groupement fl-inċertezza dwar il-miżuri li hija tista' tieħu biex tiġġieled kontra l-parasitiżmu u tiżgura l-protezzjoni tas-sistema "CB".

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Amtsgericht Rüsselsheim (il-Ġermanja) fit-8 ta Frar 2013 — Markus Weiss vs Condor Flugdienst GmbH**

**(Kawża C-68/13)**

(2013/C 114/39)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Qorti tar-rinviju**

Amtsgericht Rüsselsheim

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Markus Weiss

*Konvenuta:* Condor Flugdienst GmbH

**Domandi preliminari**

(1) Iċ-ċirkustanzi straordinarji fis-sens tal-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 261/2004 ([1]) għandhom jikkonċernaw direttament it-titjira rriżervata?

(2) Fil-każ ta' risposta negattiva għall-ewwel domanda: kemm għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni bħala rilevanti titjiriet preċedenti mwettqa mill-ajruplan użat għat-titjira prevista inizjalment għall-finijiet taċ-ċirkustanzi straordinarji? Teżisti limitazzjoni *ratione temporis* għat-teħid inkunsiderazzjoni ta' ċirkustanzi straordinarji fir-rigward tat-titjiriet preċedenti? Jekk dan ikun il-każ, kif għandha tiġi kkalkolata?

(3) Fil-każ li ċirkustanzi straordinarji li jseħħu fil-każ ta' titjiriet preċedenti jkunu rilevanti wkoll għal titjira ulterjuri: il-miżuri raġonevoli li għandu jieħu t-trasportatur tal-ajru effettiv skont l-Artikolu 5(3) tar-Regolament għandhom ikunu jikkonċernaw biss il-prevenzjoni ta' ċirkustanzi straordinarji jew għandhom jikkonċernaw ukoll il-prevenzjoni ta' dewmien twil?

[1] Regolament (KE) Nru 261/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Frar 2004, li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 7, Vol. 8, p. 10).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour du travail de Bruxelles (il-Belġju) fil-15 ta' Frar 2013 — Agence fédérale pour l'accueil des demandeurs d'asile vs Selver Saciri et

**(Kawża C-79/13)**

(2013/C 114/40)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Qorti tar-rinviju

Cour du travail de Bruxelles

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Agence fédérale pour l'accueil des demandeurs d'asile

*Konvenuti:* Selver Saciri, Danijela Dordevic, Danjel Saciri (rappreżentanti: Selver Saciri u Danijela Dordevic), Sanela Saciri (rappreżentanti: Selver Saciri u Danijela Dordevic), Denis Saciri (rappreżentanti: Selver Saciri u Danijela Dordevic), Centre public d'action sociale de Diest

### Domandi preliminari

(1) Meta Stat Membru jagħżel, b'applikazzjoni tal-Artikolu 13(5) tad-Direttiva 2003/9 [1] li tistabbilixxi standards minimi għall-akkoljenza ta' dawk li jfittxu ażil fl-Istati Membru, li jipprovdi l-għajnuna materjali fil-forma ta' konċessjoni finanzjarja, dak l-Istat Membru xorta jibqa' suġġett għar-responsabbiltà li jiżgura li l-applikant għall-ażil, b'xi mod jew ieħor, jista' jibbenefika minn miżuri minimi ta' protezzjoni tad-Direttiva, bħal dawk previsti mill-Artikolu 13(1) u (2) u mill-Artikolu 14(1), (3), (5) u (8) ta' din tal-aħħar?

(2) Il-konċessjoni finanzjarja msemmija fl-Artikolu 13(5) tad-Direttiva jeħtieġ li tingħata sa mid-data tal-applikazzjoni għall-ażil u tat-talba għall-akkoljenza jew inkella sa mill-iskadenza tat-terminu previst mill-Artikolu 5(1) tad-Direttiva, jew sa minn xi data oħra? L-imsemmija konċessjoni għandha, fin-nuqqas ta' akkoljenza materjali offruta mill-Istat Membru jew minn organu maħtur minn dan tal-aħħar, tkun ta' natura li tippermetti lill-applikanti għall-ażil li jaħsbu huma stess, fi kwalunkwe mument, għall-akkomodazzjoni tagħhom, fejn ikun xieraq billi jirrikorru għal akkomodazzjoni f'lukanda, waqt li jistennew li jiġu offruti alloġġ fiss jew sakemm huma stess ikunu f'pożizzjoni li jsibu alloġġ iktar definittiv?

(3) Huwa kompatibbli mad-Direttiva, il-fatt li Stat Membru jagħti akkoljenza materjali biss sa fejn l-istrutturi ta' akkoljenza eżistenti li huwa jorganizza jkunu jistgħu jiżguraw dik l-akkomodazzjoni u li huwa jiddirieġi, l-applikanti għall-ażil li ma jsibux post hemmhekk, għall-assistenza disponibbli għar-residenti kollha tal-Istat, mingħajr ma jiġu previsti r-regoli legali u l-istrutturi neċessarji sabiex l-organi, li ma humiex implementati mill-Istat innifsu, ikunu effettivament f'pożizzjoni li jipprovdu f'terminu qasir akkoljenza denja lill-applikanti għall-ażil?

[1] Direttiva tal-Kunsill 2003/9/KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 101).

## Rikors ippreżentat fil-15 ta' Frar 2013 — Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**(Kawża C-81/13)**

(2013/C 114/41)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: C. Murrell, aġent, A. Dashwood QC)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

### Talbiet tar-rikorrent

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/776/UE, tas-6 ta' Diċembru 2012, dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali [1];

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

(1) Permezz ta' rikors ippreżentat skont l-Artikolu 263 TFUE, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq qiegħed jitlob l-annullament, skont l-Artikolu 264 TFUE, tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/776/UE, tas-6 ta' Diċembru 2012, dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kunsill ta' Assoċjazzjoni stabbilit permezz tal-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u t-Turkija, fir-rigward tal-adozzjoni ta' dispożizzjonijiet dwar il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali.

(2) Ir-Renju Unit jitlob li l-Qorti tal-Ġustizzja:

(i) tannulla d-Deċiżjoni;

(ii) tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

(3) L-Artikolu 48 TFUE huwa l-bażi legali sostantiva speċifikata fid-Deċiżjoni.

(4) Il-proposta tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni annessa mad-Deċiżjoni tal-Kunsill tħassar u tissostitwixxi d-Deċiżjoni Nru 3/80 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni dwar l-applikazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali tal-Istati Membri tal-Komunitajiet Ewropew għall-ħaddiema Torok u l-membri tal-familja tagħhom.

(5) Ir-Renju Unit isostni li l-Artikolu 48 TFUE ma jistax iservi ta' bażi legali sostantiva ta' miżura intiża li jkollha tali konsegwenzi. Din hija dispożizzjoni intiża li tiffaċilita moviment liberu, għal ċittadini ta' Stati Membri, fi ħdan is-suq intern. Il-bażi legali korretta hija l-Artikolu 79(2)(b) TFUE. Dan jikkonferixxi kompetenza għall-adozzjoni ta' miżuri li jikkonċernaw "id-definizzjoni tad-drittijiet ta' ċittadin ta' pajjiż terz residenti legalment fi Stat Membru inklużi l-kondizzjonijiet li jirregolaw il-libertà ta' moviment u ta' residenza fi Stati Membri oħra". Id-Deċiżjoni tal-Kunsill tikkostitwixxi preċiżament tali miżura.

(6) L-Artikolu 79(2)(b) TFUE jinsab fit-Titolu V tat-Tielet Parti tat-TFUE. Skont il-Protokoll 21 għat-Trattati, il-miżuri adottati taħt it-Titolu V ma japplikawx għar-Renju Unit (jew l-Irlanda) sakemm dan ma jinnotifikax l-intenzjoni tiegħu li "jipparteċipa" fihom. Permezz tal-għażla żbaljata tal-Artikolu 48 TFUE minflok l-Artikolu 79(2)(b) TFUE bħala l-bażi legali sostantiva tad-Deċiżjoni, il-Kunsill irrifjuta li jirrikonoxxi d-dritt tar-Renju Unit li ma jiħux sehem fl-adozzjoni tad-Deċiżjoni u li ma jkunx marbut biha.

(7) L-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/776/UE għaldaqstant huwa mitlub għar-raġuni li din ġiet adottata fuq il-bażi legali żbaljata, bil-konsegwenza li d-drittijiet tar-Renju Unit taħt il-Protokoll 21 ma ġewx rikonoxxuti.

(8) Insostenn tat-teżi tiegħu, ir-Renju Unit jibbaża ruħu fuq id-dispożizzjonijiet espliċiti tal-Artikolu 48 u l-Artikolu 79(2)(b) TFUE, interpretati fil-kuntest tat-Trattat u fid-dawl tal-ġurisprudenza. Barra minn hekk, huwa jibbaża ruħu fuq il-fatt li d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/776/UE hija kważi identika għal disa' deċiżjonijiet tal-Kunsill li ġew adottati skont Ftehim ta' Assoċjazzjoni oħra abbażi tal-Artikolu 79(2)(b).

(1) ĠU L 340, p. 19.

---

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Arbetsdomstolen (l-Isvezja) fid-19 ta' Frar 2013 — Fonnship A/S, Svenska Transportarbetarförbundet vs Fonnship A/S, Svenska Transportarbetarförbundet, Facket för Service och Kommunikation (SEKO)**

**(Kawża C-83/13)**

(2013/C 114/42)

*Lingwa tal-kawża: l-Isvediż*

## Qorti tar-rinviju

Arbetsdomstolen

## Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Fonnship A/S, Svenska Transportarbetarförbundet

*Konvenuti:* Fonnship A/S, Svenska Transportarbetarförbundet, Facket för Service och Kommunikation (SEKO)

## Domanda preliminari

Ir-regola prevista fil-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea dwar il-moviment liberu tas-servizzi, servizzi ta' trasport bil-baħar — li hemm regola ekwivalenti għaliha fit-Trattat KE — hija applikabbli għal kumpannija li għandha l-uffiċċju rreġistrat tagħha fi Stat tal-EFTA fir-rigward tal-attivitajiet tagħha fil-forma ta' servizzi ta' trasport lejn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea jew lejn Stat tal-EFTA permezz ta' bastiment li huwa rreġistrat, itajjar il-bandiera, ta' pajjiż terz barra mill-Unjoni/Żona Ekonomika Ewropea

**Appell ippreżentat fit-22 ta' Frar 2013 minn 1. garantovaná a.s. mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (It-Tielet Awla) fit-12 ta' Diċembru 2012 fil-Kawża T-392/09 — 1. garantovaná a.s. vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-90/13 P)**

(2013/C 114/43)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Appellanti:* 1. garantovaná a.s. (rappreżentanti: B. Hartnett, barrister, O. Geiss, avukat, P. Lasok QC, J. Holmes, barrister)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet tal-appellanti

— tannulla s-sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Diċembru 2012 fil-Kawża T-392/09 billi tikkonċerna t-tieni motiv tar-rikors tal-appellanti quddiem il-Qorti Ġenerali;

— tilqa' dak il-motiv bħala fondat;

— tnaqqas il-gravità tal-multa għal EUR 2.1 miljun, li tirrappreżenta 10 % tat-total ta' dħul mill-bejgħ tal-appellanti fl-2008 kif ikkonstatat fil-punt 84 tas-sentenza appellata; u

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-appellanti.

## Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellanti ssostni li l-Qorti Ġenerali żbaljat meta ċaħdet it-tieni motiv tal-appellanti.

L-Artikolu 23(2) tar-Regolament Nru 1/2003 [1] jipprovdi: "[...] il-multi mhux ser jaqbżu l-10 % tat-total ta' valur tal-bejgħ [dħul mill-bejgħ] fis-sena kummerċjali preċedenti" tal-impriża inkwistjoni. Is-"sena kummerċjali preċedenti" hija l-aħħar sena sħiħa ta' kummerċ eżatt qabel id-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni li ssib li kien hemm ksur tar-regoli tal-kompetizzjoni u li timponi multa.

F'dan il-każ, it-"total ta' valur tal-bejgħ [dħul mill-bejgħ] fis-sena kummerċjali preċedenti" kien dak għall-2008, u mhux id-dħul mill-bejgħ fis-sena kkunsidrat mill-Kummissjoni. L-użu tad-dħul mill-bejgħ tas-sena 2007 kellu l-effett li jgħolli l-multa imposta fuq Garantovaná għal ftit inqas minn 100 % tad-dħul mill-bejgħ tagħha għas-sena kummerċjali li tippreċedi d-data tal-adozzjoni tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni (22 ta' Lulju 2009).

L-appellanti tissottometti li l-użu, min-naħa tal-Kummissjoni, tad-dħul mill-bejgħ tal-2007 kien kontra l-formulazzjoni ċara u l-iskop tal-Artikolu 23(2) u illegali. Kif sostnut fit-tieni motiv imressaq minn Garantovaná fil-proċeduri quddiem il-Qorti Ġenerali, il-multa għandha għalhekk tiġi mnaqqsa jew b'konformità mal-Artikolu 23(2) jew fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni sħiħa tal-Qorti tal-Ġustizzja taħt l-Artikolu 261 TFUE u l-Artikolu 31 tar-Regolament Nru 1/2003.

---

[1] Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003, tas-16 ta' Diċembru 2002, fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol. 2, p. 205).

---

**Appell ippreżentat fil-25 ta' Frar 2013 mill-Kummissjoni Ewropea mis-sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali (Is-Seba' Awla) fit-13 ta' Diċembru 2012 fil-Kawża T-103/08, Versalis SpA, li kienet Polimeri Europa SpA, Eni SpA vs Il-Kummissjoni Ewropea**

**(Kawża C-93/13 P)**

(2013/C 114/44)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

## Partijiet

*Appellanti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: V. Di Bucci, G. Conte, R. Striani, aġenti)

*Partijiet oħra fil-proċedura:* Versalis SpA, li kienet Polimeri Europa SpA, Eni SpA

## Talbiet tal-appellanti

— tannulla s-sentenza appellata fil-parti fejn tnaqqas għal EUR 106 200 000 l-ammont tal-multa imposta mid-deċiżjoni fuq ENI u Versalis;

— tiċħad ir-rikors tal-ewwel istanza kollu kemm hu;

— tikkundanna lir-rikorrenti fl-ewwel istanza għall-ispejjeż relatati maż-żewġ istanzi.

## Aggravji u argumenti prinċipali

(i) Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi meta kkunsidrat li l-Kummissjoni kisret id-drittijiet tad-difiża ta' ENI, meta applikat żieda għal reċidiva fuq il-multa imposta *in solidum* fuq ENI u Versalis għal żewġ tipi ta' ksur imwettqa fil-passat minn kumpanniji kkontrollati 100 % jew kważi 100 % minn ENI, minkejja li ż-żewġ deċiżjonijiet li kienu kkonstataw dan il-ksur ma kinux ġew indirizzati lil ENI (li għalhekk ma kinitx irċeviet komunikazzjoni tal-ilmenti għal dan il-ksur). B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali kienet injorat il-fatt li, b'riferiment għall-konstatazzjoni tar-reċidiva, id-drittijiet tad-difiża huma ggarantiti jekk, fil-mument li fih il-Kummissjoni tiddikjara l-intenzjoni tagħha li tikkonstata r-reċidiva, hija tagħti lill-partijiet il-possibbiltà li juru li l-kundizzjonijiet relattivi ma humiex issodisfatti. Il-Qorti Ġenerali wkoll naqset milli tikkunsidra li, billi tikkonstata r-reċidiva għal ksur sussegwenti tar-regoli tal-kompetizzjoni, il-Kummissjoni ma tissanzjonax b'mod retroattiv l-ewwel ksur, iżda sempliċement tislet il-konsegwenzi mill-fatt li l-istess impriża (entità ekonomika) wettqet ksur ġdid.

(ii) Il-Qorti Ġenerali eċċediet il-limiti tal-ġurisdizzjoni tagħha u kisret il-prinċipju li s-suġġett tal-kawża jiġi ddelimitat mill-partijiet, l-Artikolu 21 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja kif ukoll l-Artikoli 44(1) u 48(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali billi eżaminat kwistjoni ta' dritt (relatata ma' ksur allegat tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament fil-kalkolu tal-multa) li ma kinitx tqajmet mir-rikorrenti fir-rikors promotur.

(iii) Il-Qorti Ġenerali wettqet żball ta' liġi fl-interpretazzjoni u fl-applikazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanza fit-trattament b'riferiment għall-"koeffiċjent ta' multiplikazzjoni" għal finijiet ta' dissważjoni u wettqet żball ta' motivazzjoni. B'mod partikolari, il-Qorti Ġenerali injorat il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Kummissjoni għad-determinazzjoni tal-multi fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti, billi obbligatha twettaq kalkolu purament matematiku sabiex tistabbilixxi il-koeffiċjent ta' multiplikazzjoni li għandu jiġi applikat lil ENI u lil Versalis. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali żbaljatament talbet lill-Kummissjoni tiżgura proporzjonalità diretta bejn il-perċentwali ta' żieda tal-multa għal finijiet ta' dissważjoni u d-dħul mill-bejgħ tal-impriżi, u mhux bejn il-koeffiċjenti ta' multiplikazzjoni jew bejn il-multi li jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-koeffiċjenti ta' multiplikazzjoni (il-multi mmultiplikati) u id-dħul mill-bejgħ globali tal-impriżi.

---

## Rikors ippreżentat fis-27 ta' Frar 2013 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

## (Kawża C-100/13)

(2013/C 114/45)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Wilms u G. Zavvos, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja

### Talbiet tar-rikorrenti

Il-Kummissjoni Ewropea titlob l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti d-deċiżjoni li ġejja:

— Il-konvenuta naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1989, dwar l-approssimazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijet amministrattivi tal-Istati Membri dwar il-prodotti għall-bini [1], b'mod partikolari skont l-Artikolu 4(2) u l-Artikolu 6(1), peress illi l-awtoritajiet Ġermaniżi jużaw il-listi tar-regoli ta' kostruzzjoni sabiex jeħtieġu approvazzjonijiet supplimentari għall-aċċess effettiv għas-suq u l-użu ta' prodotti ta' kostruzzjoni minflok ma jadottaw il-metodi u kriterji ta' evalwazzjoni meħtieġa fil-kuntest tan-normi Ewropej armonizzati.

— Tikkundanna lill-konvenuta għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Il-konvenuta kisret l-Artikoli 4 u 6 tad-Direttiva 89/106/KEE. L-użu ta' listi tar-regoli ta' kostruzzjoni wassal sabiex ikunu meħtieġa approvazzjonijiet minn qabel supplimentari għall-aċċess effettiv għas-suq u għall-użu ta' dawn il-prodotti. Ta' spiss, dan ma kienx jikkonċerna rekwiżiti evenwtali li jikkonċernaw karatteristi ġodda. Dan kien jikkonstisti pjuttost sabiex jinżammu rekwiżiti ffissati qabel l-armonizzazzjoni li setgħu u jmisshom kienu koperti bl-adozzjoni tal-metodi u tal-kriterji ta' evalwazzjoni meħtieġa fil-kuntest armonizzat.

---

[1] ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 9, p. 296.

# IL-QORTI ĠENERALI

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2013 — Bilbaína de Alquitranes et vs ECHA**

**(Kawża T-93/10)** [1]

*("REACH — Identifikazzjoni taż-żift tal-qatran tal-faħam b'temperatura għolja bħala sustanza ta' tħassib serju ħafna — Rikors għal annullament — Att li jista' jiġi kkontestat — Att regolamentari li ma jinkludix miżuri ta' eżekuzzjoni — Inċidenza diretta — Ammissibbiltà — Ugwaljanza fit-trattament — Proporzjonalità")*

(2013/C 114/46)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Bilbaína de Alquitranes, SA (Luchana-Baracaldo, Spanja); Cindu Chemicals BV (Uithoorn, il-Pajjiżi l-Baxxi); Deza, a.s. (Valašske Meziříčí, ir-Repubblika Ċeka); Industrial Química del Nalón, SA (Oviedo, Spanja); Koppers Denmark A/S (Nyborg, id-Danimarka); Koppers UK Ltd (Scunthorpe, ir-Renju Unit); Rütgers Germany GmbH (Castrop-Rauxel, il-Ġermanja); Rütgers Belgium NV (Zelzate, il-Belġju); u Rütgers Poland sp. z o.o. (Kędzierzyn-Koźle, il-Polonja) (rappreżentanti: inizjalment K. Van Maldegem, R. Cana, avukati, u P. Sellar, solicitor, sussegwentement K. Van Maldegem u R. Cana)

*Konvenuta:* Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (rappreżentanti: M. Heikkilä u W. Broere, aġenti, assistiti minn J. Stuyck, avukat)

**Suġġett**

Talba għal annullament parzjali tad-deċiżjoni tal-ECHA, ippubblikata fit-13 ta' Jannar 2010, li tidentifika ż-żift tal-qatran talfaħam b'temperatura għolja (KE Nru 266-028-2) bħala sustanza li tissodisfa l-kriterji previsti fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, p. 1), b'mod konformi mal-Artikolu 59 ta' dan ir-regolament.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Bilbaína de Alquitranes, SA, Cindu Chemicals BV, Deza, a.s., Industrial Química del Nalón, SA, Koppers Denmark A/S, Koppers UK Ltd, Rütgers Germany GmbH, Rütgers Belgium NV u Rütgers Poland sp. z o.o. huma kkundannati għall-ispejjeż.*

---

[1] ĠU C 113, 01.05.2010.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2013 — Rütgers Germany et vs ECHA**

**(Kawża T-94/10)** [1]

*("REACH — Identifikazzjoni taż-żejt tal-antraċen bħala sustanza ta' tħassib serju ħafna — Rikors għal annullament — Att li jista' jiġi kkontestat — Att regolamentari li ma jinkludix miżuri ta' eżekuzzjoni — Inċidenza diretta — Ammissibbiltà — Ugwaljanza fit-trattament — Proporzjonalità")*

(2013/C 114/47)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Rütgers Germany GmbH (Castrop-Rauxel, il-Ġermanja); Rütgers Belgium NV (Zelzate, il-Belġju); Deza, a.s. (Valašske Meziříčí, ir-Repubblika Ċeka); Industrial Química del Nalón, SA (Oviedo, Spanja); u Bilbaína de Alquitranes, SA (Luchana-Baracaldo, Spanja) (rappreżentanti: inizjalment K. Van Maldegem, R. Cana, avukati, u P. Sellar, solicitor, sussegwentement K. Van Maldegem u R. Cana)

*Konvenuta:* Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (rappreżentanti: M. Heikkilä u W. Broere, aġenti, assistiti minn J. Stuyck, avukat)

**Suġġett**

Talba għal annullament parzjali tad-deċiżjoni tal-ECHA, ippubblikata fit-13 ta' Jannar 2010, li tidentifika ż-żejt tal-antraċen (KE Nru 292-602-7) bħala sustanza li tissodisfa l-kriterji previsti fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva

76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, p. 1), b'mod konformi mal-Artikolu 59 ta' dan ir-regolament.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Rütgers Germany GmbH, Rütgers Belgium NV, Deza, a.s., Industrial Química del Nalón, SA u Bilbaína de Alquitranes, SA huma kkundannati għall-ispejjeż.*

---

(1) ĠU C 113, 01.05.2010.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2013 — Cindu Chemicals et vs ECHA**

**(Kawża T-95/10)** (1)

***("REACH — Identifikazzjoni taż-żejt tal-antraċen, b'ammont baxx ta' antraċen bħala sustanza ta' tħassib serju ħafna — Rikors għal annullament — Att li jista' jiġi kkontestat — Att regolamentari li ma jinkludix miżuri ta' eżekuzzjoni — Inċidenza diretta — Ammissibbiltà — Ugwaljanza fit-trattament — Proporzjonalità")***

(2013/C 114/48)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Cindu Chemicals BV (Uithoorn, il-Pajjiżi l-Baxxi); Deza, a.s. (Valašske Meziříčí, ir-Repubblika Ċeka); Koppers Denmark A/S (Nyborg, id-Danimarka); u Koppers UK Ltd (Scunthorpe, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: inizjalment K. Van Maldegem, R. Cana, avukati, u P. Sellar, solicitor, sussegwentement minn K. Van Maldegem u R. Cana)

*Konvenuta:* Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (rappreżentanti: M. Heikkilä u W. Broere, aġenti, assistit minn J. Stuyck, avukat)

*Intervenjenti insostenn tal-konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment P. Oliver u G. Wilms, sussegwentment P. Oliver u E. Manhaeve, aġenti, assistiti minn K. Sawyer, barrister, sussegwentement P. Oliver u E. Manhaeve)

**Suġġett**

Talba għal annullament parzjali tad-deċiżjoni tal-ECHA, ippubblikata fit-13 ta' Jannar 2010, li tidentifika ż-żejt tal-antraċen, b'ammont baxx ta' antraċen (KE Nru 292-604-8) bħala sustanza li tissodisfa l-kriterji previsti fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, p. 1), b'mod konformi mal-Artikolu 59 ta' dan ir-regolament.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Cindu Chemicals BV, Deza, a.s., Koppers Denmark A/S u Koppers UK Ltd għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, dawk sostnuti mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA).*

(3) *Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbati l-ispejjeż tagħha.*

---

(1) ĠU C 113, 01.05.2010.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2013 — Rütgers Germany et vs ECHA**

**(Kawża T-96/10)** (1)

***("REACH — Identifikazzjoni taż-żejt tal-antraċen (pasta tal-antraċen) bħala sustanza ta' tħassib serju ħafna — Rikors għal annullament — Att li jista' jiġi kkontestat — Att regolamentari li ma jinkludix miżuri ta' eżekuzzjoni — Inċidenza diretta — Ammissibbiltà — Ugwaljanza fit-trattament — Proporzjonalità")***

(2013/C 114/49)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Rütgers Germany GmbH (Castrop-Rauxel, il-Ġermanja); Rütgers Belgium NV (Zelzate, il-Belġju); Deza, a.s. (Valašske Meziříčí, ir-Repubblika Ċeka); Koppers Denmark A/S (Nyborg, id-Danimarka); u Koppers UK Ltd (Scunthorpe, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: inizjalment K. Van Maldegem, R. Cana, avukati, u P. Sellar, solicitor, sussegwentement K. Van Maldegem u R. Cana)

*Konvenuta:* Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) (rappreżentanti: M. Heikkilä u W. Broere, aġenti, assistiti minn J. Stuyck, avukati)

**Suġġett**

Talba għal annullament parzjali tad-deċiżjoni tal-ECHA, ippubblikata fit-13 ta' Jannar 2010, li tidentifika ż-żejt tal-antraċen (pasta tal-antraċen) (KE Nru 292-603-2) bħala sustanza li tissodisfa l-kriterji previsti fl-Artikolu 57 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2006, dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, p. 1), b'mod konformi mal-Artikolu 59 ta' dan ir-regolament.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Rütgers Germany GmbH, Rütgers Belgium NV, Deza, a.s., Koppers Denmark A/S u Koppers UK Ltd huma kkundannati għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 113, 01.05.2010.

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-8 ta' Marzu 2013 — Mayer Naman vs UASI — Daniel e Mayer (David Mayer)**

**(Kawża T-498/10)** [1]

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità — Trade mark Komunitarja figurattiva David Mayer — Trade mark nazzjonali verbali preċedenti DANIEL & MAYER MADE IN ITALY — Raġuni relattiva għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) u Artikolu 35(1)(a) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009 — Talba tal-prova tal-użu ġenwin imressqa għall-ewwel darba quddiem il-Bord tal-Appell — Tardività — Artikolu 57(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009")***

(2013/C 114/50)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* David Mayer Naman (Ruma, l-Italja) (rappreżentanti: inizjalment S. Sutti, S. Cazzaniga u V. Fedele, sussegwentement V. Fedele u M. Spolidoro, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: P. Bullock, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Daniel e Mayer Srl (Milan, l-Italja) (rappreżentanti: M. Andreolini u A. Parini, avukati)

**Suġġett**

Rikors ippreżentat kontra d-Deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tas-26 ta' Lulju 2010 (Każ R 413/2009-1), dwar proċedimenti għal dikjarazzjoni ta' invalidità bejn Daniel e Mayer Srl u David Mayer Naman.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *David Mayer Naman huwa kkundannat għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 346, 18.12.2010

---

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2013 — Acino vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-539/10)** [1]

***("Prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem — Sospensjoni tat-tqegħid fis-suq u rtirar ta' ċerti lottijiet ta' prodotti mediċinali li fihom l-ingredjent attiv Clopidogrel — Modifika tal-awtorizzazzjoni ta' tqegħid fis-suq — Projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq ta' prodotti mediċinali — Regolament (KE) Nru 726/2004 u Direttiva 2001/83/KE — Proporzjonalità — Obbligu ta' motivazzjoni")***

(2013/C 114/51)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Acino AG, li kienet Acino Pharma GmbH (Miesbach, il-Ġermanja) (rappreżentanti: R. Buchner u E. Burk, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment A. Sipos, G. Wilms, B.-R. Killmann u M. Šimerdová, sussegwentement B.-R. Killmann u M. Šimerdová, aġenti)

**Suġġett**

Talba għall-annullament tad-deċiżjonijiet tal-Kummissjoni, tad-29 ta' Marzu u tas-16 ta' Settembru 2010, dwar is-sospensjoni tat-tqegħid fis-suq tal-prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem li fihom l-ingredjent attiv Clopidogrel immanifatturat f'ċertu post, dwar l-irtirar tal-lottijiet ta' dawn il-prodotti mediċinali mis-suq, dwar il-modifika tal-awtorizzazzjonijiet ta' tqegħid fis-suq kif ukoll dwar il-projbizzjoni ta' tqegħid fis-suq tal-imsemmija prodotti mediċinali.

### Dispożittiv

(1) *Ma fadalx lok li tingħata deċiżjoni dwar ir-rikors sa fejn dan huwa dirett kontra d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C(2010) 2204 u C(2010) 2208, tad-29 ta' Marzu 2010, u kontra d-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni C(2010) 6429 u C(2010) 6436, tas-16 ta' Settembru 2010.*

(2) *Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.*

(3) *Acino AG hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 30, 29.01.2011.

---

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2013 — Schönberger vs Il-Parlament

## (Kawża T-186/11) ([1])

***("Rikors għal annullament — Dritt ta' petizzjoni — Petizzjoni indirizzata lill-Parlament Ewropew — Petizzjoni ddikjarata ammissibbli — Deċiżjoni li tagħlaq il-proċedura ta' petizzjoni — Att li ma jistax jiġi kkontestat — Inammissibbiltà")***

(2013/C 114/52)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrent:* Peter Schönberger (Lussemburgu, il-Lussemburgu) (rappreżentant: O. Mader, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: E. Waldherr u U. Rösslein, aġenti)

### Suġġett

Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kumitat għall-Petizzjonijiet tal-Parlament Ewropew tal 25 ta' Jannar 2011 li għalqet l-eżami tal-petizzjoni, li ġiet iddikjarata ammissibbli, ippreżentata mir-rikorrent fit-2 ta' Ottubru 2010 (petizzjoni Nru 1188/2010).

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala inammissibbli.*

(2) *Peter Schönberger għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Parlament Ewropew.*

---

([1]) ĠU C 145, 14.05.2011.

---

## Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2013 — FairWild Foundation vs UASI — Wild (FAIRWILD)

## (Kawża T-247/11) ([1])

***("Trade mark Komunitarja — Proċedimenti ta' oppożizzjoni — Reġistrazzjoni internazzjonali li tirreferi għall-Komunità Ewropea — Trade mark verbali FAIRWILD — Trade mark Komunitarja verbali preċedenti WILD — Raġuni assoluta għal rifjut — Probabbiltà ta' konfużjoni — Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009")***

(2013/C 114/53)

*Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* FairWild Foundation (Weinfelden, l-Isvizzera) (rappreżentanti: P. Neuwald u S. Müller, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentant: K. Klüpfel, aġent)

*Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell tal-UASI, intervenjenti quddiem il-Qorti Ġenerali:* Rudolf Wild GmbH & Co. KG (Eppelheim, il-Ġermanja) (rappreżentant: A. Franke, avukat)

### Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI, tat-3 ta' Marzu 2011 (Każ R 1014/2010-1), dwar proċedimenti ta' oppożizzjoni bejn Rudolf Wild GmbH & Co. KG u FairWild Foundation.

### Dispożittiv

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *FairWild Foundation hija kkundannata għall-ispejjeż.*

---

([1]) ĠU C 238, 13.08.2011

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2013 — Polonja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-370/11)** ([1])

***("Ambjent — Direttiva 2003/87/KE — Skema għall-iskambju ta' kwoti ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra — Regoli tranżitorji li jikkonċernaw l-allokazzjoni armonizzata ta' kwoti ta' emissjonijiet mingħajr ħlas mill-2013 — Punti ta' riferiment li għandhom jiġu applikati għall-kalkolu tal-allokazzjoni ta' kwoti ta' emissjonijiet — Ugwaljanza fit-trattament — Proporzjonalità")***

(2013/C 114/54)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ir-Repubblika tal-Polonja (rappreżentanti: M. Szpunar, B. Majczyna, C. Herma u M. Nowacki, aġenti)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: E. White, K. Herrmann u K. Mifsud-Bonnici, aġenti)

**Suġġett**

Annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/278/UE, tas-27 ta' April 2011, li tiddetermina regoli tranżitorji madwar l-Unjoni kollha għal allokazzjoni armonizzata mingħajr ħlas tal-kwoti tal-emissjonijiet skont l-Artikolu 10a tad-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 130, p. 1)

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata għall-ispejjeż.*

([1]) ĠU C 290, 01.10.2011.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2013 — Di Tullio vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-39/12 P)** ([1])

***("Appell — Servizz pubbliku — Membri tal-persunal temporanju — Leave għal servizz nazzjonali — L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 18 tal-Kondizzjonijiet tal-impjieg — Effetti ratione temporis ta' sentenza")***

(2013/C 114/55)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Appellant*: Roberto Di Tullio (Rovigo, l-Italja) (rappreżentanti: inizjalment S. Woog u T. Bontinck, sussegwentement T. Bontinck, avukati)

*Il-parti l-oħra fil-proċedura:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: J. Currall u V. Joris, aġenti)

**Suġġett**

Appell mis-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla) tad-29 ta' Novembru 2011, Di Tullio vs Il-Kummissjoni (F-119/10, li għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġabra), u intiż għall-annullament ta' din is-sentenza.

**Dispożittiv**

(1) *L-appell huwa miċħud.*

(2) *Roberto Di Tullio għandu jbati l-ispejjeż tiegħu kif ukoll dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-kuntest ta' din l-istanza.*

([1]) ĠU C 109, 14.04.2012

**Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Frar 2013 — Castiglioni vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-591/10)** ([1])

***("Rikors għal annullament — Rikors għad-danni — Kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet — Proċedura ta' sejħa għal offerti — Kostruzzjoni, ristrutturar u manutenzjoni ta' bini u ta' infrastruttura fis-sit ta' Ispra taċ-Ċentru Komuni ta' Riċerka — Kriterji ta' selezzjoni — Ċaħda tal-offerta ta' offerent u deċiżjoni li l-kuntratt jingħata lil offerent ieħor — Motivi ġodda — Rikors parzjalment manifestament nieqes minn kull bażi legali u parzjalment manifestament inammissibbli")***

(2013/C 114/56)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Castiglioni Srl (Busto Arsizio, l-Italja) (rappreżentant: G. Turri, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment S. Delaude u N. Bambara, sussegwentement minn S. Delaude u F. Moro, aġenti, assistiti minn D. Gullo, avukat)

**Suġġett**

Minn naħa, talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Kummissjoni tad-29 ta' Ottubru 2010, li tiċħad l-offerta ppreżentata mir-rikorrenti fil-kuntest tal-proċedura ta' sejħa għal offerti ISM/2010/C05/004/0C dwar il-konklużjoni ta' Ftehim qafas multiplu għat-twettieq ta' xogħlijiet ta' kostruzzjoni, ta' ristrutturazzjoni u ta' manteniment tal-bini u tal-infrastruttura fis-sit ta' Ispra taċ-Ċentru Komuni ta' Riċerka tal-Kummissjoni, u tas-sejħa għal offerti, u tad-deċiżjoni li tagħti l-kuntratt lil offerent ieħor, kif ukoll tal- min-naħa l-oħra, talba għad-danni.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Castiglioni Srl hija kkundannata għall-ispejjeż, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.*

([1]) ĠU C 55, 19.2.2011

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2013 — Club Hotel Loutraki et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-57/13)**

(2013/C 114/57)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Club Hotel Loutraki (Loutraki, il-Greċja); Vivere Entertainment AE (Ateni, il-Greċja); Theros International Gaming, Inc. (Patra, il-Greċja); Elliniko Casino Kerkyras (Ateni); Casino Rodos (Ródos, il-Greċja); u Porto Carras AE (Alimos, il-Greċja) (rappreżentant: S. Pappas, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet**

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni COMP F3/MC/erg*2012/127386 tad-29 ta' Novembru 2012, li permezz tagħha ġie miċħud l-ilment tar-rikorrenti li tressaq fl-4 ta' April 2012 li jikkonċerna l-allegat għoti ta' għajnuna mill-Istat lil OPAP mill-Istat Grieg;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw erba' motivi.

L-ewwel motiv jallega ksur tad-dritt għal smigħ tar-rikorrenti kif stabbilit fl-Artikolu 108(2) TFUE b'riżultat tan-nuqqas tal-Kummissjoni li tiftaħ proċedura ta' investigazzjoni formali skont l-Artikoli 4(4), 6 u 20 tar-Regolament Nru 659/1999, li jikkostitwixxi użu ħażin ta' poter.

— Il-Kummissjoni kisret l-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikoli 4 *et seq* tar-Regolament, sa fejn hija sostanzjalment wettqet proċedura ta' investigazzjoni formali mingħajr ma osservat ir-rekwiżiti formali tagħha u b'hekk ċaħdet lir-rikorrenti-lanjanti, kif ukoll lil partijiet ikkonċernati oħra, mid-dritt tagħhom għal smigħ.

— Alternattivament, ir-rikorrenti jinvokaw ksur tad-drittijiet tagħhom ta' assoċjazzjoni mal-każ waqt il-proċedura ta' investigazzjoni preliminari.

It-tieni motiv jallega ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u tad-dritt tar-rikorrenti għal amministrazzjoni tajba skont l-Artikoli 296 TFUE u 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea rispettivament.

— Billi tonqos milli tikkunsidra l-informazzjoni u l-figuri ekonomiċi kollha, id-deċiżjoni kkontestata tonqos milli tiżvela b'mod ċar u inekwivoku r-raġunament adottat mill-Kummissjoni b'tali mod li tippermetti lir-rikorrenti jaċċertaw ruħhom dwar ir-raġunijiet li wasslu għall-konklużjoni li l-miżuri inkwistjoni ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat. Dawn in-nuqqasijiet ma jistgħux jiġu ġġustifikati b'riferiment għall-obbligu ta' preservazzjoni tal-kunfidenzjalità kummerċjali.

— Ir-rikorrenti jikkontestaw ukoll in-natura kunfidenzjali tad-daqsijiet kruċjali ekonomiċi.

It-tielet motiv jallega ksur tad-dritt tar-rikorrenti għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva pprovduta mill-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB) u mill-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

— Għall-istess raġunijiet bħal dawk avvanzati fil-kuntest tal-motiv Nru 2, hemm ksur tad-dritt tar-rikorrenti għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva. Ir-rikorrenti jsibu diffikultà sabiex jikkontestaw direttament is-sustanza tad-deċiżjoni kkontestata, peress li ma jistgħu bl-ebda mod jaċċertaw ruħhom dwar ir-raġument sottostanti, minħabba li dan huwa bbażat biss fuq informazzjoni ekonomika, li baqgħet ma ġietx żvelata.

Ir-raba’ motiv jallega żball manifest ta’ liġi fl-evalwazzjoni tal-konformità tal-Ftehim VLT konġuntement mal-Addendum u fl-adozzjoni tal-konklużjoni li dawn tal-aħħar ma jagħtux lok għal vantaġġ ekonomiku lil OPAP.

— L-għoti ta’ vantaġġi ekonomiċi, li huwa rekwiżit formali għall-eżistenza ta’ għajnuna mill-Istat, għandu jiġi evalwat fil-kuntest ta’ suq distint u mhux fil-kuntest ta’ evalwazzjoni konġunta ma’ miżuri simili mogħtija lill-istess riċevitur f’suq differenti, irrispettivament mill-fatt dwar jekk dan tal-aħħar huwiex paragunabbli mal-ewwel imsemmi suq.

— Fi kwalunkwe każ, tali evalwazzjoni konġunta ma tistax titwettaq inkonnessjoni ma’ miżuri li għandhom jiġu applikati f’perijodi differenti ta’ żmien.

---

**Rikors ippreżentat fid-29 ta’ Jannar 2013 — Club Hotel Loutraki et vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-58/13)**

(2013/C 114/58)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

## Partijiet

*Rikorrenti:* Club Hotel Loutraki (Loutraki, il-Greċja); Vivere Entertainment AE (Ateni, il-Greċja); Theros International Gaming, Inc. (Patra, il-Greċja); Elliniko Casino Kerkyras (Ateni); Casino Rodos (Ródos, il-Greċja); Porto Carras AE (Alimos, il-Greċja); u Kazino Aigaiou AE (Syros, il-Greċja) (rappreżentanti: S. Pappas, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

## Talbiet

Ir-rikorrenti jitolbu li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2012) 6777 finali dwar l-għajnuna mill Istat SA 33988 (2011/N) tat-3 ta’ Ottubru 2012;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

## Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw erba’ motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq allegazzjoni ta’ ksur tad-dritt għal smigħ tar-rikorrenti, kif stabbilit fl-Artikolu 108(2) TFUE, minħabba n-nuqqas tal-Kummissjoni li tiftaħ proċedura ta’ investigazzjoni formali skont l-Artikoli 4(4), 6 u 20 tar-Regolament Nru 659/1999, u dan jikkostitwixxi abbuż ta’ poter.

— Il-Kummissjoni kisret l-Artikolu 108(2) TFUE u l-Artikoli 4 *et seq* tar-Regolament, sa fejn hija essenzjalment wettqet proċedura ta’ investigazzjoni formali mingħajr ma osservat ir-rekwiżiti proċedurali tagħha u b’dan il-mod ċaħħdet lir-rikorrenti u lill-partijiet interessati l-oħra mid-dritt għal smigħ tagħhom.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq allegat ksur tal-obbligu ta’ motivazzjoni u tad-dritt tar-rikorrenti għall-amminstrazzjoni tajba skont l-Artikoli 296 TFUE u 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea rispettivament.

— Billi tħalli barra d-data u l-figuri ekonomiċi kruċjali kollha, id-deċiżjoni kkontestata tonqos milli tesponi b’mod ċar u koerenti r-raġunament segwit mill-Kummissjoni b’tali mod li tippermetti lir-rikorrenti jidentifikaw ir-raġunijiet li wasslu għall-konklużjoni li l-miżuri inkwistjoni ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat. Dawn in-nuqqasijiet ma jistgħux jiġu ġġustifikati b’riferiment għall-obbligu ta’ protezzjoni tas-sigriet tan-negozju.

— Ir-rikorrenti jikkuntestaw ukoll in-natura kunfidenzjali tad-dimensjonijiet ekonomiċi kruċjali.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq allegat ksur tad-dritt tar-rikorrenti għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva previst fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB) u fl-Artikolu 47 tal- Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

— Għall istess raġunijiet esposti fit-tieni motiv, id-dritt tar-rikorrenti għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva qiegħed jinkiser. Ir-rikorrenti qegħdin jiltaqgħu ma’ diffikultajiet biex jikkuntestaw direttament il-mertu tad-deċiżjoni kkontestata, peress li ma humiex f’pożizzjoni li jidentifikaw, b’xi mod, ir-raġunament warajha, peress li din hija bbażata biss fuq data ekonomika li ma ġietx żvelata.

(4) Ir-raba’ motiv ibbażat fuq allegazzjoni ta’ żball manifest ta’ liġi sa fejn ġie deċiż li l-Ftehim VLT flimkien mal-Addendum huma konformi u sa fejn ġie konkluż li dawn ma jagħtux vantaġġ ekonomiku lill-OPAP.

— L-għoti ta’ vantaġġi ekonomiċi, li huwa rekwiżit formali għall-eżistenza ta’ għajnuna mill-Istat, għandu jiġi evalwat fid-dawl ta’ suq separat u mhux f’dak ta’ teħid inkunsiderazzjoni flimkien ma’ miżuri simili oħra mogħtija lill-istess persuna iżda f’suq differenti, irrispettivament minn jekk dan tal-aħħar huwiex paragunabbli ma’ dak tal-ewwel. Jekk ikun mod ieħor il-protezzjoni tal-kompetizzjoni tkun tabilħaqq frammentarja.

— F'kull każ, tali evalwazzjoni flimkien ma tistax issir fir-rigward ta' miżuri li għandhom jiġu applikati f'perijodi differenti.

---

## Appell ippreżentat fit-30 ta' Jannar 2013 minn BT mid-digriet mogħti fit-3 ta' Diċembru 2012 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-45/12, BT vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-59/13 P)**

(2013/C 114/59)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Appellanti:* BT (Bukarest, ir-Rumanija) (rappreżentant: N. Visan, avukat)

*Appellata:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

L-appellanti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-3 ta' Diċembru 2012 fil-Kawża F-45/12;

— tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid u taċċetta r-rikors ippreżentat mir-rikorrenti/appellanti; u

— tordna lill-konvenuta/appellata tbati l-ispejjeż.

### Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tinvoka seba' aggravji.

(1) L-ewwel aggravju, li jallega ksur ta' wieħed mill-prinċipji li jirregola l-proċedura amministrattiva, il-prinċipju tar-rwol attiv, peress li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkunsidra li r-rikors ma kellux motivi, mingħajr ma wettaq verifika *ex officio* dwar il-legalità tad-deċiżjoni kkontestata fl-ewwel istanza li ma kinitx limitata għar-raġunijiet invokati mir-rikorrenti fl-ewwel istanza.

(2) It-tieni aggravju bbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 6(1) [tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem] u tal-ewwel u t-tieni paragrafu tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Ksur tal-prinċipju ta' "aċċess għal Qorti" u tal-prinċipju ta' imparzjalità tal-Qorti, peress li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ċaħad ir-rikors tar-rikorrenti bħala manifestament inammissibbli mingħajr ma kkonċedielha l-possibbiltà li tikkoreġi u li tikkompleta r-rikors, li huwa dritt stabbilit u rikonoxxut fil-leġiżlazzjoni ta' kull pajjiż Ewropew iżda wkoll mill-Qrati Ewropej (pereżempju l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem).

(3) It-tielet aggravju bbażat fuq ksur tad-dritt "ta' aċċess għal Qorti", li huwa wkoll ikkaratterizzat mill-oppożizzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għad-dritt ta' preżentazzjoni ta' replika b'risposta għan-nota tal-konvenuta, filwaqt li r-rikorrenti talbet espressament it-tieni skambju ta' osservazzjonijiet. Ir-rifjut ta' dan id-dritt (li tiġi ppreżentata replika) ċaħħad lir-rikorrenti mill-opportunità li tirrettifika l-irregolarità invokata mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, u dan, f'mument meta r-rikorrenti ma setgħetx iktar tippreżenta rikors li kien josserva l-kundizzjonijiet legali, peress li t-terminu għall-preżentata ta' rikors kien skada (Artikolu 78 tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku).

(4) Ir-raba' aggravju bbażat fuq ksur tal-prinċipju tad-dritt ta' difiża tal-kawża quddiem qorti u fuq il-ksur tal-prinċipju tan-natura pubblika tal-proċedura peress li ma kienx hemm seduta pubblika; dan il-prinċipju huwa stabbilit mir-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku u mill-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

(5) Il-Ħames aggravju bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ekwità tal-proċedura peress li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ma semgħax lir-rikorrenti fir-rigward tal-kawża tal-inammissibbiltà tar-rikors tagħha (Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem).

(6) Is-sitt aggravju bbażat fuq ksur tal-Artikolu 21(1) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-ewwel paragrafu (ċ) tal-Artikolu 44 tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal, għaliex it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fir-realtà applika "regola ta' kristallizzazzjoni tal-proċedura" meta kkunsidra li r-rikors ma kien fih ebda motiv.

(7) Is-seba' aggravju, li jgħid li l-kundanna tar-rikorrenti għall-ispejjeż mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku meta dan ma ddeċidiex fuq il-mertu, f'mument meta r-rikorrenti saret finanzjarjament dipendenti minħabba li ntemm il-kuntratt ta' xogħol mal-Kummissjoni, tikser l-Artikolu 89(6) tar-Regoli tal-Proċedura tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, li jipprovdi li "fil-każ li ma jkunx hemm lok li tingħata deċiżjoni, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku jiddeċiedi dwar l-ispejjeż skont id-diskrezzjoni tiegħu".

---

**Rikors ippreżentat fil-11 ta' Frar 2013 — InterMune UK et. vs EMA**

**(Kawża T-73/13)**

(2013/C 114/60)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* InterMune UK Ltd (Londra, ir-Renju Unit) InterMune, Inc. (Brisbane, l-Istati Uniti tal-Amerka); u InterMune International AG (Muttenz, l-Isvizzera) (rappreżentanti: I. Dodds-Smith u A. Williams, Solicitors, T. de la Mare, Barrister, u F. Campbell, avukat)

*Konvenuta:* Aġenzija Ewropea għall-Mediċini

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni, innotifikata mill-konvenuta lir-rikorrenti fil-15 ta' Jannar 2013, li tiżvela ċerta numru ta' informazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 ([1]), sa fejn l-imsemmija deċiżjoni tirrigwarda l-iżvelar ta' informazzjoni, li kienet ġiet ipprovduta preċedentement mir-rikorrenti lill-konvenuta, li għadha ma hijiex disponibbli għall-pubbliku; u

— tikkundanna lill-konvenuta għall-ħlas tal-ispejjeż u ħlasijiet oħra inkorsi mir-rikorrenti fil-kuntest ta' din il-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenuta ma wettqitx kif suppost l-eżerċizzju ta' bbilanċjar li jimponilha l-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 1049/2001, sabiex tevalwa jekk jeżistix, fil-fatt, interess pubbliku għall-iżvelar tal-informazzjoni inkwistjoni li jiħu l-preċedenza fuq in-neċessità li jiġu pprotetti l-interessi kummerċjali tar-rikorrenti kontra l-preġudizzju kunsiderevoli li jirriżulta minn tali żvelar.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq il-fatt li l-konvenuta naqset milli tieħu inkunsiderazzjoni kif xieraq elementi importanti oħra rilevanti sabiex jitwettaq l-eżerċizzju ta' bbilanċjar rikjest mil-leġiżlazzjoni, fosthom:

— ir-rekwiżiti li jirriżultaw minn atti speċifiċi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea (b'mod partikolari r-Regolament (KE) Nru 726/2004 ([2]) u, iktar partikolarment, l-Artikolu 14(11) tiegħu);

— il-prinċipji ta' interpretazzjoni, imposti mill-Artikolu 39(3) tal-Ftehim TRIPs (ftehim dwar l-aspetti tad-drittijiet tal-proprjetà intelletwali relatati mal-kummerċ) fuq l-instituzzjonijiet kollha tal-Unjoni Ewropea, li dawn tal-aħħar għandhom josservaw fl-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni;

— id-drittijiet fundamentali għall-proprjetà u tar-rispett tal-ħajja privata, kif protetti mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, evalwati fid-dawl ta' eżami dettaljat tal-fatti rilevanti kollha sabiex tkun tista' ssir analiżi tal-proporzjonalità; u

— l-obbligu li ssegwi l-linji gwida u l-politika ppubblikata tagħha stess dwar l-importanza tal-protezzjoni ta' informazzjoni koperta bis-sigriet kummerċjali.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li, li kieku l-konvenuta wettqet korrettament l-eżerċizzju ta' bbilanċjar meħtieġ, u li kieku ħadet inkunsiderazzjoni kif suppost l-elementi kollha rilevanti, l-unika konklużjoni legali, proporzjonali u/jew raġonevoli kienet tkun li l-informazzjoni inkwistjoni ma għandhiex tiġi żvelata.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 726/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-31 ta' Marzu 2004, li jistabbilixxi proċeduri Komunitarji għall-awtorizzazzjoni u s-sorveljanza ta' prodotti mediċinali għall-użu mill-bniedem u veterinarju u li jistabbilixxi l-Aġenzija Ewropea għall-Mediċini (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti; Kapitolu 13, Vol. 34, p. 229).

**Rikors ippreżentat fil-15 ta' Frar 2013 — Ir-Renju Unit vs BĊE**

**(Kawża T-93/13)**

(2013/C 114/61)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq (rappreżentanti: K. Beal, QC, u E. Jenkinson, aġent)

*Konvenut:* Il-Bank Ċentrali Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla parzjalment id-Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-11 ta' Diċembru 2012, li temenda d-Deċiżjoni BĊE/2007/7 dwar il-kundizzjonijiet tat-TARGET2-BĊE (BĊE/2012/31) (ĠU 2013 L 13, p. 8.);

— tannulla parzjalment il-Linja gwida tal-Bank Ċentrali Ewropew, tal-5 ta' Diċembru 2012, dwar is-sistema Trans-European Automated Real-time Gross settlement Express Transfer (TARGET2) (BĊE/2012/27) (ĠU 2013 L 30, p. 1);

— tordna li l-konvenut ibati l-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka seba' motivi.

(1) L-ewwel motiv jallega li l-BĊE ma kellux il-kompetenza li jippubblika l-atti kkontestati, jew b'mod assolut jew alternattivament mingħajr ma jirrikorri għall-promulgazzjoni ta' strument leġiżlattiv bħal regolament, adottat jew mill-Kunsill jew alternattivament mill-BĊE innifsu;

(2) It-tieni motiv jallega li l-atti kkontestati jew *de iure* jew *de facto* jimponu rekwiżit ta' residenza fuq Ċentri ta' rilaxx ta' Kontrapartijiet Ċentrali ("ĊKĊ") li jixtiequ jeżerċitaw operazzjonijiet ta' rilaxx jew ta' ħlas fil-munita Euro li t-tranżazzjonijiet tagħhom kuljum jeċċedu ċertu volum. Barra minn hekk, dawn jirrestrinġu jew jimpedixxu n-natura u/jew il-firxa ta' servizzi jew ta' kapital li jista' jiġi pprovdut lil ĊKĊ stabbiliti fi Stati Membri li ma jifformawx parti miż-żona Euro. L-atti kkontestati jiksru l-Artikoli 48, 56 u/jew 63 TFUE, peress li:

— ĊKĊ stabbiliti fi Stati Membri li ma jifformawx parti miż-żona Euro, bħar-Renju Unit, ikunu obbligati li jċaqilqu ċ-ċentri ta' amministrazzjoni u ta' kontroll tagħhom lejn Stati Membri li jifformaw parti miż-żona Euro. Dawn jiġu obbligati wkoll li jistabbilixxu ruħhom bħala persuni ġuridiċi rikonoxxuti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali ta' Stat Membru ieħor;

— F'każ li tali ĊKĊ ma jiċċaqalqux kif meħtieġ, dawn jiġu preklużi milli jaċċedu għas-swieq finanzjarji tal-Istati Membri li jifformaw parti miż-żona Euro, jew taħt l-istess kundizzjonijiet bħal ĊKĊ stabbiliti f'dawk it-territorji, jew inkella jiġu preklużi għal kollox;

— Tali ĊKĊ mhux residenti ma jkunux intitolati għal faċilitajiet offruti mill-BĊE jew mill-Banek Ċentrali Nazzjonali ("BĊN") tal-Istati Membri li jifformaw parti miż-żona Euro, jew taħt l-istess kundizzjonijiet jew inkella għal kollox;

— B'riżultat ta' dan, il-kapaċità ta' tali ĊKĊ li joffru servizzi ta' rilaxx jew ta' ħlas fil-munita Euro lil klijenti fl-Unjoni tiġi ristretta jew anki pprojbita b'mod sħiħ.

(3) It-tielet motiv jallega li l-atti kkontestati jiksru l-Artikoli 101 u/jew 102 TFUE, ikkunsidrati flimkien mal-Artikolu 106 TFUE u l-Artikolu 13 TUE, peress li:

— Dawn effettivament jeħtieġu li kull tranżazzjoni ta' rilaxx imwettqa fil-munita Euro li teċċedi ċertu livell għandha titwettaq minn ĊKĊ stabbiliti fi Stati Membri li jifformaw parti miż-żona Euro;

— Dawn effettivament jordnaw li l-BĊE u/jew Stati Membri li jifformaw parti miż-żona Euro u/jew BĊN ma jipprovdux riżervi fil-munita Euro lil ĊKĊ stabbilit fi Stati Membri li ma jifformawx parti miż-żona Euro jekk dawn jeċċedu l-limiti stabbiliti fid-deċiżjoni.

(4) Ir-raba' motiv jallega li r-rekwiżit li ĊKĊ stabbiliti fi Stati Membri li ma jifformawx parti miż-żona Euro jadottaw personalità ġuridika u residenza differenti huwa diskriminazzjoni diretta jew indiretta abbażi tan-nazzjonalità. Dan jikser ukoll il-prinċipju ġenerali tal-ugwaljanza tal-UE, peress li ĊKĊ stabbiliti fi Stati Membri differenti huma suġġetti għal trattament differenti mingħajr ġustifikazzjoni oġġettiva għal dan.

(5) Il-ħames motiv jallega li l-atti kkontestati jiksru dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU 2012 L 201, p. 1).

(6) Is-sitt motiv jallega li l-atti kkontestati jiksru l-Artikoli II, XI, XVI u XVII tal-Ftehim Ġenerali dwar il-Kummerċ fis-Servizzi (GATS).

(7) Is-seba' motiv jallega li, mingħajr ma jassumi l-oneru li jistabbilixxi li ma hemmx ġustifikazzjoni ta' interess pubbliku għal tali restrizzjonijiet (peress li l-oneru sabiex iressaq il-każ tiegħu għal deroga jekk jagħżel li jagħmel hekk jinsab fuq il-BĊE), ir-Renju Unit josserva li kull ġustifikazzjoni ta' interess pubbliku mressqa mill-BĊE ma tkunx tosserva r-rekwiżit ta' proporzjonalità, peress li huma disponibbli mezzi inqas restrittivi sabiex jiġi żgurat il-kontroll fuq istituzzjonijiet finanzjarji residenti fl-Unjoni iżda barra miż-żona Euro.

---

**Appell ippreżentat fis-17 ta' Frar 2013 minn Ioannis Ntouvas mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-11 ta' Diċembru 2012 fil-Kawża F-107/11 — Ntouvas vs ECDC**

**(Kawża T-94/13 P)**

(2013/C 114/62)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellant:* Ioannis Ntouvas (Agios Stefanos, il-Greċja) (rappreżentant: V. Kolias, avukat)

*Appellat:* Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (Stokkolma, l-Isvezja)

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-11 ta' Diċembru 2012 fil-Kawża F-107/11, Ntouvas vs ECDC li tiċħad ir-rikors għall-annullament tar-rapport ta' evalwazzjoni tal-appellant għall-2010 u li tikkundannah għall-ispejjeż;

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata fl-ewwel istanza; u

— tikkundanna lill-appellat ibati l-ispejjeż proċedurali kollha sostnuti fl-ewwel istanza u fl-appell.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jinvoka erbatax-il aggravju.

(1) L-ewwel aggravju bbażat fuq ksur ta' dispożizzjoni legali li tikkonċerna l-oneru, u l-amministrazzjoni, tal-prova, inkwantu t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku laqa' t-talba tal-konvenut fl-ewwel istanza għal proroga tat-terminu għas-sottomissjoni tad-difiża tiegħu fl-ewwel istanza, minkejja l-fatt li l-appellant ma pproduċiex il-provi taċ-ċirkustanzi li fil-fehma tiegħu kienu jiġġustifikaw tali proroga.

(2) It-tieni aggravju bbażat fuq żball sostanzjali fil-konstatazzjoni ta' fatt, inkwantu t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkonstata li d-data ta' notifika, lill-konvenut fl-ewwel istanza, tar-rikors fl-ewwel istanza kienet is-7 ta' Novembru 2011 u mhux l-4 ta' Novembru 2011.

(3) It-tielet aggravju bbażat fuq evalwazzjoni żbaljata tal-fatti, inkwantu t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku interpreta u evalwa b'mod żbaljat id-dokumenti fil-fajl li jikkonfutaw l-argumenti mressqa mill-konvenut fl-ewwel istanza insostenn tat-talba tiegħu għal proroga tat-terminu għas-sottomissjoni tad-difiża tiegħu fl-ewwel istanza.

(4) Ir-raba' aggravju bbażat fuq klassifikazzjoni legali żbaljata tal-fatti, inkwantu t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkunsidra b'mod żbaljat bħala "eċċezzjonali" ċ-ċirkustanzi li l-konvenut fl-ewwel istanza invoka meta talab il-proroga tat-terminu għas-sottomissjoni tad-difiża tiegħu fl-ewwel istanza.

(5) Il-ħames aggravju bbażat fuq konstatazzjoni żbaljata, sussidjarjament fuq klassifika żbaljata tal-fatti, inkwantu t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkunsidra b'mod żbaljat li l-appellant ma kienx talab li tingħata sentenza fil-kontumaċja, sussidjarjament li d-dikjarazzjonijiet tiegħu ma jikkostitwixxux rikors għal għoti ta' sentenza fil-kontumaċja.

(6) Is-sitt aggravju bbażat fuq evalwazzjoni żbaljata tad-dokumenti li jinsabu fil-proċess, inkwantu t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sostna li żewġ pożizzjonijiet fi ħdan is-servizzi tal-konvenut fl-ewwel istanza kienu sinjifikattivament differenti minn xulxin.

(7) Is-seba' aggravju bbażat fuq żball fl-istabbiliment tal-oneru tal-prova, inkwantu t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku ċaħad, minħabba nuqqas ta' provi, it-talba tal-appellant li mill-inqas wieħed mill-membri tal-Kumitat Konġunt tal-Evalwazzjoni tal-konvenut fl-ewwel istanza kellu kunflitt ta' interessi, minkejja l-fatt li l-imsemmija provi kienu jikkonsistu f'dokumenti identifikati fir-rikors fl-ewwel istanza u mill-ewwel disponibbli lill-konvenut fl-ewwel istanza; sussidjarjament, it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku naqas milli josserva d-dmir tiegħu, bħala qorti amministrattiva adita bi kwistjoni legali industrijali, li jordna l-miżuri neċessarji għall-organizzazzjoni tal-proċedura għall-kisba tal-imsemmija dokumenti. Barra minn hekk, il-Qorti Ġenerali interpretat b'mod żbaljat il-bażi l-egali l-motiv tal-appellant u interpretat b'mod żbaljat l-Artikolu 9(6) tar-Regola ta' Implementazzjoni Nru 20 dwar l-Evalwazzjonijiet (iktar il quddiem ir-"regola ta' implementazzjoni"), adottata mid-direttur tal-ECDC fis-17 ta' April 2009.

(8) It-tmien aggravju bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata ta', u nuqqas ta' eżami ta' motiv li jallega l-assenza ta' regoli proċedurali għall-Kumitat Konġunt tal-Evalwazzjoni tal-ECDC.

(9) Id-disa' aggravju bbażat fuq żnaturament tal-provi, sussidjarjament fuq klassifikazzjoni legali tal-fatti, inkwantu t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkunsidra li l-motiv mhux issostanzjat tal-appellant li l-Kumitat Konġunt tal-Evalwazzjoni tal-ECDC naqas milli jivverifika l-provi li kellu jivverifika taħt l-Artikolu 9(4) tar-regola ta' implementazzjoni.

(10) L-għaxar aggravju huwa bbażat fuq evalwazzjoni żbaljata, sussidjarjament fuq klassifikazzjoni legali tal-fatti, inkwantu t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkunsidra li kienet suffiċjenti l-motivazzjoni tal-opinjoni tal-Kumitat Konġunt tal-Evalwazzjoni tal-ECDC.

(11) Il-ħdax-il aggravju huwa bbażat fuq interpretazzjoni żbaljata ta' motiv, u żball fil-klassifikazzjoni legali tal-fatti, inkwantu t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku għamel interpretazzjoni żbaljata tat-talba tal-appellanti ta' motivazzjoni insuffiċjenti tal-opinjoni tal-Kumitat Konġunt tal-Evalwazzjoni tal-konvenut fl-ewwel istanza bħala żball manifest ta' evalwazzjoni; u qies li tali motivazzjoni kienet suffiċjenti.

(12) It-tnax-il aggravju bbażat fuq evalwazzjoni żbaljata tal-fatti, inkwantu t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku sostna li r-rapport ta' evalwazzjoni kkontestat ma kienx ivvizzjat bi żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-effiċjenza tal-appellant f'termini ta' volum ta' xogħol.

(13) It-tlettax-il aggravju bbażat fuq klassifikazzjoni legali żbaljata tal-fatti inkwantu t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kkunsidra bħala proporzjonali l-kritika fir-rapport ta' evalwazzjoni kkontestat, minkejja l-fatt li, matul il-perijodu ta' evalwazzjoni, il-konvenut fl-ewwel istanza ma kienx informa lill-appellant l-allegati problemi fl-aġir tiegħu.

(14) L-erbatax-il aggravju bbażat fuq evalwazzjoni żbaljata tal-fatti, inkwantu t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li l-volum ta' xogħol tal-appellant kien inqas sinjifikattiv milli effettivament kien.

---

## Rikors ippreżentat fl-20 ta' Frar 2013 — Toshiba vs Il-Kummissjoni

**(Kawża T-104/13)**

(2013/C 114/63)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

### Partijiet

*Rikorrenti:* Toshiba Corp. (Tokjo, il-Ġappun) (rappreżentant: J. MacLennan, Solicitor, J. Jourdan, A. Schulz u P. Berghe, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla l-Artikolu 1(2)(d) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2012, fil-Każ COMP/39.437 — *Tubi katodiċi għal televiżjoni u monitors tal-kompjuter*;

— tannulla l-Artikolu 1(2)(e) tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2012, fil-Każ COMP/39.437 — *Tubi katodiċi għal televiżjoni u monitors tal-kompjuter*;

— tannulla l-Artikolu 2(2)(g) tad-deċiżjoni kkontestata jew sussidjarjament tnaqqas il-multa skont kif jitqies li huwa xieraq mill-Qorti Ġenerali;

— tannulla l-Artikolu 2(2)(h) tad-deċiżjoni kkontestata jew sussidjarjament tannulla l-Artikolu 2(2)(h) sa fejn Toshiba tinżamm responsabbli flimkien u *in solidum* jew sussidjarjament tnaqqas il-multa skont kif jitqies li huwa xieraq mill-Qorti Ġenerali;

— tadotta provvedimenti ulterjuri skont kif jitqies li huwa xieraq fiċ-ċirkustanzi tal-każ;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż sostnuti mir-rikorrenti.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka sitt motivi.

(1) L-ewwel motiv huwa bbażat fuq żball tad-deċiżjoni kkontestata billi sabet lil Toshiba Corporation responsabbli għall-ksur tal-Artikolu 101 TFUE għall-perijodu mis-16 ta' Mejju 2000 sal-11 ta' April 2002.

(2) It-tieni motiv huwa bbażat fuq żball tad-deċiżjoni kkontestata billi sabet lil Toshiba Corporation responsabbli għall-ksur tal-Artikolu 101 TFUE għall-perijodu mit-12 ta' April 2002 sal-31 ta' Marzu 2003;

(3) It-tielet motiv huwa bbażat fuq żball tad-deċiżjoni kkontestata billi sabet lil Toshiba Corporation responsabbli għall-ksur tal-Artikolu 101 TFUE għall-perijodu mill-1 ta' April 2003 sat-12 ta' Ġunju 2006.

(4) Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq żball tad-deċiżjoni kkontestata billi sabet lil Toshiba Corporation responsabbli flimkien u *in solidum* għall-parteċipazzjoni ta' Matsushita Toshiba Picture Display Co., Ltd. (iktar 'il quddiem, "MTPD") fil-ksur għall-perijodu mill-1 ta' April 2003 sat-12 ta' Ġunju 2006.

(5) Sussidjarjament għar-raba' motiv, il-ħames motiv huwa bbażat fuq żball tad-deċiżjoni kkontestata billi sabet lil MTPD responsabbli talli pparteċipat fil-ksur għall-perijodu mill-1 ta' April 2003 sat-12 ta' Ġunju 2006.

(6) Is-sitt motiv huwa bbażat fuq żball tad-deċiżjoni kkontestata billi imponiet multa fl-Artikoli 2(2)(g) u 2(2)(h) jew, sussidjarjament, fuq żball tad-deċiżjoni kkontestata fil-kalkolu ta' dawn il-multi.

---

**Rikors ippreżentat fit-23 ta' Frar 2013 — VTZ et vs Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea**

**(Kawża T-108/13)**

(2013/C 114/64)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Volžskij trubnyi zavod OAO (VTZ OAO) (Volzhsky, ir-Russja); Taganrogskij metallurgičeskij zavod OAO (Tagmet OAO) (Taganrog, ir-Russja); Sinarskij trubnyj zavod OAO (SinTZ OAO) (Kamensk-Uralsky, ir-Russja); u Severskij trubnyj zavod OAO (STZ OAO) (Polevskoy, ir-Russja) (rappreżentanti: J. Bellis, F. Di Gianni u G. Coppo, avukati)

*Konvenut:* Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1269/2012 tal-21 ta' Diċembru 2012 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 585/2012 li jimponi dazju anti-dumping definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti pajpijiet u tubi mingħajr saldaturi, tal-ħadid jew tal-azzar, li joriġinaw, *inter-alia,* mir-Russja, wara reviżjoni interim parzjali skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (KE) Nru 1225/2009, sa fejn dan jinkludi l-bejgħ li jsir riferiment għalih fil-punti 23 sa 33 tar-Regolament ikkontestat, fil-kamp tal-investigazzjoni ta' reviżjoni;

— b'konsegwenza għall-annullament parzjali mitlub iktar 'il fuq, tikkoreġi r-rata tad-dazju antidumping applikabbli għall-grupp TMK, billi tbaxxiha minn 28.7 % għal 13.6 %;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż kollha tal-kawża.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jinvokaw tliet motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq il-fatt li l-Kunsill b'mod illegali bbaża fuq kriterji differenti minn dawk li jinsabu fil-kliem tad-dispożizzjonijiet doganali rilevanti, sabiex jiddetermina l-klassifikazzjonijiet tat-tubi msemmija fil-punti 23 sa 33 tar-Regolament ikkontestat.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq li l-motivi speċifiċi li fuqhom jibbaża l-Kunsill sabiex jikkonkludi li t-tubi msemmija fil-punti 23 sa 33 tar-Regolament ikkontestat ma jidħlux taħt il-kodiċi NM 7304 59 10 huma żbaljati.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq li, fid-dawl taċ-ċirkustanzi speċifiċi tal-kawża, is-sempliċi fatt li t-tubi msemmija fil-punti 23 sa 33 tar-Regolament ikkontestat kienu effettivament użati għall-manifattura ta' tubi u pajpijiet ta' wisa' differenti u ta' ħxuna tal-ħitan differenti huwa prova li jaqgħtu taħt il-kodiċi NM 7304 59 10.

**Appell ippreżentat fit-22 ta' Frar 2013 minn Maria Concetta Cerafogli mis-sentenza mogħtija mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fit-12 ta' Diċembru 2012 fil-Kawża F-43/10, Cerafogli vs BĊE**

**(Kawża T-114/13 P)**

(2013/C 114/65)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Appellanti:* Maria Concetta Cerafogli (Frankfurt am Main, il-Ġermanja) (rappreżentant: L. Levi, avukat)

*Parti oħra fil-proċedura:* Il-Bank Ċentrali Ewropew

**Talbiet tal-appellanti**

— tannulla s-sentenza appellata;

— konsegwentement:

  — tannulla d-deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-24 ta' Novembru 2009 li tiċħad l-ilmenti tal-appellanti fir-rigward ta' diskriminazzjoni u ta' attentati għad-dinjità tagħha minħabba l-imġieba tad-direttorat tagħha u, jekk neċessarju, tannulla d-deċiżjoni tal-24 ta' Marzu 2010 li tiċħad l-appell speċjali;

  — tilqa' t-talbiet tal-appellanti fformulati fit-talba tagħha għal eżami mill-ġdid amministrattiv u b'mod iktar partikolari:

  — twaqqaf kull forma ta' diskriminazzjoni u ta' fastidju psikoloġiku kontra l-appellanti kemm jekk b'atti verbali kif ukoll b'assenjazzjonijiet u arranġamenti ta' xogħol;

  — tordna l-irtirar bil-miktub, minn G, tad-dikjarazzjonijiet offensivi u li jheddu tiegħu;

  — f'kull każ, tordna l-kumpens għad-dannu morali u materjali subit evalwat *ex aequo et bono* għall-ammont ta' EUR 50 000 (dannu morali) u għall-ammont ta' EUR 15 000 (dannu materjali);

— tordna lill-BĊE jipproduċi r-rapport sħiħ tal-investigazzjoni amministrattiva interna bl-annessi kollha tiegħu, inklużi l-minuti tas-seduti. Barra minn hekk, tordna lill-BĊE jipproduċi wkoll il-komunikazzjonijiet kollha bejn il-bord tal-investigazzjoni u/jew il-kap tal-investigazzjoni u l-Bord Eżekuttiv u/jew il-President tal-BĊE;

— tordna l-konvokazzjoni tal-ex Kunsillier Soċjali tal-konvenut bħala xhud.

— tordna lill-konvenut iħallas l-ispejjeż kollha kemm tal-appell kif ukoll tal-ewwel istanza.

**Aggravji u argumenti prinċipali**

Insostenn tal-appell tagħha, l-appellanti tqajjem ħames aggravji.

(1) L-ewwel aggravju bbażat fuq ksur tad-drittijiet tad-difiża, żnaturament tal-elementi tal-fajl, ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità, ksur tal-Artikolu 20 tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 ([1]) u ksur tad-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv. F'dan ir-rigward, l-appellanti tqis li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-UE ("TSP") wettaq żball ta' liġi u kiser id-drittijiet tad-difiża tagħha billi kkunsidra li hija ma setgħetx tibbaża ruħha fuq l-obbligu tal-BĊE li josserva d-drittijiet tad-difiża. Tabilħaqq, id-deċiżjoni li tiċħad it-talba tagħha għal assistenza affettwat b'mod sinjifikattiv l-interessi tal-appellanti u, barra minn hekk, il-proċedura kienet "inbdiet" kontra l-appellanti fis-sens speċifikat mill-ġurisprudenza (Il-Kummissjoni vs Lisrestal). Peress li l-appellanti ma setgħetx tieħu konjizzjoni tal-fajl, hija wkoll ma setgħetx tiddefendi d-drittijiet tagħha fir-rigward tal-fajl f'kundizzjonijiet sodisfaċenti quddiem il-ġudikatura Ewropea, bir-riżultat li d-dritt tagħha għal rimedju ġudizzjarju effettiv ukoll inkiser.

(2) It-tieni aggravju bbażat fuq ksur tad-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv u fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-imħallef. F'dan ir-rigward, l-appellanti talbet lit-TSP jordna lil BĊE jipproduċi, skont l-Artikolu 55 tar-Regoli tal-Proċedura tat-TSP, il-fajl tal-investigazzjoni inklużi l-annessi għar-rapport tal-investigazzjoni u l-minuti tas-seduti. Is-sentenza appellata rrifjutat li tieħu dawn il-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura bi ksur tad-drittijiet tal-appellanti għal rimedju ġudizzjarju effettiv u tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-imħallef.

(3) It-tielet aggravju bbażat fuq ksur tal-mandat tal-bord u fuq ksur tad-dmir ta' assistenza, billi l-konstatazzjonijiet li jirriżultaw miż-żewġ eżamijiet mill-ġdid (jiġifieri l-investigazzjoni u l-evalwazzjoni tat-TSP) huma limitati ħafna billi jagħtu prova biss li kien hemm kollegi li rrapportaw dikjarazzjonijiet negattivi dwar l-appellanti u dwar xogħolha. Issa dan ma ssodisfax l-għan tat-talba tagħha għal assistenza — u għalhekk tal-mandat tal-bord — b'mod partikolari li jiġu evalwati l-konstatazzjonijiet dwar il-kummenti negattivi fir-rigward tagħha. Barra minn hekk, is-sentenza appellata tinjora l-inġustizzja ta' din is-sitwazzjoni, b'mod partikolari li l-appellanti ma kinitx informata dwar l-opinjonijiet negattivi rrappurtati, b'hekk tqegħdet f'sitwazzjoni li fiha hija ma setgħet tagħmel xejn, fejn saret ħsara għar-reputazzjoni tagħha, u ma setgħetx tiddefendi lilha nfisha.

(4) Ir-raba' aggravju bbażat fuq ksur tal-Artikolu 6(5) taċ-Ċirkulari Amministrattiva 1/2006 tal-Bord Eżekuttiv tal-BĊE tal-21 ta' Marzu 2006 dwar investigazzjonijiet amministrattivi interni billi s-sentenza appellata kkunsidrat b'mod żbaljat li l-komunikazzjoni tar-rapport tal-investigazzjoni flimkien mal-fajl sħiħ jkunu biss fil-komunikazzjoni lill-persuna li qed tmexxi l-investigazzjoni.

(5) Il-ħames aggravju bbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni u fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni tal-imħallef, billi d-definizzjoni tal-iżball manifest ta' evalwazzjoni mogħtija mis-sentenza appellata ma hijiex konformi mal-ġurisprudenza tal-Qorti Ġenerali. Barra minn hekk, id-deċiżjoni appellata marret kontra l-istħarriġ tagħha tal-iżball manifest.

([1]) Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2000, dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 26 p. 102).

**Rikors ippreżentat fit-22 ta' Frar 2013 — Dennekamp vs Parlament**

**(Kawża T-115/13)**

(2013/C 114/66)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Gert-Jan Dennekamp (Giethoorn, il-Pajjiżi l-Baxxi) (rappreżentanti: O. Brouwer u T. Oeyen, avukati)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet tar-rikorrent**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Parlament tal-11 ta' Diċembru 2012 li tirrifjuta li jingħata aċċess għal (i) id-dokumenti kollha li juru liema Membri attwali tal-Parlament Ewropew (MP) huma membri tal-iskema ta' pensjoni addizzjonali (iktar 'il quddiem l-iskema ta' pensjoni), (ii) lista tal-ismijiet ta' MP li kienu membri tal-iskema ta' pensjoni wara Settembru 2005, u (iii) lista tal-ismijiet tal-membri attwali tal-iskema ta' pensjoni li l-Parlament iħallas għalihom kontribuzzjoni kull xahar. Din id-deċiżjoni ġiet ikkomunikata lir-rikorrent fit-12 ta' Diċembru 2012 permezz ta' ittra bir-referenza A(2012)13180; u

— tikkundanna lill-Parlament ibati l-ispejjeż tar-rikorrent skont l-Artikolu 87 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, inklużi l-ispejjeż ta' kwalunkwe partijiet intervenjenti.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka żewġ motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq allegat ksur tal-Artikoli 11 u 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea; żball ta' liġi fl-applikazzjoni tal-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 [1] flimkien mal-Artikolu 8(b) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001 [2], peress li d-deċiżjoni kkontestata tirrestrinġi b'mod eċċessiv l-portata tad-dritt li persuna tirċievi u tagħti informazzjoni li jinsab fl-Artikolu 11 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (iktar 'il quddiem il-"Karta"), u d-dritt ta' aċċess għal dokumenti uffiċjali li jinsab fl-Artikolu 42 tal-Karta, billi kisret l-Artikolu 4(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, flimkien mal-Artikolu 8(b) tar-Regolament (KE) Nru 45/2001, peress illi

— L-ewwel nett, il-Parlament żbalja meta kkunsidra li r-rikorrent ma kienx ipprovda raġunijiet speċifiċi u leġittimi li juru n-neċessità li d-data personali inkluża fid-dokumenti mitluba, tiġi ttrasferita;

— It-tieni nett, il-Parlament żbalja meta kkunsidra li l-informazzjoni dwar sħubija fl-iskema ta' pensjoni taqa' taħt l-isfera privata tal-MP kkonċernati; u

— It-tielet nett, il-Parlament wettaq żball ta' liġi meta kkunisdra li l-interess leġittimu tal-MP kkonċernati jipprevali fuq in-neċessità ta' trasferiment tad-data.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq li l-Parlament, bħala riżultat tal-iżbalji ta' liġi tiegħu, ma wettaqx l-obbligu tiegħu li jagħti raġunijiet sufficjenti u xierqa għad-deċiżjoni kkontestata, u b'hekk kiser l-obbligu li jagħti raġunijiet xierqa taħt l-Artikolu 296 TFEU.

[1] Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-30 ta' Mejju 2001, dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331)

[2] Regolament (KE) Nru 45/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tat-18 ta' Diċembru 2000, dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-movement liberu ta' dak id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 26, p. 102).

---

**Rikors ippreżentat fl-4 ta' Marzu 2013 — L-Italja vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża T-125/13)**

(2013/C 114/67)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Ir-Repubblika Taljana (rappreżentanti: G. Palmieri u S. Fiorentino, avvocati dello Stato)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea C(2012) 9448 finali, tad-19 ta' Diċembru 2012, innotifikata fl-20 ta' Diċembru, dwar żidiet fil-kapital magħmula mill-kumpannija SEA S.p.A. favur SEA Handling SpA;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

F'din il-kawża, l-Istat rikorrent jikkontesta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, fejn hija ddikjarat li l-miżuri stabbiliti minn SEA Spa, kumpannija li tmexxi l-ajruporti ta' Milano Malpensa u Milano Linate, favur is-sussidjarja tagħha SEA Handling SpA, responsabbli għat-tmexxija tas-servizzi ta' assistenza fuq l-art fl-istess ajruporti — miżuri li essenzjalment jikkonsistu f'injezzjonijiet ripetuti ta' kapital sabiex jagħmlu tajjeb għat-telf fl-operat — jikkostitwixxu għajnuna mill-Istat inkompatibbli mas-suq intern.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

(1) L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' ċertezza legali.

— F'dan ir-rigward huwa affermat li d-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata bi ksur tal-prinċipji ta' amministrazzjoni tajba u ta' ċertezza legali, li konsegwentement ħolqu wkoll aspettattivi leġittimi fi ħdan id-destinatarji rigward il-legalità tal-miżuri, minħabba t-tul eċċessiv tal-proċedura sħiħa, u b'mod partikolari tal-istħarriġ preliminari, jew minħabba d-dubji dwar id-deċiżjonijiet u l-aġir adottati mill-Kummissjoni matul l-istess proċedura.

(2) It-tieni motiv ibbażat fuq ksur tal-forom proċedurali sostanzjali, f'dan il-każ ksur tad-dritt għal smigħ u fuq nuqqas ta' investigazzjoni.

Fuq dan il-punt huwa affermat li d-deċiżjoni kkontestata ġiet adottata bi ksur tad-dritt għal smigħ u tad-drittijiet tad-difiża tal-partijiet, minħabba l-estensjoni tas-suġġett taħt l-iskrutinju tal-Kummissjoni għal perijodu li huwa barra mill-portata tad-deċiżjoni li tinbeda proċedura ta' investigazzjoni formali.

(3) It-tielet motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 107 u 108(3) TFUE u rikostruzzjoni żbaljata tal-fatti, kif ukoll fuq motivazzjoni insuffiċjenti dwar l-imputabbiltà tal-miżuri kkontestati lill-awtoritajiet pubbliċi.

— Għall-Gvern rikorrent, id-deċiżjoni kkontestata hija żbaljata meta tqis il-miżuri kkontestati bħala imputabbli lill-awtoritajiet pubbliċi mingħajr, madankollu, ma tipprovdi prova adegwata u motivazzjoni suffiċjenti f'dan ir-rigward.

(4) Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur tal-Artikoli 107 u 108(3) TFUE u rikostruzzjoni żbaljata tal-fatti, kif ukoll nuqqas ta' motivazzjoni dwar l-imputabbiltà tal-miżuri kkontestati lill-awtoritajiet pubbliċi.

— F'dan ir-rigward huwa affermat li d-deċiżjoni inkwistjoni tiżbalja meta tikkunsidra li l-aġir ta' SEA ma kienx dak ta' operatur prudenti fl-ekonomija tas-suq mingħajr, madankollu, ma tipprovdi prova adegwata u motivazzjoni suffiċjenti f'dan ir-rigward.

# IT-TRIBUNAL GĦAS-SERVIZZ PUBBLIKU

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-26 ta' Frar 2013 — Labiri vs KESE**

**(Kawża F-124/10)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Dmir ta' assistenza — Artikolu 12a tal-Istatut — Fastidju psikoloġiku — Investigazzjoni amministrattiva)***

(2013/C 114/68)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Vassilliki Labiri (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, A. Coolen, J.-N. Louis, É. Marchal u D. Abreu Caldas, avukati)

*Konvenut:* Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (rappreżentanti: M. Arsène u L. Camarena Januzec, aġenti, assistiti minn M. Troncoso Ferrer u F.-M. Hislaire, avukati)

**Suġġett**

Servizz pubbliku — Talba għall-annullament tad-deċiżjoni li tingħalaq mingħajr tkomplija l-proċedura ta' investigazzjoni amministrattiva li nbdiet wara lment dwar fastidju psikoloġiku mressaq mir-rikorrent.

**Dispożittiv**

(1) *Id-deċiżjoni tat-18 ta' Jannar 2010 tas-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew hija annullata.*

(2) *Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat għall-ispejjeż sostnuti minn V. Labiri.*

([1]) ĠU C 63, 26.02.2011, p. 34.

---

**Sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tas-26 ta' Frar 2013 — Bojc Golob vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-74/11)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Membru tal-persunal bil-kuntratt — Kuntratt għal żmien indeterminat — Rexissjoni)***

(2013/C 114/69)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Aleksandra Bojc Golob (Domžale, is-Slovenja) (rappreżentanti: S. Rodrigues, A. Blot u C. Bernard-Glanz, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Berscheid u D. Martin, aġenti)

**Suġġett**

Servizz pubbliku — Talba għall-annullament tad-deċiżjoni tal-Awtorità li għandha s-setgħa li tikkonkludi kuntratti, li ttemm il-kuntratt ta' xogħol għal żmien indeterminat tar-rikorrenti.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud.*

(2) *Aleksandra Bojc Golob għandha tbati l-ispejjeż tagħha u hija kkundannata tbati l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

([1]) ĠU C 290, 01.10.2011, p. 20.

---

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Frar 2013 — Marcuccio vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-113/11)** ([1])

***(Servizz pubbliku — Artikolu 34(1) u (6) tar-Regoli tal-Proċedura — Rikors ippreżentat permezz ta' faks fit-terminu għall-preżentata ta' rikors — Firma bil-miktub tal-avukat differenti minn dik li tidher fuq l-oriġinal tar-rikors mibgħut bil-posta — Tardività tar-rikors — Inammissibbiltà manifesta)***

(2013/C 114/70)

*Lingwa tal-kawża:it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrent:* Luigi Marcuccio (Tricase, l-Italja) (rappreżentant: G. Cipressa, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti C. Berardis-Kayser u J. Baquero Cruz, aġenti, assistiti minn A. Dal Ferro, avukat)

**Suġġett**

Servizz pubbliku — Talba għall-annullament tad-deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni li tirrifjuta t-talba tar-rikorrent sabiex jitħallas l-arretrati tar-remunerazzjoni dovuti għax-xahar ta' Awwissu 2010.

**Dispożittiv**

(1) *Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.*

(2) *Luigi Marcuccio għandu jbati l-ispejjeż tiegħu u huwa kkundannat ibati l-ispejjeż sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea.*

---

([1]) ĠU C 25, 28.01.2012, p. 69.

---

## Rikors ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2013 — ZZ vs Il-Kummissjoni

**(Kawża F-7/13)**

(2013/C 114/71)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiz*

**Partijiet**

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentant: E. Boigelot, avukat)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett u deskrizzjoni tal-kawża**

Annullament tad-deċiżjoni li tiċħad l-ilment kontra d-deċiżjoni adottata b'risposta għat-talba tar-rikorrent, assenjat fid-Delegazzjoni tal-Kummissjoni f'Antananarivo, il-Madagaskar, intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-diffikultajiet li rriżultaw meta ġie biex jirrisjedi fil-belt imsemmija iktar 'il fuq.

**Talbiet tar-rikorrent**

— tannulla d-deċiżjoni adottata mill-kap tad-diviżjoni fi ħdan id-Direttorat Ġenerali tar-Riżorsi Umani u Sigurtà, li għandha bħala suġġett it-"talba skont l-Artikolu 90(1) tar-Regolamenti tal-Persunal — 0/867/11 intiża sabiex jinkiseb kumpens għad-diffikultajiet li rriżultaw meta ġejt biex tirrisjedi f'Antananarivo", li qalet li din it-talba għandha tiġi miċħuda minħabba l-fatt li "l-kundizzjonijiet meħtieġa għal tali kumpens tad-dannu morali u psikoloġiku" ma humiex sodisfatti inkwantu jirriżultaw mill-fatt li "id-Delegazzjoni għamlet minn kollox sabiex issolvi l-problemi li rriżultaw, billi eżegwiet xogħlijiet supplementari fir-residenza inizjali, u billi pproponietlek, matul l-eżekuzzjoni ta' dawn ix-xogħlijiet, possibbiltajiet alternattivi ta' residenza";

— tannulla r-risposta għall-ilment tar-rikorrent li tgħid li l-Awtorità tal-Ħatra tiċħad l-ilment tiegħu minħabba l-fatt li (i) "ebda irregolarità tad-dipartiment, u wisq inqas illegalità, ma tista' tiġi imputata lill-amministrazzjoni fil-każ inkwistjoni", li (ii) ir-rikorrent "ma pproduċiex l-iċken prova *prima facie* tal-allegati danni morali jew psikoloġiċi" u li (iii) "id-deċiżjoni kkontestata ddewmet fl-evalwazzjoni tal-provi tal-benevolenza tal-amministrazzjoni fir-rigward tal-persuna li qed tressaq l-ilment" u li "skont ġurisprudenza stabbilita, nuqqas ta' motivazzjoni eventwali jista' jiġi rrimedjat permezz ta' motivazzjoni adegwata pprovduta fl-istadju tar-risposta għall-ilment", liema fatt huwa l-każ inkwistjoni;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ħlas, bħala kumpens għad-dannu morali u psikoloġiku tar-rikorrent, provviżorjament evalwat, b'riżerva għal żieda jew tnaqqis fil-mori tal-kawża, għal EUR 30 000;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

---

## Rikors ippreżentat fid-19 ta' Frar 2013 — ZZ vs Il-Kummissjoni

**(Kawża F-18/13)**

(2013/C 114/72)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrent:* ZZ (rappreżentanti: D. Abreu Caldas, A. Coolen, J.-N. Louis u E. Marchal, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

L-annullament tad-deċiżjoni għal proċediment għal kalkolu ta' reklamazzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba qabel id-dħul fis-servizz fuq il-bażi tal-aħbarijiet DGE.

**Talbiet tar-rikorrent**

— jannulla d-deċiżjoni tas-17 ta' Jannar 2012 dwar il-kalkolu tar-reklamazzjoni tad-drittijiet għall-pensjoni miksuba qabel id-dħul tiegħu fis-servizz tal-Kummissjoni;

— sal-limitu meħtieġ, jannulla d-deċiżjoni ta' ċaħda tar-reklamazzjoni tiegħu tat-13 ta' Novembru 2012 intiża għall-applikazzjoni tad-DGE u tar-rati attwarjali fis-seħħ fil-mument tal-applikazzjoni tiegħu tat-trasferiment tad-drittijiet tiegħu għall-pensjoni;

— jikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fis-26 ta' Frar 2013 — ZZ vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-20/13)**

(2013/C 114/73)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* ZZ (rappreżentanti: L. Levi u A. Blot, avukati)

*Konvenuta:* Il-Kummissjoni Ewropea

**Suġġett**

Annullament tad-deċiżjoni impliċita li tiċħad it-talba tar-rikorrent sabiex jiġi kkumpensat għad-dewmien fl-istabbiliment tar-rapporti ta' evalwazzjoni tiegħu għas-snin 2008 u 2009.

**Talbiet tar-rikorrent**

— jannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea li b'mod impliċitu tiċħad it-talba tar-rikorrent imressqa fit-13 ta' Jannar 2012;

— jekk ikun hemm bżonn, jannulla d-deċiżjoni tal-Awtorità tal-Ħatra, tal-20 ta' Novembru 2012, li tiċħad l-ilment imressaq mir-rikorrent fl-24 ta' Lulju 2012;

— jagħti lir-rikorrent is-somma ffissata *ex aequo et bono* u b'mod provviżorju għal EUR 1 għad-danni materjali subiti u għal EUR 1 għad-danni morali subiti;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

---

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tas-27 ta' Frar 2013 — Kimman vs Il-Kummissjoni**

**(Kawża F-16/12)** ([1])

(2013/C 114/74)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-president tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 138, 12.05.2012, p. 33.

---

**Digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-28 ta' Frar 2013 — M vs EMA**

**(Kawża F-47/12)** ([1])

(2013/C 114/75)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

Il-president tal-Ewwel Awla ordna t-tħassir tal-kawża.

([1]) ĠU C 227, 28.07.2012, p. 37.

## PREZZ TAL-ABBONAMENT 2013 (mingħajr VAT, inklużi l-ispejjeż tal-posta b'kunsinna normali)

| | | |
|---|---|---|
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 300 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, stampati + DVD annwali | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 1 420 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L, edizzjoni stampata biss | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 910 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje L + C, DVD fix-xahar (kumulattiva) | 22 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 100 fis-sena |
| Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S), Swieq Pubbliċi u Appalti, DVD, edizzjoni fil-ġimgħa | multilingwi: 23 lingwa uffiċjali tal-UE | EUR 200 fis-sena |
| Il-Ġurnal Uffiċjali tal-UE, serje C — Kompetizzjonijiet | Skont il-lingwa/i tal-Kompetizzjoni | EUR 50 fis-sena |

L-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, li joħroġ fil-lingwi uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, hu disponibbli fi 22 verżjoni lingwistika. Inklużi fih hemm is-serje L (Leġiżlazzjoni) u C (Informazzjoni u Avviżi).

Kull verżjoni lingwistika jeħtiġilha abbonament separat.

B'konformità mar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 920/2005, ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali L 156 tat-18 ta' Ġunju 2005, li jistipula li l-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea mhumiex temporanjament obbligati li jiktbu l-atti kollha bl-Irlandiż u li jippubblikawhom b'din il-lingwa, il-Ġurnali Uffiċjali ppubblikati bl-Irlandiż jinbiegħu apparti.

L-abbonament tas-Suppliment tal-Ġurnal Uffiċjali (serje S — Swieq Pubbliċi u Appalti) jiġbor fih it-total tat-23 verżjoni lingwistika uffiċjali f'DVD waħdieni multilingwi.

Fuq rikjesta, l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jagħti d-dritt li l-abbonat jirċievi diversi annessi tal-Ġurnal Uffiċjali. L-abbonati jiġu mgħarrfa dwar il-ħruġ tal-annessi permezz ta' "Avviż lill-qarrej" inserit f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

## Bejgħ u Abbonamenti

Abbonamenti fil-perjodiċi diversi bi ħlas, bħalma huwa l-abbonament f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, huma disponibbli mill-uffiċini tal-bejgħ tagħna. Il-lista tal-uffiċini tal-bejgħ hi disponibbli fuq l-internet fl-indirizz li ġej:

http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm

**EUR-Lex (http://eur-lex.europa.eu) joffri aċċess dirett u bla ħlas għal-liġijiet tal-Unjoni Ewropea. Dan is-sit jippermetti li jkun ikkonsultat *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* u jinkludi wkoll it-Trattati, il-leġiżlazzjoni, il-ġurisprudenza u l-atti preparatorji tal-leġiżlazzjoni.**

**Biex tkun taf aktar dwar l-Unjoni Ewropea, ikkonsulta: http://europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT